# MALTA TAGĦNA LKOLL
## MANIFEST ELETTORALI **2013**



Malta
tagħna lkoll



# MALTA TAGĦNA LKOLL

Pajjiżna għandu bżonn bidla fid-direzzjoni.

Dan il-programm elettorali huwa *roadmap* ċara ta' fejn irridu naslu flimkien. Mhux xi lista ta' wegħdi, iżda proġett realistiku minsuġ fuq il-viżjoni tagħna li rridu nkunu l-aqwa fl-Ewropa.

Din ir-*roadmap* li qed nippreżentaw ma nbnietx fi ftit ġimgħat. Dan huwa programm ta' ħidma mhux irkant għall-voti.

Fejn hu tajjeb se nibnu fuqu. Fejn għandna bżonn li nibdlu, se nbiddlu.

Fuq kollox iżda, irridu nassiguraw li kulħadd iħossu parti u jikkontribwixxi fis-suċċess ta' pajjiżna.

Għax għalina Malta mhux ta' dak jew l-ieħor. Mhux ta' xi klikka. Malta lanqas ma hi ta' xi politiku jew ta' xi Partit. Dak iż-żmien spiċċa.

Jien dan li nwiegħdek. Li pajjiżek se jkun tiegħek.

Li jekk int żagħżugħ li taspira li tilħaq iktar 'il fuq u timxi iktar 'il quddiem noffrulek l-opportunitajiet kollha li tkompli tistudja u tirnexxi.

Li jekk int ħaddiem, ikollok xogħol li jkun jixraqlek.

Li jekk int fin-negozju, inħalluk taħdem.

Li jekk int anzjan ikollok is-serħan il-moħħ li tgħix komdu kemm tista' f'komunità li tirrispettak.

Li noħolqu *middle-class* ġdida.

Moviment li joffri aspirazzjoni għal kull min irid jimxi 'l quddiem.

Fl-elezzjoni li jmiss int għandek l-opportunità li ġġib il-bidla li pajjiżna jeħtieġ.

Magħna tista' ma taqbilx, iżda magħna tista' taħdem.

Nistiednek tingħaqad magħna.

Nistiednek tingħaqad ma' dan il-moviment tal-bidla u tal-aspirazzjoni.

Malta tagħna lkoll.

Joseph Muscat

# WERREJ

## EDUKAZZJONI


| | |
|---|---|
| L-Edukazzjoni l-Ewwel | 5 |
| L-Edukazzjoni Mhix Ballun Politiku | 6 |
| L-Edukazzjoni Ċavetta għall-Mobbiltà Soċjali | 6 |
| Edukazzjoni Aqwa u Aktar Rilevanti | 6 |
| *One Tablet Per Child* | 8 |
| Ġlieda Kontra l-Illitteriżmu | 8 |
| Għajnuna, Protezzjoni u Tħejjija bi Dritt | 9 |
| Ninvestu Aktar fl-Iskejjel Tagħna | 9 |
| Rispett u Fiduċja fl-Għalliema | 10 |
| Ninvolvu lill-Ġenituri | 10 |
| Skejjel Indipendenti u tal-Knisja | 12 |
| Aktar Żgħażagħ Ikomplu Jistudjaw b'Suċċess | 12 |
| Edukazzjoni Postsekondarja u Vokazzjonali | 12 |
| Edukazzjoni Terzjarja | 13 |
| L-Università ta' Malta Lesta għall-Futur | 13 |
| Opportunitajiet Ġodda u Pluraliżmu fl-Edukazzjoni Terzjarja | 13 |
| Inizjattivi għal Aktar Speċjalizzazzjoni | 14 |
| Insaħħu l-Istipendji | 14 |
| Garanzija għaż-Żgħażagħ: Tagħlim, Taħriġ, Xogħol | 15 |


## EKONOMIJA


| | |
|---|---|
| Tkabbir Ekonomiku li Jilħaq lil Kulħadd | 19 |
| Stabilità u Konsolidazzjoni Fiskali | 19 |
| Innaqqsu l-Piż tat-Taxxi | 20 |
| Għaqal bi Flusek | 20 |
| Nassiguraw Aktar Kontabbiltà u Trasparenza | 22 |
| Naqtgħu l-Burokrazija Żejda | 22 |
| Ninvestu f'Setturi Produttivi li Jġibu Tkabbir Ekonomiku u li Joħolqu x-Xogħol | 23 |
| *Public Private Partnerships* | 23 |
| Settur Privat, Negozji u *Self-Employed* | 23 |
| Inqajmu s-Suq tal-Propjetà b'Mod Sostenibbli | 25 |
| Ċentru Marittimu Ewlieni fil-Mediterran | 25 |
| Servizzi Finanzjarji | 26 |
| Ekonomija Diġitali | 27 |
| Innovazzjoni, Riċerka u Xjenza | 28 |
| Investiment u Manifattura ta' Valur Ogħla | 29 |
| Turiżmu | 30 |
| Biedja u Sajd | 33 |

## XOGĦOL


Xogħol li Jixraqlek 39

Noħolqu Aktar Xogħol 39

*Active Labour Market Policies* 40

Inċentivi Biex Aktar Nisa Jkomplu Jaħdmu 40

Inċentivi Biex il-*Part-Time* Irendi Aktar 40

Inċentivi Biex Persuni fuq il-Benefiċċji Soċjali fit-Tul Jidħlu huma Wkoll fid-Dinja tax-Xogħol 42

Drittijiet u Kundizzjonijiet li Jixirqu lill-Ħaddiema 42

Niġġieldu x-Xogħol Prekarju 42

Ninċentivaw it-Taħriġ 43

Relazzjonijiet Industrijali 43

Ġustizzja 44

Saħħa u Sigurtà 44

Koperattivi 44


## ENERĠIJA


Sfida Ewlenija tal-Lum u ta' Għada 49

Pjan Konkret biex Nindirizzaw l-Isfidi fl-Enerġija 50

Kontijiet Orħos għall-Familji u n-Negozji 50

Ninvestu f'Teknoloġija Ġdida, Naqilbu għall-Gass 50

Jingħalqu l-*Power Stations* tal-Marsa u Delimara l-Antika 52

Ningħaqdu mal-*Grid* Ewropew Permezz tal-*Interconnector* 52

Intejbu s-Sistema tad-Distribuzzjoni 52

Aktar Inizjattivi biex Innaqqsu l-Piż tal-Kontijet 53

Inżidu l-Investiment fl-Enerġija Nadifa 54

Servizz Aħjar għall-Konsumatur 55

Enemalta Vijabbli 55

Esplorazzjoni taż-Żejt 55

## SAĦĦA


Saħħa b'Xejn 59

Sptar Fejn Tinqeda Aħjar u fil-Ħin 59

Innaqqsu l-Istennija u l-*Waiting Lists* 60

Insaħħu l-Kura Primarja: Ċentri tas-Saħħa tal-Ogħla Livell 60

Nimmodernizzaw l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex 62

Ninvestu fir-Riżorsi Umani 62

Mediċini 63

Ġlieda Kontra l-Kanċer 63

Ġlieda Kontra d-Dijabete 64

Strateġija Kontra l-Obeżità 64

IVF 64

Kura Dinjituża għall-Anzjani 64

Saħħa Mentali 65

Saħħa Sesswali 65

Donazzjoni tal-Organi 65

Servizzi Ġodda 65


## LIBERTAJIET ĊIVILI


Nemmnu f'Soċjetà Ħielsa 69

Progress u Libertà 70

Kontra d-Diskriminazzjoni 70

Rispett Lejn id-Diversità 70

Ugwaljanza Bejn Nisa u Rġiel 71

Ugwaljanza fis-Servizz Pubbliku 71


## SOĊJETÀ ĠUSTA


Soċjetà Ġusta Fejn Kulħadd Jista' Jimxi 'l Quddiem 75

Servizzi Soċjali Aħjar 75

Sensittività Soċjali fid-Deċijżonijiet tal-Gvern 76

Il-Familji fiċ-Ċentru 76

Ħarsien u Drittijiet tat-Tfal 76

Rispett u Rwol Attiv għall-Anzjani 77

Għajnuna lir-Romol u Anzjani li Jgħixu f'Darhom 78

Djar tal-Anzjani bi *Standards* Ogħla 78

Pensjonijiet fis-Sod 78

Persuni b'Diżabilità f'Soċejtà Ġusta 79

Naqtgħu l-Faqar 80

Rispett Lejn il-Professjonijiet 81

*Housing* Dinjituż 81


## GĦAWDEX


Xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin 85

Intejbu l-Aċċessibilità 86

Ninvestu fl-Isptar Ġenerali u f'Aktar Servizzi ta' Kura 86

Proġetti għal Qawmien Ekonomiku 87

Ngħinu l-Istudenti Għawdxin 87

Proġetti Soċjali 89

Eco Għawdex 89

Għawdex fl-Unjoni Ewropea 89

## AMBJENT, IPPJANAR U RIŻORSI


Nilħqu l-Miri Ewropej u Nkunu ma' ta' Quddiem 93
Sistema ta' Ppjanar Aktar Effiċjenti 94
Ippjanar Aħjar għal Żvilupp Aktar Sostenibbli 94
Vuċi Aktar Effettiva lill-Għaqdiet Ambjentali 96
Saħħa Ambjentali 96
Arja Aktar Nadifa 97
Trasport li Jniġġes Anqas 97
Riċiklar u Mmaniġġjar tal-Iskart 98
Insalvaw l-Ilma 98
Aktar Zoni Miftuħa 100
Kumpens Ambjentali 100
Green *Economy* 100
Siġar u Msaġar 101
Tibdil fil-Klima 101
Drittijiet tal-Annimali 101
Kaċċa u Nsib 103


## INFRASTRUTTURA


Proġetti Innovattivi u Kreattivi 107
Reklamazzjoni tal-Art 107
Rijabilitazzjoni u Modernizzar Madwar il-Pajjiż 107
Belt Valletta: Kapitali Vibranti 108
Il-Kottonera: Ġawhra Kulturali u Potenzjal Ekonomiku 108
Toroq u Traffiku 108
Nindirizzaw il-Problema tal-*Parking* 109
Trasport Pubbliku 109
Trasport Aħjar u Aktar Effettiv 109


## KONSUMATURI


Ġustizzja mal-Konsumaturi 113
Għoli tal-Ħajja 113
Protezzjoni u Sorveljanza 113
Banek u Servizzi Finanzjarji 114
Drittijiet Televiżivi 114


## SOĊJETÀ ĊIVILI U VOLONTARJAT


Sħubija Soċjali 119
Inċentivi għall-Volontarjat 119
Komunitajiet Barranin 119


## ARTI, KULTURA U KREATTIVITÀ


Lejn Ekoloġija tal-Arti u l-Kultura 123
Ninvestu fil-Kapaċitajiet Kreattivi 123
Valletta 2018 (V18) 124
Arti u Kultura 124
*Performing Arts* 126
Wirt Nazzjonali 127
Ilsien Malti 128
Soċjetajiet Mużikali 128
Ċinematografija u Industrija Awdjoviżiva 128
Moda 129
Artiġġjanat u Snajja' 129
Karnival 129
Niċeċ Kreattivi Ġodda 129

## SPORT


Bl-Isport Inxettlu Kultura Favur Ħajja Aktar Attiva u b'Saħħitha 133

Sport għal Kulħadd 133

Insaħħu l-Istrutturi 133

Ninvestu fit-Talent 134

Immoderinżżar, Titjib u Faċilitajiet Ġodda 134

L-Isport Jgħin l-Ekonomija 135


## ĠUSTIZZJA


Riformi, Drittijiet u Inizjattivi 139

Nindirizzaw Id-Dewmien 140


## SIGURTÀ


Serħan il-Moħħ fil-Komunitajiet 145

Pulizija 145

Forzi Armati 146

Protezzjoni Ċivili 146

Faċilità Korrettiva 146

Drittijiet Ġodda 147

Niddefendu lill-Vittmi u Persuni Vulnerabbli 147

Vjolenza Domestika 147

Sigurtà f'Zoni ta' Divertiment 149

Immigrazzjoni 149


## GVERN EFFIĊJENTI EQREB TAĊ-ĊITTADIN


Gvern b'Bibien Miftuħa Għalik (*Open Government*) 153

Parlament Qrib iċ-Ċittadin 154


## DEMOKRAZIJA U TRASPARENZA


Demokrazija u Trasparenza 159

Politika Nadifa 159

Niġġieldu l-Korruzzjoni 159

Innaqqsu l-Ispiża tal-Politiċi 160

Membri Parlamentari Aktar Kontabbli Lejn il-Poplu 160

Tiġdid Kostituzzjonali 160

Għaqda Nazzjonali 161

Xandir Pubbliku u *Media* 162


## GVERN REĠJONALI U LOKALI


Dritt liż-Żgħażagħ Jivvutaw ta' 16-izl Sena 165

Fuq in-Naħa tal-Familji, Kontra l-Burokrazija 165

Kunsilli Trasparenti 165

Nirriformaw is-Sistema tal-Gwardjani Lokali 166

Faċilitajiet għall-Familja 166

Kunsilli Soċjali 166

Sigurtà fil-Komunità 166

Kunsilli Ambjentali 167

Kunsilli Kulturali 167

Kunsilli Sportiv 167

Konsultazzjoni Effettiva 167


## MALTA MALTIJA, EWROPEA, MEDITERRANJA


Malta fl-Unjoni Ewropea 171

Presidenza EU 2017 171

Malta f'Mediterran Ġdid 172

Malta fid-Dinja 172

L-Ambaxxati Vetrina għal Pajjiżna 172

Maltin li Jgħixu Barra 173

# MANIFEST ELETTORALI **2013**

## PARTIT LABURISTA

# 1

# EDUKAZZJONI

- Aktar investiment fl-iskejjel
- *Tablet* b'xejn għal kull tifel u tifla mir-raba' sena u għall-għalliema
- Inżommu u nsaħħu l-istipendji
- Benefiċċju u stipendju jekk terġa' tmur tistudja wara li titlef jew tieqaf mix-xogħol
- *Career Sabbatical* bi ħlas għall-gradi kollha tal-għalliema
- Pluraliżmu fl-edukazzjoni terzjarja
- Garanzija għaż-żgħażagħ: Tagħlim, Taħriġ, Xogħol





“L-għan ewlieni tagħna
fil-qasam tal-edukazzjoni huwa
li aktar żgħażagħ ikomplu
jistudjaw b’suċċess.”

# 1

## L-EDUKAZZJONI L-EWWEL

Għal Gvern Ġdid, l-edukazzjoni tiġi l-ewwel.

L-edukazzjoni tiġi l-ewwel għax hija l-pedament tal-iżvilupp individwali, soċjali u ekonomiku.

Għax hija ċ-ċavetta tal-mobbiltà soċjali u tal-aspirazzjoni. L-edukazzjoni l-ewwel għax irridu li pajjiżna jkompli jikber fil-ħiliet u l-kapaċitajiet f'dinja dejjem aktar kompetittiva.

L-għan ewlieni tagħna fil-qasam tal-edukazzjoni huwa li aktar żgħażagħ ikomplu jistudjaw b'suċċess. Irridu nagħtuhom l-i*skills* li għandhom bżonn biex isibu l-jobs li jixtiequ.

Biex naslu għal dan, irridu naħdmu biex sa miċ-ċkunija, kull tifla u tifel, huma min huma, jingħataw l-opportunità li jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom. Irridu skejjel li jippreparaw lil uliedna aħjar flimkien ma' għalliema motivati li jkollhom l-opportunità huma wkoll li jirnexxu. Irridu nsostnu u nsaħħu dak li rnexxa bħall-istipendji. Irridu ninvolvu aktar l-għalliema fil-klassijiet. Irridu nirbħu sfidi ewlenin, bħall-illitteriżmu li għadu għoli wisq, iżda fuq kollox irridu nirbħu l-isfida ewlenija, dik li ntejbu, inkabbru u nżidu ż-żgħażagħ li jkomplu jistudjaw wara l-età obbligatorja biex jakkwistaw tagħlim u ħiliet aktar rilevanti għad-dinja tal-lum.

L-edukazzjoni l-ewwel għax irridu lil uliedna jkunu aħjar minna.

L-edukazzjoni l-ewwel biex verament uliedna jirnexxu lkoll.

L-edukazzjoni l-ewwel għax uliedna jixirqilhom l-aqwa.

## L-EDUKAZZJONI MHIX BALLUN POLITIKU

1 L-edukazzjoni m'għandhiex tkun ballun politiku. L-anqas ma hi xi sensiela ta' esperimenti b'uliedna. Gvern Ġdid igib l-interessi tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna l-ewwel u qabel kollox. Għalhekk naħdmu biex filwaqt li nwettqu r-riformi li hemm bżonn, nagħmlu dan b'sens ta' responsabilità sħiħa anki billi fejn hu possibbli jintlaħaq konsensus bl-involviment ukoll tal-*istakeholders* kollha involuti.

## L-EDUKAZZJONI ĊAVETTA GĦALL-MOBBILTÀ SOĊJALI

Nemmnu li l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għall-mobbilità soċjali. Kull tifel u tifla, kull żagħżugħ u żagħżugħa għandhom dritt li jibbenefikaw minn edukazzjoni tal-ogħla livell irrispettivament minn liema familja, lokal jew sitwazzjoni soċjali jkunu ġejjin. Għalhekk,

2 Niggarantixxu li l-edukazzjoni statali tibqa' b'xejn għal kulħadd.

3 Naħdmu biex inżidu l-ammont ta' żgħażagħ li jkomplu jistudjaw u jtejbu l-ħiliet tagħhom wara l-età ta'16-il sena.

4 Nagħmlu ġlieda bla preċedent kontra l-illitteriżmu u l-assenteiżmu li għadu f'livell għoli wisq fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

5 Inżommu u nkomplu ninvestu fis-sistema tal-istipendji.

## EDUKAZZJONI AQWA U AKTAR RILEVANTI

6 Inkomplu bir-riformi fil-qasam edukattiv billi nagħtu aktar importanza lill-konsultazzjoni effettiva ma' kull min għandu interess dirett f'dan il-qasam u nagħmlu ħilitna biex l-għalliema jkollhom *ownership* ta' dawn ir-riformi.

7 Intejbu s-sistema tal-kulleġġi billi nkomplu ninvestu fiha, nipperfezzjonawha u nibnu fuqha. Irridu li l-prinċipali u l-kapijiet tal-iskejjel jaħdmu flimkien b'rispett reċiproku biex nagħmlu minn din ir-riforma waħda aktar ta' suċċess fl-aqwa interess tat-tfal tagħna.

8 Naħdmu biex inżommu baxx in-numru ta' tfal f'kull klassi sabiex niżguraw li kull tifel u tifla jingħataw attenzjoni aktar individwali.

9 Nagħtu aktar prijorità lill-matematika, lix-xjenza u l-ICT sa mill-etajiet bikrin.

10 Indaħħlu suġġetti vokazzjonali fl-edukazzjoni sekondarja b'koordinazzjoni mal-MCAST u l-ITS.

11 Nassiguraw li jkun implimentat b'mod aktar attiv il-bilingwiżmu (Malti u Ingliż), filwaqt li nsaħħu t-tagħlim ta' lingwi oħra.

12 Jiddaħħal sa mill-etajiet bikrin, għarfien akbar ta' *Digital Literacy Skills* bil-għan li sa minn kmieni nedukaw lit-tfal dwar kif għandhom jużaw l-*internet* u s-*social media* aħjar, kemm bħala sorsi importanti ta' informazzjoni kif ukoll mezz ta' komunikazzjoni li jgħinhom jakkwistaw u jtejbu *e-networking skills* aħjar. F'dan il-kuntest ukoll, naċċertaw li ngħallmu lit-tfal jipproteġu lilhom infushom aħjar minn abbuż virtwali.





13 Nippromwovu t-tmexxija tal-finanzi personali bħala parti mill-edukazzjoni tal-istudenti.

14 L-edukazzjoni fiżika titqies bħala ċentrali biex nippromwovu stil ta' ħajja aktar b'saħħitha.

15 Niżguraw li l-politika dwar il-kwalità tal-ikel fl-iskejjel tkun implimentata b'mod aktar effettiv, filwaqt li nintroduċu kampanji edukattivi għal dan il-għan.

16 Nippromwovu l-identità Maltija, Ewropea u Mediterranja ta' pajjiżna permezz tas-sistema edukattiva, filwaqt li nkunu aktar konxji u sensittivi lejn aktar għarfien multikulturali.

17 Naċċertaw li l-kotba u materjal użati fil-kurrikulu jkunu aktar attwali.

## *ONE TABLET PER CHILD*

18 Biex nikkumplimentaw il-politika ta' Gvern Ġdid li ssaħħaħ bil-kbir l-għarfien diġitali sa minn età żgħira, ser inkunu qegħdin nagħtu *Tablet* b'xejn lil kull tifla u tifel fir-raba' sena primarja fl-iskejjel kollha ta' pajjiżna. It-tfal kollha, inkluż dawk fi skejjel indipendenti u tal-knisja jingħataw dan it-*Tablet*.

19 It-*Tablet* jingħata wkoll lill-għalliema, inkluż lil-LSA's kollha. Jinbeda wkoll fl-immedjat, proċess ta' tibdil u aġġornar tal-*laptops* ġodda lill-għalliema u għoti ta' *laptops* lil-LSAs u lill-*kindergarten assistants* kollha.

20 Se nwaqqfu wkoll Fond Nazzjonali *One Tablet per Child Fund*, fejn ser inkunu qed ninkoraġġixxu u ninċentivaw lill-individwi u intrapriżi privati biex minbarra l-Gvern anki huma jkunu jistgħu jikkontribwixxu għal dan il-fond.

21 Nagħtu inċentivi sabiex ngħinu lil individwi, pubblikaturi u kumpaniji jiżviluppaw materjal edukattiv diġitali għal-lingwa Maltija.

22 Inkomplu ninvestu aktar fit-teknoloġija tal *e-learning* u *e-platforms*, filwaqt li nassiguraw li dan l-investiment ikun imsaħħaħ permezz ta' taħriġ adegwat għall-għalliema.

## ĠLIEDA KONTRA L-ILLITTERIŻMU

23 Gvern Ġdid iwettaq ġlieda bħal qatt qabel kontra l-illitteriżmu fil-forom kollha. Għalhekk, inniedu Strateġija Nazzjonali kontra l-Illitteriżmu bil-għan li jiġu identifikati kif għandna nittrattaw b'mod aktar effettiv din il-problema bil-għan aħħari jkun li nnaqqsu drastikament in-numru ta' żgħażagħ li jkollhom problema ta' illitteriżmu.

24 Ħolqa importanti fl-istrateġija ser tkun li nagħtu aktar *empowerment* lill-għalliema u kapijiet ta' skejjel sabiex joħorġu b'inizjattivi u proġetti huma stess li jiffukaw fuq kif jgħinu studenti individwali biex dawn jegħlbu l-illiteriżmu.

25 Inniedu kontinwament aktar kampanji edukattivi dwar l-importanza tal-qari, kemm permezz tal-ktieb tradizzjonali kif ukoll dak diġitali.

26 Naħdmu fuq pjan biex il-libreriji fil-lokalitajiet jieħdu aktar bixra ta' Ċentri ta' Informazzjoni għall-Komunitajiet b'inizjattivi favur aktar informazzjoni u interazzjoni.

27 Insaħħu l-libreriji lokali u tal-iskejjel li huma riżorsa ewlenija li fuqhom irridu nibnu l-isforz nazzjonali favur aktar litteriżmu.

28 Nimmodernizzaw il-Librerija Pubblika Ċentrali. Irridu nagħtu ħajja ġdida lil-librerija b'aktar kotba u riżorsi, kif ukoll b'investiment f'aktar teknoloġija diġitali.

## GĦAJNUNA, PROTEZZJONI U TĦEJJIJA BI DRITT

29 Nimplimentaw programm usa' ta' *screening* għal kull tifel u tifla sabiex nidentifikaw *specific learning difficulties* bħal *dyslexia, discalculia, dyspraxia*, awtiżmu, *ADHD*, *asperger sydrome* u oħrajn minn kmieni kemm jista' jkun, biex nassiguraw li kull tifel u tifla jingħataw l-għajnuna kollha possibbli u ċ-ċans li jagħmlu suċċess.

30 Insaħħu l-istrutturi u r-riżorsi taċ-*Child Development Assessment Unit* (CDAU) bil-għan li nindirizzaw il-problema serja ta' stennija għall-għajnuna.

31 Naċċertaw li jkollna aktar *Learning Support Assistants* biex nassiguraw li kull tifel u tifla jingħataw il-massimu tal-għajnuna.

32 Inkomplu nsaħħu u nwessgħu l-kunċett tajjeb tan-*Nurture Groups* u l-*Learning Support Zones* biex fi żmien stipulat nassiguraw li s-servizz ikun mifrux fl-iskejjel primarji u dawk sekondarji kollha.

33 Nindirizzaw b'impenn akbar il-problema tal-*bullying*, inkluż dak minħabba orjentazzjoni sesswali, razziżmu, etniċità u oħrajn, anki billi nagħtu taħriġ speċifiku lill-għalliema flimkien ma' aktar appoġġ għall-ġenituri u t-tfal infushom.

34 Flimkien mal-*istakeholders* kollha, inħejju pjan li jindirizza bis-serjetà l-problema tal-assenteiżmu mit-tfal bil-għan li dan jinżel drastikament.

## NINVESTU AKTAR FL-ISKEJJEL TAGĦNA

35 Ninvestu u nwettqu programm qawwi ta' mmodernizzar u tisbiħ ta' skejjel fil-lokalitajiet biex nassiguraw li wliedna, huma minn fejn huma, ikollhom l-aqwa u l-aktar infrastruttura rilevanti possibbli.

36 Nassiguraw l-ogħla livell ta' *safety standards* fl-iskejjel kollha għall-ħarsien tal-istudenti nfushom kif ukoll tal-għalliema u l-ħaddiema. F'dan il-kuntest nikkunsidraw l-introduzzjoni ta' servizz tas-sigurtà fl-iskejjel wara konsultazzjoni.

37 Nassiguraw l-ogħla livelli ta' ndafa u iġene fl-iskejjel kollha.

38 Inkomplu bi programm ta' bini ta' skejjel ġodda.

## RISPETT U FIDUĊJA FL-GĦALLIEMA

Gvern Ġdid ikun Gvern viċin l-għalliema u jaħdem id f'id magħhom.

Nemmnu li l-għalliema huma l-aħjar esperti għaliex huma li jwettqu fil-prattika, jiġifieri fil-klassi, l-esperjenza tat-tagħlim ta' wliedna. Huma l-għalliema li jħejju l-ġenerazzjonijiet ta' għada.

39 L-ewwel u l-aktar rwol importanti tal-għalliema jibqa' dak li jgħallmu. Għalhekk, ser nimpenjaw ruħna sabiex nassiguraw li l-għalliema jiffukaw aktar fuq dan ir-rwol u jitnaqqas ix-xogħol klerikali u burokratiku kemm jista' jkun.

40 Nimplimentaw sistema ta' konsultazzjoni diretta u kontinwa mal-għalliema sabiex nibnu koalizzjoni bbażata fuq il-fiduċja bejn il-Gvern, il-Fakultà tal-Edukazzjoni u l-Malta Union of Teachers għat-tifsil u l-implimentazzjoni tal-politika edukattiva.

41 Nilħqu ftehim mal-għalliema, kapijiet ta' skejjel, prinċipali tal-kulleġġi, rappreżentanti tredjunjinistiċi tal-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri biex flimkien naslu għal qafas ta' Kurrikulu Nazzjonali li jkun wieħed ambizzjuż, rilevanti u realistiku filwaqt li jħalli spazju għal kreattività u l-inizjattiva fit-tagħlim.

42 Naħdmu biex jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet kollha involuti biex għalliema jkunu jistgħu jiċċaqilqu bejn skejjel tal-Gvern, tal-Knisja u Indipendenti b'aktar faċilità. Il-ftehim ikun jaħseb biex l-għalliema ma jitilfux mill-anzjanità (*progression*) fis-salarji tagħhom.

43 Inniedu inċentivi għall-għalliema, kapijiet ta' skejjel, prinċipali u dawk kollha fi gradi edukattivi oħrajn, fosthom LSA's u *kindergarten assistants* li jixtiequ jkomplu bl-iżvilupp tal-karriera tagħhom, fosthom perjodu definit ta' *leave* bi ħlas (*sabbatical*) f'każ ta' studju għal żvilupp rilevanti fil-karriera. Fl-istess ħin, nidħlu f'diskussjoni ma' min hu konċernat sabiex insibu l-aħjar mod kif dawn il-benefiċċji jkunu applikabbli wkoll għall-għalliema li jaħdmu fl-iskejjel tal-knisja u dawk indipendenti.

44 Inniedu Konferenza Nazzjonali Annwali li fiha jkunu mistiedna l-għalliema kollha biex kulħadd jingħata l-opportunità jgħaddi s-suġġerimenti u l-kritika tiegħu.

45 Naħdmu biex inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti fis-settur edukattiv biex ikunu jistgħu jirnexxu aktar fil-professjoni tat-tagħlim.

46 Inniedu kampanja edukattiva u informattiva bil-għan li ntejbu l-għarfien u nżidu r-rispett tal-pubbliku ġenerali lejn ir-rwol importanti tal-għalliema fl-iżvilupp edukattiv u soċjali ta' wliedna

## NINVOLVU LILL-ĠENITURI

47 Inkomplu nippromwovu u nagħtu l-appoġġ għal strutturi biex il-ġenituri jinvolvu ruħhom b'mod kontinwu fl-edukazzjoni ta' wliedhom flimkien mal-għalliema u l-kapijiet tal-iskejjel, mingħajr ma tkun kompromessa l-kompetenza professjonali tal-għalliema.





## SKEJJEL INDIPENDENTI U TAL-KNISJA

48 Nibqgħu impenjati favur li l-ftehim ta' finanzjament eżistenti bejn l-istat u l-iskejjel tal-knisja jibqa' fis-seħħ.

49 Il-Partit Laburista jassigura li l-iskejjel tal-Knisja jkollhom awtonomija kurrikulari u awtonomija fir-reklutaġġ u tqassim tal-istaff. Jiftaħ diskussjonijiet mal-Knisja dwar kif tista' tissaħħaħ l-amminstrazzjoni ċentrali li tappoġġja u tikkordina t-tmexxija ta' dawn l-iskejjel.

50 Ngħinu lill-iskejjel indipendenti u dawk tal-Knisja biex jinvestu fi proġetti kapitali sabiex itejbu s-servizzi tagħhom.

51 Intejbu s-sistema preżenti għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom fi skejjel indipendenti biex ikunu jistgħu jieħdu bħala kreditu fit-taxxa mit-tariffi skolastiċi li jħallsu għat-tfal tagħhom.

52 Nidħlu fi ftehim sabiex nassiguraw futur ta' ċertezza għall-iskola Mariam Al Batool biex dan il-mudell edukattiv ta' diversità jibqa' miexi 'l quddiem, tikber u tiżviluppa kif ippjanat.

## AKTAR ŻGĦAŻAGĦ IKOMPLU JISTUDJAW B'SUĊĊESS

53 Mira ewlenija ta' Gvern Ġdid se tkun dik li naħdmu aktar minn qatt qabel biex naċċertaw li aktar u aktar żgħażagħ ikomplu jistudjaw wara l-età ta' 16-il sena. Gvern Ġdid jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex iħeġġeġ, jimmotiva u jinċentiva aktar u aktar żgħażagħ ikomplu bl-istudji tagħhom.

## EDUKAZZJONI POST-SEKONDARJA U VOKAZZJONALI

54 Konxji mill-ammont ta' studenti li jattendu l-Junior College u anki tal-fatt li l-faċilitajiet eżistenti huma inadegwati, ser inkunu qegħdin nirriġeneraw u nimmodernizzaw il-Junior College.

55 Inkomplu ninvestu fil-bini tal-*campus* il-ġdid tal-MCAST.

56 Inniedu kulleġġi post-sekondarji tal-*performing arts* u sportivi fejn studenti jkunu jistgħu jiżviluppaw aktar il-ħiliet artistiċi tagħhom waqt li jistudjaw għall-eżamijiet tal-Matsec.

57 Inkomplu nwessgħu l-firxa ta' korsijiet vokazzjonali li joffri l-MCAST filwaqt li niżguraw li dawn ikunu tal-ogħla kwalità.

58 Ninċentivaw għotjiet mis-settur privat lill-Università, MCAST u istituzzjonijiet edukattivi oħra permezz ta' skemi fiskali.

59 Ninvestu aktar riżorsi fl-isforzi tal-MCAST biex tifrex il-ħidma tagħha barra minn xtutna.

60 Inkomplu ninvestu fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi biex nespandu l-operat għal wieħed aktar internazzjonali b'potenzjal li jkun wieħed mill-aqwa fir-reġjun.

61 Insaħħu s-sistema tal-*National Vocational Qualifications* bħala rikonoxximent għall-ħiliet vokazzjonali filwaqt li niggarantixxu aċċess aktar wiesa' għal taħriġ vokazzjonali.

## EDUKAZZJONI TERZJARJA

Il-politika ta' Gvern Ġdid fil-qasam tal-edukazzjoni terzjarja se tkun imsejsa fuq żewġ binarji ewlenin: l-ewwel, li nassiguraw investiment kontinwu fl-Università ta' Malta biex din tkun waħda dejjem aktar ippreparata u mħejjija għall-isfidi tal-futur, u t-tieni billi nippromwovu u ninċentivaw għażla akbar u opportunitajiet ġodda għal studju fil-livell terzjarju f'Malta stess.

## L-UNIVERSITÀ TA' MALTA LESTA GĦALL-FUTUR

62 Inkomplu ninvestu fl-Università ta' Malta b'mod li ninċentivaw aktar il-kreattività, l-innovazzjonu u r-riċerka.

63 Inwaqqfu Skola tal-Arti fi ħdan l-Università ta' Malta li sservi ta' ħolqa bejna u bejn MCAST.

64 Ninkoraġġixxu proċess kontinwu ta' modernizzar fil-korsijiet universitarji biex dawn isiru aktar attwali u aktar rilevanti għall-bżonnijiet ekonomiċi u soċjali tal-futur.

65 Inħajru lill-Università ta' Malta tinvesti aktar f'*marketing* u f'inizjattivi ġodda għal *distance learning* sabiex tiftaħ swieq ġodda għaliha.

66 Nimmiraw li nżidu l-istudenti internazzjonali li jkunu qed jistudjaw f'pajjiżna.

67 Ninċentivaw lill-Università ta' Malta biex tidħol f'aktar *networks* ta' riċerka u innovazzjoni kif ukoll permezz ta' kuntatti aħjar ma' min iħaddem sabiex jinħolqu sinerġiji u opportunitajiet akbar bejn l-istudenti u min iħaddem.

68 Inħeġġu l-Università ta' Malta tikkunsidra aktar opportunitajiet ta' korsijiet fuq bażi *part-time* filwaqt li tiżgura li dawn ikunu tal-ogħla kwalità.

## OPPORTUNITAJIET ĠODDA U PLURALIŻMU FL-EDUKAZZJONI TERZJARJA

69 Nippromwovu u ninċentivaw għażla akbar u opportunitajiet ġodda ta' studju fuq livell terzjarju f'Malta stess. Biex nagħmlu dan se nikkunsidraw diversi mudelli, fosthom l-attrazzjoni ta' istituzzjonijiet u universitajiet barranin, il-ħolqien ta' kulleġġi terzjari speċjalizzati u ċentri ta' eċċellenza ta' studji avvanzati u riċerka, kif ukoll li jkompli jissaħħaħ ir-rwol tal-MCAST.

70 Naħdmu biex nippromwovu lil Malta bħala l-post ideali li fiha universitajiet barranin u ċentri ta' eċċellenza internazzjonali f'oqsma partikolari, jiftħu *campus* reġjonali f'pajjiżna, anki potenzjalment f'Għawdex.

71 Il-politika favur il-pluraliżmu fil-qasam terzjarju tkun imfassla, imwettqa u koordinata b'tali mod li l-Università ta' Malta mhux biss ma tkunx qed titlef xejn mir-riżorsi tagħha iżda li fil-fatt tibbenifika minn dan.

72 Nagħtu l-appoġġ tagħna lill-ħolqien tal-*Polytechnic of the Mediterranean*, li qed tiġi promossa fuq livell reġjonali, u naħdmu biex parti ċentrali minn din l-istituzzjoni tkun ibbażata f'pajjiżna.

## INIZJATTIVI GĦAL AKTAR SPEĊJALIZZAZZJONI

73 Konxji li pajjiżna għandu bżonn aktar studenti jkomplu jispeċjalizzaw f'livelli *postgraduate* f'oqsma importanti bħas-servizzi finanzjarji, innovazzjoni, inġinerija, ICT, xjenza, *digital arts,* mediċina u oħrajn, ser inkunu qed inwessgħu u nsaħħu l-iskemi ta' boroż ta' studju biex inkomplu noffru aktar opportunitajiet liż-żgħażagħ li jridu jkomplu jistudjaw fuq livell ta' *Masters* u Dottorat kemm fl-Università ta' Malta kif ukoll barra minn pajjiżna.

74 Intejbu l-iskemi *Get Qualified* offruti mill-Malta Enterprise, partikolarment inżidu t-*tax credit* fuq livell ta' PhD għal €25,000 biex inkomplu ninċentivaw aktar speċjalizzazzjoni għolja.

75 Inżidu d-deduzzjoni mit-taxxa fuq studju terzjarji b'€10,000 għal €20,000.

76 Nagħtu *tax credit* ekwivalenti għall-interessi mħallsa fuq self lil dawk li jkomplu bl-istudji fil-livell *post-graduate* u li jkunu ħadu self mill-bank biex jiffinanzjaw l-istudji tagħhom.

77 Nagħtu aktar possibilità lil persuni li qed jagħmlu kors universitarju permezz ta' *distance learning* jew *part-time* jikkwalifikaw għall-għajnuna u *scholarships.*

78 Bħala inizjattiva speċifika, ser ninvestu parti mid-dħul tal-Gvern li ġej mis-servizzi finanzjarji fil-ħolqien ta' boroż ta' studju speċjalizzati fit-taħriġ u studju avvanzat fis-Servizzi Finanzjari.

79 Niżguraw aktar trasparenza u tmexxija effettiva fil-qasam ta' programmi edukattivi ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Dan sabiex naċċertaw li l-istudenti, l-għalliema u l-impjegati tagħna jibbenefikaw minn dawn l-inizjattivi.

## INSAĦĦU L-ISTIPENDJI

80 Għax nemmnu li l-istipendji huma investiment dirett fil-kapaċitajiet taż-żgħażagħ tagħna, qed nagħtu garanzija li l-istipendji jinżammu u jissaħħu. Għalhekk, l-istipendji jibdew jiżdiedu bil-kumpens tal-għoli tal-ħajja pro-rata sabiex nassiguraw li jkunu jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet finanzjarji tal-istudju.

81 Inżidu l-għajnuna supplimentari mal-istipendju lil dawk l-istudenti li jkunu ġejjin minn familji bi dħul baxx. B'hekk nagħmluha aktar faċli għal dawn il-familji li jħajru 'l uliedhom ikomplu jistudjaw fl-Università.

82 Nagħtu l-possibilità lil min jieqaf mix-xogħol jew jispiċċa bla xogħol biex jerġa' lura għall-istudju postsekondarju u terzjarju, billi nagħtu l-istipendju u jkompli jingħata l-benefiċċju tal-qgħad sħiħ.

83 Jibda jingħata l-istipendju lil dawk l-istudenti tal-Junior College, Higher Secondary u MCAST li jkunu jixtiequ jerġgħu jirrepetu sena bil-għan li jidħlu l-Università.

84 Nimplimentaw il-miżura proposta li nagħtu stipendju liż-żgħażagħ ta' 25 sena jew anqas, jew dawk li jkunu ilhom li ggradwaw sa tliet snin, u li jiddeċiedu li jagħmlu sena volontarjat barra l-pajjiż. Għal dawk li jagħmlu xogħol volontarju f'Malta u anki barra, qed tkun proposta wkoll sistema ta' krediti ta' kontribuzzjonijiet soċjali sa perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin, wara li ż-żagħżugħ jew żagħżugħa jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

## GARANZIJA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ: TAGĦLIM, TAĦRIĠ, XOGĦOL

85 Gvern Ġdid jagħti garanzija lil kull żagħżugħa u żagħżugħ li wara l-età ta' 16-il sena, jekk ma jkunux fit-tagħlim, jew ikollhom xogħol, jingħataw taħriġ. L-għan ewlieni ta' din il-garanzija hu li nżidu n-numru ta' żgħażagħ li jkomplu jistudjaw wara l-età obbligatorja u li ntejbu l-kapaċitajiet taż-żgħażagħ permezz ta' taħriġ relevanti.

Biex inwettqu din il-garanzija fil-prattika, ser nimplimentaw politka li tinċentiva u tħeġġeġ it-tagħlim u t-taħriġ kontinwu, sabiex jitjiebu l-kapaċitajiet kollettivi taż-żgħażagħ Maltin, u nżidu l-kompetittività globali ta' pajjiżna. Ser inkunu qed nagħtu inċentivi, anki lis-settur privat biex din il-garanzija titwettaq.

86 B'mod parallel, ser inniedu proġett wiesa' li fih jinġabru l-ħiliet (*skills*) li għandhom iż-żgħażagħ Maltin bil-għan li jinbena dak li jissejjaħ *Skills Bank*. Dan għandu jiffaċilita l-ippjanar meħtieġ għat-tagħlim u t-taħriġ u jgħin kemm liż-żgħażagħ infushom li b'mod volontarju jkunu jistgħu jitħarrġu sabiex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom, kif ukoll lill-industrija u s-settur privat biex tagħraf tikkapitalizza aktar fuq il-kapaċitajiet tal-ħaddiema eżistenti u dawk potenzjali.

# 2

# EKONOMIJA



- Tkabbir ekonomiku li jilħaq lil-kulħadd
- Prijoritajiet aħjar fin-nefqa tal-Gvern
- Diversi miżuri biex naqtgħu l-burokrazija żejda
- *Start Up Tax Credit* għan-negozji ż-żgħar
- *Family Business Act*
- Diversi inċentivi biex inqajmu s-suq tal-propjetà
- Investiment fl-industrija marittima biex biex nagħmlu minn Malta Ċentru Marittimu fil-Mediterran
- Investiment fil-manifattura ta' livell ogħla



"Mira importanti ta' Gvern
Ġdid hija dik li niksbu tkabbir
ekonomiku li jilħaq lil kulħadd."

# 2

## TKABBIR EKONOMIKU LI JILĦAQ LIL KULĦADD

1 Mira importanti ta' Gvern Ġdid hija dik li niksbu tkabbir ekonomiku li jilħaq lil kulħadd.

Biex pajjiżna jikber u jissaħħaħ ekonomikament, jeħtieġ niksbu tkabbir ekonomiku reali u sostenibbli. Jeħtieġ Gvern għaqli li jieħu miżuri li jistimulaw l-ekonomija, li jerġgħu jqajmu n-negozju, li jinċentivaw il-ħolqien tal-impjiegi u li jgħinu fit-tkattir ta' klima li tagħti serħan il-moħħ u tattira lil min irid jinvesti, Malti u barrani.

Ser nieħdu diversi inizjattivi li għandhom jgħinu l-ekonomija tikber b'rata viċin il-potenzjal sħiħ tagħha. It-tnaqqis fil-piż tat-taxxi flimkien mat-traħħis tal-kontijiet tad-dawl huma inċentivi ewlenin li għandhom iħallu aktar flus fil-but. It-tneħħija tal-burokrazija żejda u miżuri favur il-ħolqien tax-xogħol u t-tkattir tal-investiment huma kruċjali biex tikber l-ekonomija b'mod reali u sostenibbli. Aħna nemmnu li kulħadd għandu jkollu l-opportunità li jimxi 'l quddiem. Permezz ta' tkabbir ekonomiku u b'politika soċjali u ekonomika li tassigura li l-ġid jintlaħaq u jinħass minn kulħadd, irridu nerġgħu nxettlu l-mobbiltà soċjali fejn min hu taħt jingħata ċ-ċans li jitla' 'l fuq, fejn il-*middle-class* ma tibqax il-klassi tas-sagrifiċċji iżda terġa' ssir il-klassi tal-aspirazzjoni. Fuq kollox nemmnu li Malta u l-Maltin għandhom il-potenzjal kollu biex inkunu minn ta' quddiem nett, fejn jixirqilna. Irridu li mill-ġid, igawdi kulħadd.

## STABILITÀ U KONSOLIDAZZJONI FISKALI

2 Mira oħra importanti għal Gvern Ġdid hija l-istabilità u l-konsolidazzjoni fiskali. Mingħajr għaqal, prudenza u kontabbiltà fiskali diffiċli jinkiseb tkabbir ekonomiku reali u sostenibbli.

Gvern Ġdid ipoġġi l-istabilità u l-konsolidazzjoni fiskali bħala prijorità, l-aktar permezz tal-kontroll aħjar tad-*deficit* fil-finanzi pubbliċi bil-għan li dan jinżamm f'livell sostenibbli u skont il-kriterji tal-Unjoni Ewropea u z-zona Ewro fil-qafas tal-patt fiskali, filwaqt li jħares lejn *budget* bilanċjat fil-finanzi pubbliċi bħala għanijiet importanti. Gvern Ġdid jaħdem b'impenn u serjetà biex id-dejn nazzjonali jiġi kkontrollat aħjar u ma jibqax jikber b'rata allarmanti kif kiber tul dawn l-aħħar snin.

3 Gvern Ġdid ser ikun qiegħed iżomm il-qafas ewlieni tal-*budget* għas-sena 2013 ġaladarba dan huwa maqbul mal-Unjoni Ewropea, kif imwiegħed. Dan isir b'sens ta' responsabilità u għaqal fl-aħjar interess tal-familji, taż-żgħażagħ, tal-pensjonanti u tan-negozji.

## INNAQQSU L-PIŻ TAT-TAXXI

Ħolqa krucjali fil-politika ekonomika u fiskali ta' Gvern Ġdid hija dik li b'mod responsabbli jitnaqqas il-piż tat-taxxi *(tax burden)*. Nemmnu li permezz tat-tnaqqis fit-taxxi nistgħu nistimulaw aktar l-ekonomija filwaqt li ngħinu lill-familji, l-aktar dawk *middle-class* u dawk vulnerabbli, permezz ta' aktar flus fil-but. Dan nagħmluh billi:

4 Nimplimentaw il-miżura tat-tnaqqis fl-*income tax* kif imħabbra.

5 Immedjatament titneħħa t-taxxa minn fuq il-paga minima u benefiċċji statutorji.

6 Naħdmu attivament biex b'mod gradwali nkomplu naġġustaw il-faxex tal-*income tax* b'mod sostenibbli u responsabbli bil-ħsieb li aktar ħaddiema u familji jgawdu minn tnaqqis fl-*income tax*.

7 Naraw li l-piż tat-taxxa ma jiżdiedx. Irridu nassiguraw ċertezza u serħan il-moħħ matul il-ħames snin li ġejjin. B'hekk, Gvern Ġdid jassigura li l-piż tat-taxxi fuq il-familji u n-negozji ma jiżdiedx.

## GĦAQAL BI FLUSEK

Poplu bil-għaqal jixraqlu Gvern bil-għaqal.

Gvern Ġdid imexxi flus il-poplu b'responsabilità u għaqal, iggwidat mill-valuri tal-kontabbiltà, it-trasparenza u l-ġustizzja soċjali. Nemmnu li flusek għandhom jitmexxew b'għaqal li jfisser, fost oħrajn, li l-Gvern inaqqas mill-ħela u jagħmel iktar b'inqas. Għalhekk,

8 Gvern Ġdid jara li n-nefqa rikorrenti tkun ipprijoritizzata b'għaqal, u li jkun assigurat investiment għaqli fi proġetti kapitali li jrendu tkabbir ekonomiku, joħolqu impjiegi ta' kwalità, itejbu l-infrastruttura, u jgħollu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

9 Inwaqqfu b'mod *bipartisan*, *Team* ta' Azzjoni għat-Tkabbir tal-Ekonomija magħmul mill-aqwa mħuħ intiżi f'diversi oqsma bil-għan li jeżaminaw xi jkun għaddej u kontinwament jagħtu parir lil Gvern Ġdid dwar miżuri u *policies* għat-tisħiħ u t-tkabbir tal-ekonomija.

10 Gvern Ġdid iżid l-isforzi sabiex tkun ikkontrollata attivament l-evażjoni fiskali. L-evażjoni hija inġustizzja ma' min iħallas dak dovut, għalhekk kommessi li nrawmu aktar kultura ta' moralità fiskali fejn iċ-ċittadin jifhem aħjar li t-taxxi dovuti jridu jitħallsu fl-aqwa interess għall-iżvilupp tal-pajjiż. Nemmnu b'konvinzjoni li aktar ma Gvern jibgħat messaġġ ta' responsabilità u għaqal bi flus il-poplu, aktar tista' tiżdied il-moralità fiskali.




BORZA TA’
MALTA

## NASSIGURAW AKTAR KONTABBILTÀ U TRASPARENZA

11 Kull sena l-Gvern għandu jħejji u jippubblika t-tweġiba tiegħu għar-rapport annwali tal-Awditur Ġenerali, fejn jgħid il-miżuri li jkunu se jittieħdu biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali, flimkien ma' spjegazzjoni adegwata dwar punti ta' diverġenza.

12 Fuq il-mudell li tħaddem b'suċċess f'diversi pajjiżi, inwaqqfu Kunsill Fiskali Indipendenti (*Independent Fiscal Council*) magħmul minn nies indipendenti mill-Gvern, fosthom akkademiċi, bl-iskop li jevalwaw il-proġettazzjonijiet tal-Gvern Ġdid u l-metodi li jaslu għalihom, kif ukoll biex iżidu t-trasparenza fil-proċess tal-*budget* u l-miri tat-tkabbir ekonomiku.

## NAQTGĦU L-BUROKRAZIJA ŻEJDA

13 Naħtru Kummissarju responsabbli mis-simplifikazzjoni amministrattiva u t-tnaqqis tal-burokrazija biex jeżamina kontinwament il-prassi burokratiċi fl-entitatijiet tal-Gvern, kif ukoll biex jipproponi u jeżegwixxi metodi kif titnaqqas il-burokrazija b'mod effettiv kif ukoll biex din ma tiżdiedx.

14 Nimmiraw li nnaqqsu b'25% l-proċeduri burokratiċi eżistenti, speċjalment permezz ta' użu aħjar ta' sistemi ta' *ICT* u billi fost miżuri oħrajn, innaqqsu kemm nistgħu d-duplikazzjoni ta' talbiet għall-informazzjoni u mili ta' karti li ħafna drabi tintalab ripetutament minn dipartimenti u entitajiet differenti tal-Gvern.

15 Nagħmlu reviżjoni tal-liġijiet tan-negozju eżistenti biex inneħħu dawk li m'għadhomx ta' użu u sempliċiment huma ta' piż żejjed fuq l-intrapriżi, filwaqt li nimmiraw lejn il-prinċipju ta' "*one in, one out*" f'liġijiet ġodda għan-negozji, biex għal kull liġi ġdida li tiddaħħal, titneħħa oħra li tkun *out-dated*.

16 Nintroduċu l-kunċett ta' *sunset clause* li jkun ifisser li l-liġijiet ma jibqgħux fis-seħħ wara dati stabbiliti sakemm ma jkunx leġislat mod ieħor u b'hekk tiġi evitata burokrazija żejda.

17 Inwettqu bidla pożittiva b'emfasi diretta fuq it-tnaqqis tal-burokrazija billi naraw li kull negozju, biex jopera, ikollu bżonn biss permess wieħed inklussiv li jingħata fi żmien stipulat, u jkollu biss awtorità waħda li jkollu jirrikorri għaliha.  B'hekk inkunu qed nimplimentaw fil-prattika l-politika ta' Gvern Ġdid li nħallu n-negozji jaħdmu, anki fl-ispirtu tad-Direttiva Ewropea tas-Servizzi.

18 Sabiex intejbu s-servizz, innaqqsu d-dewmien, inżidu l-effiċjenza, u naqtgħu l-burokrazija, ser inkunu qed insaħħu u naċċelleraw il-proċess tal-konsolidament tal-funzjonijiet tad-dħul tal-Gvern, fosthom id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tal-VAT u d-Dwana f' awtorità waħda u dan mingħajr ma jkun preġudikat id-dritt tal-privatezza taċ-ċittadin.

## NINVESTU F'SETTURI PRODUTTIVI LI JĠIBU TKABBIR EKONOMIKU U LI JOĦOLQU X-XOGĦOL

Gvern Ġdid iħaddem politika mmirata li ssaħħaħ u tkabbar setturi importanti primarjament dawk tan-negozji u s-*self-employed*, tas-servizzi finanzjarji, l-ekonomija diġitali, il-manifattura ta' valur ogħla, il-qasam marittimu, it-turiżmu, it-tekonoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-oqsma relatati mal-enerġija nadifa u dik alternattiva, propjetà ta' livell u infrastruttura. Fuq dawn is-setturi rridu nkomplu nibnu ekonomija b'saħħitha u moderna li toħloq tkabbir ekonomiku u li għandha tilħaq lil kulħadd.

## *PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIPS*

19 Gvern Ġdid jemmen fil-kapaċitajiet tas-settur privat. Għalhekk, ser nagħtu sinifikat aktar wiesa' u rilevanti lill-mudell ta' *Public-Private Partnership*. Gvern Ġdid jippromwovi u jħaddem fil-prattika aktar dan il-kunċett f'oqsma differenti u ġodda. Gvern Ġdid jirrikonoxxi li l-esperjenza u l-kapaċitajiet tas-settur privat jistgħu jwasslu għal sinerġiji ekonomiċi kbar u aktar produttivi għall-ħolqien ta' aktar opportunitajiet, tkattir ta' ġid ekonomiku, tisħiħ u titjib fil-prodotti u s-servizzi provduti, investiment ġdid u ħolqien ta' aktar postijiet tax-xogħol.

## SETTUR PRIVAT, NEGOZJI U *SELF-EMPLOYED*

Gvern Ġdid jagħraf ir-rwol tiegħu bħala regolatur u faċilitatur li jagħti direzzjoni ekonomika ċara. Gvern Ġdid imexxi b'politika li tagħti l-akbar spazju lis-settur privat u s-*self-employed* ikun il-mutur ewlieni tal-ekonomija, politika li tnaqqas il-burokrazija żejda u l-*government-induced costs* u li tiffaċilita l-aċċess responsabbli għall-finanzjament biex in-negozji jkomplu jinvestu, jikbru u joħolqu aktar xogħol. Gvern Ġdid iħalli lin-negozji jaħdmu.

20 Nagħtu *start up tax credit* ta' €8,000 jew ta'10% tal-ammont tal-investiment u l-pagi tal-ħaddiema fl-ewwel sentejn tal-operat tan-negozju. Dan it-*tax credit* ikun jista' jintuża fuq perjodu ta' erba' (4) snin. Jekk in-negozju jinfetaħ Għawdex, it-*tax credit* ikun ta' €50,000 jew 25% tal-ammont tal-investiment u l-pagi.

21 Nagħtu *tax credit* ta' 150% tal-ispiża tat-taħriġ lil min iħaddem, jekk it-taħriġ jingħata lil persuna li ma tkunx impjegata u li sussegwentament tiġi impjegata wara li jingħatalha t-taħriġ jew jekk it-taħriġ jingħata lill-ħaddiema li jgħinhom itejbu l-kapaċitajiet tagħhom.

22 L-iskemi *MicroInvest, JeremieMicroCredit, MicroGuarantee* u *B.START* jiġu estiżi u msaħħa, filwaqt li jkun iffaċilitat il-proċess biex negozju jikkwalifika għal dawn l-iskemi.

23 B'ħidma u sinerġija mal-banek, u permezz tal-użu aħjar ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, noħolqu skemi ġodda li jgħinu lin-negozji jiffaċilitaw l-aċċess responsabbli għall-finanzjament kemm għal *working capital* u anki għall-investiment biex ikomplu jtejbu l-operat tagħhom, jinvestu u jkabbru. F'dan il-kuntest ukoll, ikompli jkun evalwat it-twaqqif ta' qafas regolatorju li jiffaċilita aktar il-*factoring* bħala mezz ieħor ta' għajnuna.

24 Nippromwovu u ninċentivaw il-ħolqien ta' Bank għall-Iżvilupp bil-għan li nkomplu nsaħħu u nwessgħu s-sistema bankarja li lesta tgħin lin-negozji, proġetti infrastrutturali u proġetti oħrajn partikolarment dawk ġodda u b'ideat innovattivi, biex anki huma jkomplu jikbru, jiżviluppaw u joħolqu l-impjiegi. Dan il-bank jgħin ukoll proġetti u inizjattivi ta' *Public Private Partnerships*.

25 Ninkoraġġixxu, flimkien mas-settur privat, inizjattivi li jipprovdu *Venture Capital Funds* u *Business Angel Funds*, fondi inizjali ta' kapital għall-kumpaniji partikolarment dawk żgħar u medji jew li għadhom deħlin fis-suq b'ideat ġodda u innovattivi, u għall-oħrajn li jridu jippenetraw swieq ġodda.

26 Naraw li s-sistema li biha jkunu sottomessi r-*returns* tal-VAT għal negozji, speċjalment dawk żgħar, tkun aktar faċli, filwaqt li l-multi u penalitijiet mhux ġustifikati u li l-imgħaxijiet għandhom ikunu aktar realistiċi.

27 Inwettqu b'sensittività bidliet fil-liġi biex nassiguraw li *self-employed* u negozji *bona fide* ma jintbagħtux il-ħabs fuq kwistjonijiet purament amministrattivi.

28 Indaħħlu *Family Business Act*, liġi mmirata biex tiffaċilita u tinċentiva t-trasferimenti ta' negozju bejn membri tal-familja. Il-liġi għandha tinkludi definizzjoni ċara ta' x'inhu negozju tal-familja sabiex ma jitħalliex lok għal abbuż.

29 Inniedu skema responsabbli li permezz tagħha negozji li għandhom propjetà mikrija mingħand il-Gvern, jingħataw titlu legali aktar b'saħħtu u li permezz t'hekk ikunu f'pożizzjoni aħjar li jistgħu jinvestu.

30 Nassiguraw li jitneħħa mill-proċess ta' *tenders* pubbliċi xkiel għal kumpanji ġodda jew dawk meqjusa żgħar biex dawn ukoll jingħataw iċ-ċans mistħoqq li jikkompetu ġustament. Fil-qafas tar-regoli tal-Unjoni Ewropea, nallokaw tenders li jkunu għal kumpaniji ż-żgħar.

31 Fil-qafas tar-regoli tal-Unjoni Ewropea tingħata promozzjoni lill-kwalità tal-prodott Malti.

32 Nippromwovu permezz ta' kampanji edukattivi u inizjattivi oħrajn it-tkattir tal-għarfien imprenditorjali maż-żgħażagħ tagħna sa minn etajiet bikrin.

## INQAJMU S-SUQ TAL-PROPJETÀ B'MOD SOSTENIBBLI

33 Nestendu minn seba' snin (7) għal tnax-il sena (12) iż-żmien li matulu venditur ta' propjetà jkun jista' jagħżel jekk iħallasx taxxa fuq il-qligħ jew it-taxxa fuq il-bejgħ ta' 12%, kif propost. Dan qiegħed isir għaliex konxji li minħabba l-vulnerabbiltà tas-suq bħalissa, ħafna qed jispiċċaw iħallsu taxxa fuq profitti li m'għamlux. Din il-miżura għandha wkoll tinċentiva lil vendituri biex propjetajiet eżistenti jinbiegħu bi prezzijiet orħos.

34 Għal dawk li qed jixtru propjetà għall-ewwel darba bħala d-dar fejn joqogħdu (*first time buyers*), ser inkunu qegħdin innaqqsu l-ammont ta' taxxa tal-boll billi nżidu l-ammont taxxabbli bl-orħos rata ta' 3.5% minn € 116,468.67 għal €150,00, kif propost.

35 Titneħħa t-taxxa ta' 5% fuq trasferimenti ta' l-ewwel propjetà residenzjali li titħalla b'wirt jew tingħata b'donazzjoni mill-ġenituri lill-ulied. It-taxxa tal-boll u tat-trasferiment *causa mortis* titneħħa kompletament għall-propjetajiet li jitħallew lill-persuni b'diżabilità.

36 Biex ninċentivaw is-suq tal-kiri tal-propjetà ser indaħħlu *Flat Rate* (*optional*) ta' 15% fuq id-dħul mill-kiri u ċnus ta' propjetajiet residenzjali sabiex il-kiri ma jibqax taxxabbli ħafna drabi bl-ogħla rata ta' 35%. Din il-miżura għandha tinċentiva aktar il-kiri f'suq fejn id-domanda qiegħda dejjem tikber kif ukoll tgħin biex titnaqqas l-evażjoni u jiżdied id-dħul tal-Gvern. L-iskemi b'rata ta' taxxa aktar vantaġġużi għal min jikri propjetà lill-Awtorità tad-Djar fit-tul għal skopijiet ta' *housing* soċjali jibqgħu applikabbli.

37 Noħolqu skemi vantaġġużi u inċentivi fiskali għal min jinvesti fi djar battala f'*Urban Conservation Areas* u jirrestawrawhom.

38 Inneħħu s-sistema tal-perit tal-Gvern għaliex mhux ġust li xhur wara li tkun inxtrat il-propjetà, ħafna qegħdin jispiċċaw f'pożizzjoni li jħallsu multi bla bżonn. Il-valutazzjoni għal skopijiet ta' taxxa ssir f'qafas regolat għal dan il-qasam li jiġi diskuss u deċiż wara konsultazzjoni.

39 Intejbu skemi u programmi eżistenti bħal dik tal-*High Net Worth Individuals* u *Permanent Residence Scheme*, kif ukoll nintroduċu oħrajn ġodda sabiex nagħmluha aktar attraenti biex individwi jitħajru jinvestu fi propjetà f'Malta u Għawdex. Dan isir wara konsultazzjoni wiesgħa ma' min jopera f'dan is-settur.

## ĊENTRU MARITTIMU EWLIENI FIL-MEDITERRAN

40 Gvern Ġdid jagħraf li Malta għandha potenzjal naturali biex issir ċentru marittimu ta' eċċellenza fil-Mediterran. Il-pożizzjoni ġeografika ta' pajjiżna, il-portijiet tagħna, kif ukoll it-tradizzjoni u l-kultura li jmorru lura snin twal għandhom iservu ta' bażi b'saħħitha li fuqhom nistgħu nibnu u naslu għal dan il-proġett ambizzjuż. Gvern Ġdid ikompli jibni fuq il-passi tajbin li diġà ttieħdu, filwaqt li jħaddem politika li tixpruna firxa akbar ta' servizzi relatati mal-qasam marittimu u li tattira investiment akbar mal-privat.

41 Inkomplu ntejbu l-qafas leġislattiv bil-mira tkun li noħolqu skemi attraenti ġodda li permezz tagħhom għandna nattiraw lejn pajjiżna setturi ġodda fil-qasam tas-servizzi finanzjarji relatati mal-qasam marittimu.

42 Inħarsu b'mod ħolistiku lejn proġett għar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-madwar biex nagħmlu minn din il-ġawhra, ċentru aktar attiv, ħaj u ekonomikament b'saħħtu.

43 Fil-kuntest ta' proġetti għar-riġenerazzjoni tal-portijiet, nidentifikaw zoni li jistgħu jiġu ttrasformati u żviluppati b'aktar faċilitajiet moderni relatati mas-servizzi tal-industrija tal-*yachts* u *super yachts*. Dan m'għandux ikun proġett iżolat, iżda ħolqa importanti f'katina ta' proġetti li għandhom jagħtu spinta ġdida lil dan il-qasam.

44 Jiġu evalwati u identifikati aktar possibiltajiet ta' bini jew estensjonijiet ta' *marinas*.

45 Flimkien mal-privat, naraw li nkomplu ntejbu u nsaħħu l-faċilitajiet għall-*Cruise Liners*.

46 Nesploraw il-possibilità ta' titjib u bini ġdid ta' faċilitajiet ġodda ta' *storage* għat-trasbord ta' *cargo* ta' valur għoli bħall-elettroniċi u l-farmaċewtiċi. Permezz ta' dan il-proġett, għandna nassiguraw titjib u użu aħjar tal-faċilitajiet eżistenti kif ukoll inkattru *clusters* ta' servizzi industrijali b'valur miżjud għoli fil-qasam martittimu.

47 Ninvestu aktar fl-MCAST biex ikunu offruti aktar korsijiet relatati fil-qasam marittimu li jwasslu għal speċjalizzazzjoni f'diversi oqsma, anki bil-possibilità li tinħoloq Akkademja Marittima.

## SERVIZZI FINANZJARJI

48 Inkomplu nħaddmu, insaħħu u ninkoraġġixxu politika ta' *consensus* f'dan il-qasam tant importanti għall-ekonomija Maltija. Gvern Ġdid jagħraf il-bżonn kruċjali ta' attitudni *pro-business* favur rispons aktar effettiv u pront mingħajr burokrazija żejda, ħidma favur aktar speċjalizzazzjoni u ħolqien ta' impjiegi relatati u fuq kollox it-tisħiħ tar-reputazzjoni ta' Malta bħala ċentru finanzjarju.

49 Insaħħu r-rwol tat-*Think Tank* li ġie mwaqqaf riċentament sabiex filwaqt li nħarsu lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li diġà saru, inkomplu nwessgħu l-opportunità biex professjonisti jsemmgħu leħinhom b'mod aktar effettiv.

50 Naraw illi l-*Malta Financial Services Authority* (MFSA) tissaħħaħ il-funzjoni tagħha ta' regolatur, filwaqt li tkun aktar iffukata, dinamika u proattiva fit-tisħiħ tar-rwol tagħha.

51 Naċċertaw illi *Finance Malta* tkun f'pożizzjoni li tippromwovi aħjar u b'mod aktar effettiv lil pajjiżna bħala ġurisdizzjoni ideali għall-investiment barrani f'dan il-qasam '*first choice jurisdiction*'.

52 Inżommu pożizzjoni soda quddiem tentattivi ta' armonizzazzjoni fiskali proposti mill-Unjoni Ewropea. Nemmnu li l-proposti tal-introduzzjoni tal-*Financial Transaction Tax* u tal-*Common Consolidated Corporate Tax Base* mhumiex fl-aħjar interess tal-iżvilupp tas-servizzi finanzjarji f'pajjiżna għax jimminaw il-kompetittività ta' pajjiżna f'dan is-settur.

53 Ngħinu u ninkoraġġixxu l-Borża ta' Malta tfittex swieq ġodda u toħloq aktar opportunitajiet.

54 Inkomplu naħdmu sabiex inżidu u naġġornaw il-firxa ta' *double taxation treaties* bil-għan li nkomplu nkattru dan is-settur.

55 Nippromwovu t-twaqqif ta' bank tal-koperattivi u banek speċjalizzati oħra.

## EKONOMIJA DIĠITALI

Gvern Ġdid iqis l-ekonomija diġitali bħala pilastru importanti fil-ħidma biex niksbu tkabbir ekonomiku li jilħaq lil kulħadd. Irridu li Malta tkun fost l-aqwa f'dan il-qasam. Irridu ekonomija robusta u moderna, bit-teknoloġija u l-mezzi ta' komunikazzjoni innovattivi jkunu katalisti importanti għall-progress ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. Irridu nkomplu ninvestu fl-infrastruttura u fl-edukazzjoni primarjament, filwaqt li nieħdu l-miżuri kollha biex ngħinu żgħażagħ jispeċjalizzaw dejjem aktar f'dawn l-oqsma.

56 Naħdmu sabiex bi strateġija ppjanata nnaqqsu kemm nistgħu d-*digital divide*, id-differenza bejn min jaf u għandu aċċess għall-oqsma diġitali u min m'għandux. Irridu nassiguraw dan kemm billi nżidu l-għarfien bażiku (*digital literacy*) partikolarment fost dawk li qatt ma kienu esposti jew interessati fit-tekonoloġija tal-informatika, kemm billi nżidu t-tagħlim sa miċ-ċkunija ta' wliedna, kif ukoll billi jkun żgurat li l-informazzjoni u t-teknoloġija jkunu affordabbli għal kull min jixtieqhom. B'hekk ikun żgurat li ebda ċittadin ma jinqata' barra mis-soċjetà li kull ma jmur qed tiżviluppa f'waħda li tagħraf dejjem aktar il-potenzjal tad-dinja diġitali.

57 Inkomplu ninvestu fl-infrastruttura. Għalhekk, nagħmlu minn Malta u Għawdex fost l-ewwel *wi-fi state* fid-dinja b'kopertura totali ta' *wi-fi* madwar il-pajjiż, billi nipprovdu u nwessgħu l-aċċess b'xejn fil-binjiet pubbliċi, pjazez ewlenin u spazji miftuħa.

58 Nimplimentaw, flimkien mas-settur privat, proġett nazzjonali biex kull dar ikollha l-opportunità li tagħmel użu minn *fibre optic connection* għal servizz aktar affidabbli u ta' kwalità.

59 Nissieħbu f'aktar alleanzi strateġiċi ma' kumpaniji reputabbli fis-settur diġitali bil-għan li noħolqu sinerġiji u benefiċċji reali għaċ-ċittadini u negozji Maltin u Għawdxin.

60 Inkomplu neżaminaw il-potenzjal ta' *open-source software* u *cloud computing* għall-użu governattiv, b'mod li nwessgħu l-potenzjal tal-istruttura teknoloġika governattiva.

61 Nagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ lill-inizjattiva *E-Skills Alliance*, sabiex inkomplu ninvestu bil-kbir fil-kapaċitajiet tar-riżorsi umani li jiġu mħarrġa b'konformità sħiħa mal-opportunitajiet u n-neċessitajiet tal-industrija u s-suq tal-ekonomija diġitali.

62 Inwessgħu u nifirxu aktar is-servizzi tal-Gvern *on-line* b'importanza partikolari tingħata lil żewġ aspetti ewlenin; dik kif dawn is-servizzi jkunu dejjem aktar aċċessibbli għal kulħadd u dik dwar kif se ntejbu l-operat tal-Gvern biex nagħmluh dejjem aktar effiċjenti u anqas burokratiku.

63 Nagħmlu l-qabża li jmiss, dik li nżidu b'mod qawwi s-servizzi tal-Gvern offruti fuq il-*mobile phone* kemm permezz ta' *applications* apposta kif ukoll permezz ta' *websites* aktar *mobile-friendly*.

64 Nużaw it-teknoloġija u t-telekomunikazzjoni bħala mezzi ewlenin ta' kif is-servizz pubbliku jkun eqreb taċ-ċittadin fl-operat tiegħu permezz tal-kunċetti ta' *Open Government* u *e-Democracy* li ser inkunu qed naddottaw. B'hekk iċ-ċittadini jingħataw l-opportunità *on-line* li jagħtu kontribut dirett fid-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Gvern.

65 Nagħtu appoġġ lin-negozji fil-qasam tal-iżvilupp ta' prodotti tal-ICT u oqsma diġitali oħrajn biex sa mill-bidu nett jaddottaw prinċipji ta' '*Born Global*' li jfisser li jħarsu mill-ewwel lejn il-prodott tagħhom b'viżjoni internazzjonali u mhux biss għas-suq lokali.

66 Naħdmu biex nattiraw kumpaniji minn pajjiżi bħaċ-Ċina, l-Indja, Singapore u oħrajn bħala post tal-investiment "*near shore*" għall-Ewropa.

67 Tkun żviluppata l-faċilità ta' *plug in/plug out* għall-kumpaniji ġodda innovattivi fil-qasam tal-ICT u *Digital Content Development*.

68 Inkomplu ninvestu fil-MITA, partikolarment fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-potenzjal tar-riżorsi umani, sabiex din l-aġenzija tassisti aħjar lill-Gvern fid-direzzjoni, konsulenza u fl-operat meħtieġ sabiex pajjiżna jkompli jagħmel passi kbar 'il quddiem fil-qasam tal-informatika.

69 Insaħħu l-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni biex tkun regolatur aktar effettiv u proattiv li jirregola l-industrija permezz ta' standards għolja li jixprunaw il-kwalità.

70 Konxji mill-kompetizzjoni dejjem tiżdied fil-qasam tal-*gaming*. Gvern Ġdid jagħmel dak kollu possibbli sabiex jipproteġi d-drittijiet u l-kompetittività ta' kumpaniji liċenzjati f'Malta. F'dan il-kuntest, nagħmlu sforz akbar u aktar koordinat biex inkomplu nippromwovu lil pajjiżna bħala wieħed proattiv, meqjus serju u reputabbli u li kapaċi joffri serħan il-moħħ għal kull min jixtieq jikseb liċenzja u/jew jinvesti f'pajjiżna. F'dan il-kuntest ukoll, ser inkomplu naħdmu b'serjetà fuq il-pjan imħabbar riċentement, dak li nagħmlu minn pajjiżna *Hub* għall-logħob diġitali.

71 Inwessgħu u nsaħħu r-rwol tal-*Lotteries and Gaming Authority* sabiex naċċertaw li nkomplu nespandu f'dan is-settur, billi nkunu dejjem pass qabel il-kompetituri tagħna u billi noffru servizz eċċellenti, professjonali, żvelt u flessibbli. Irridu nassiguraw ukoll li l-Malta Enterprise taħdem eqreb tal-industrija tal-*gaming* sabiex tippromwovi aktar l-investiment f'dan is-settur.

72 F'qafas ta' strateġija aktar wiesgħa, naħdmu b'mod aktar iffukat sabiex noħolqu servizzi u inċentivi ġodda li permezz tagħhom nistgħu nattiraw kumpaniji involuti fil-qasam tas-*social gaming*, fenomenu li qed jikber b'rata mgħaġġla.

## INNOVAZZJONI, RIĊERKA U XJENZA

73 Nippromwovu aktar l-innovazzjoni u r-riċerka anki billi nżidu l-kapaċità u r-riżorsi ta' organizzazzjonijiet pubbliċi li jidentifikaw ideat ġodda u kreattivi.

74 Nestendu programmi u *scholarships* lill-istudenti u riċerkaturi li jridu jkomplu jispeċjalizzaw.

75 Naraw li l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) jkollu fondi adegwati għar-riċerka u l-innovazzjoni.

76 Inkomplu bil-bini u l-iżvilupp tal-*BioMalta Campus* sabiex jiġi pprovdut spazju u faċilitajiet għall-kumpaniji fl-oqsma tal-*life sciences* u bijoteknoloġija.

77 Niżviluppaw ċentru reġjonali tas-servizzi relatati mal-Propjetà Intellettwali f'Malta filwaqt li nkomplu nsostnu l-inċentivi fiskali li jingħataw meta jsir żvilupp ta' propjetà intellettwali f'Malta.

78 Insaħħu s-sistema tal-privattivi (*patents*) sabiex inżidu l-innovazzjoni u investiment fil-Propjetà Intellettwali.

79 Nallokaw l-*expertise* neċessarja flimkien ma' riżorsi adegwati sabiex niffaċilitaw kemm nistgħu l-proċess li bih riċerkaturi Maltin ikunu jistgħu jirreġistraw l-ideat u l-innovazzjonijiet tagħhom mal-*European Patents Office*.

80 Inħeġġu l-Università u l-MCAST jidħlu f'aktar *networks* ta' riċerka u innovazzjoni.

81 Nappoġġjaw u ninċentivaw il-proġett *Eniac Industrial Project Lab4MEMS*, proġett bejn l-ST *Microeletronics* u d-Dipartiment tal-*Micro and Nanoelectronics* fl-Università ta' Malta.

## INVESTIMENT U MANIFATTURA TA' VALUR OGĦLA

82 Nemmnu li l-industrija tal-manifattura għad għandha postha llum u fil-futur f'pajjiżna. Minn dan is-settur jiddependu eluf ta' żgħażagħ u familji. Għalhekk, infasslu strateġija nazzjonali dwar il-futur tal-manifattura f'Malta bil-għan li nidentifikaw liema huma dawk is-setturi li l-aħjar li naħdmu fuqhom u ninvestu fihom, kif se nattiraw aktar investiment barrani dirett ta' valur ogħla, kif ukoll x'miżuri għandhom jittieħdu biex jiġi megħjun aktar l-investiment diġà fostna.

83 Konxji li ħafna drabi investituri Maltin u Għawdxin isibu ma' wiċċhom xkiel aktarx bla bżonn, naċċertaw li dan ma jibqax iseħħ assolutament, bl-importanza li tingħata tkun fuq il-livell ta' investiment u definittivament mhux anqas minn dik li tingħata lill-barrani.

84 Nassiguraw illi l-*Malta Enterprise* tkun strutturata aħjar u ffukata aktar fuq ir-rwol ewlieni tagħha, dak tal-promozzjoni tal-investiment dirett barrani u lokali skont strateġija ċara u konsistenti. Dan isir flimkien ma' rwol kummerċjali aktar attiv tal-Ambaxxati Maltin f'pajjiżi barranin.

85 Intejbu s-sistema eżistenti ta' inċentivi għall-investiment dirett barrani (FDI) biex nagħmlu minn pajjiżna wieħed dejjem aktar *business friendly*, attraenti u kompetittiv biex jattira investiment barrani ġdid. Intejbu u nħaffu s-sistemi amministrattivi u proċeduri għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal dawn l-inċentivi biex inkunu aktar proattivi u effiċjenti.

86 Permezz ta' koperazzjoni meqjusa mal-investituri, Gvern Ġdid jara li l-proġett ta' *Smart City* jilħaq il-milja tiegħu biex jiġi assigurat li l-obbligi jkunu onorati u li l-investiment li għamel il-poplu Malti jrendi f'wieħed li joħloq ix-xogħol u jtejjeb l-ekonomija.

87 Nagħtu ħajja ġdida lill-*Business Incubation Centre* biex ikun aktar effettiv.

88 Inkomplu bl-investiment u xogħol ta' tisbiħ fiz-zoni industrijali.

89 Nippromwovu politika ta' *clustering* ibbażata fuq il-komplimentarità u fatturi oħra.

90 Fl-industrija tal-Avjazzjoni, inkomplu bl-investiment fl-*Aviation Park* f'Ħal Safi bil-għan li nattiraw aktar investiment u impjiegi ġodda f'dan il-qasam.

91 Permezz ta' sistema kompetittiva ta' tassazzjoni u inqas burokrazija nattiraw aktar reġistrazzjoni u bbażar ta' kumpaniji ta' avjazzjoni f'pajjiżna.

92 Inkattru l-manifattura ta' valur miżjud għoli u servizzi industrijali marbuta mal-qasam marittimu wkoll permezz ta' spazji strateġikament lokalizzati.

## TURIŻMU

It-turiżmu huwa pilastru ewlieni tal-ekonomija li jipprovdi l-għejxien lil eluf ta' ħaddiema kemm b'mod dirett u indirett. Jibqa' għalhekk kruċjali l-investiment kontinwu fil-qasam tat-turiżmu biex flimkien mas-settur privat nassiguraw li Malta ssir destinazzjoni dejjem aktar attraenti u mfittxija bil-għan li jiżdiedu kemm it-turisti li jżuru pajjiżna kif ukoll l-impjiegi fis-settur u l-profittabilità ta' min jinvesti.

93 Gvern Ġdid iqiegħed f'Ministeru wieħed it-Turiżmu u l-Air Malta biex nassiguraw aktar koerenza, armonija u viżjoni f'dan il-qasam importanti.

94 Inniedu u nimplimentaw bis-serjetà Strateġija Nazzjonali dwar it-Turiżmu li tidentifika b'mod ċar id-diversi oqsma li fihom irid isir tkabbir u titjib, filwaqt li timxi id f'id ma' dik dwar l-Air Malta u dik dwar l-aċċessibbiltà lejn pajjiżna bl-ajru u l-baħar fosthom il-*low cost carriers* u l-*cruise liners*.

95 L-Istrateġija Nazzjonali dwar it-Turiżmu għandha tidentifika u tenfasizza wkoll x'passi u miżuri konkreti għandhom jittieħdu biex jitjieb it-turiżmu waqt il-perjodu tax-*shoulder months* u x-xitwa sabiex tissaħħaħ is-sostenibilità tal-industrija tat-turiżmu.

96 L-istrateġija Nazzjonali dwar it-Turiżmu għandha tidentifika wkoll pjan ċar għat-turiżmu f'Għawdex.

97 Nibqgħu nagħtu valur ewlieni lill-importanza strateġika tal-Air Malta billi tibqa' l-linja tal-ajru nazzjonali u parti integrali mill-istrateġija turistika ta' pajjiżna. Għalhekk, naħdmu biex naraw li l-Air Malta tissaħħaħ u tespandi f'kuntest reġjonali.





98 L-Air Malta għandha tħares lejn swieq ġodda bil-għan li tara kif b'għaqal tidħol għalihom bil-għan li żżid id-dħul.

99 Ninċentivaw l-investiment dirett fil-prodott turistiku, billi nagħtu lil-lukandi liċenzjati *tax credit* ekwivalenti għall-15% tal-ammont li dawn jinvestu, kif propost.

100 Inħaffu u ntejbu l-ipproċessar amministrattiv ta' ħruġ ta' *visas* għal turisti sabiex ma noħolqux *bottlenecks* bla bżonn għall-iżvilupp turistiku u ekonomiku.

101 Nimplimentaw bis-serjetà pjan bħala parti mill-istrateġija turistika, dwar x'passi għandhom jittieħdu biex niċeċ eżistenti u li s'issa rreġistrajna suċċess fihom, bħal dak tal-*cruise liners*, *diving*, *leisure*, tagħlim tal-lingwi, turiżmu kulturali u oħrajn ikomplu jissaħħu u jikbru.

102 Nidentifikaw skemi ġodda u fondi mill-Unjoni Ewropea indirizzati biex ngħinu lil-lukandiera jagħmlu investiment fit-titjib tal-faċilitajiet tagħhom.

103 Nesploraw attivament diversi possibilitajiet biex nattiraw lejn pajjiżna turiżmu mediku, kemm fil-qasam edukattiv u anki dak ta' bżonn ta' kura.

104 Nippromwovu aktar lil pajjiżna bħala destinazzjoni għal turiżmu relatat mal-*business* u konferenzi (MICE).

105 Nippromwovu aktar lil pajjiżna bħala destinazzjoni ideali għal *short-break holidays* li huma swieq li kull ma jmur dejjem qegħdin jikbru.

106 Insaħħu l-preżenza tal-Malta Tourism Authority *on-line* billi nassiguraw aktar riklamar speċifiku, partikolarment fuq *social media*.

107 Niżviluppaw bis-serjetà u nieħdu miżuri prattiċi biex il-kunċetti ta' agro-turiżmu u eco-turiżmu jiġi ffaċilitati aktar anki biex nassiguraw sostenn u riġenerazzjoni ta' diversi zoni rurali f'pajjiżna.

108 Nippromwovu lil pajjiżna bħala destinazzjoni eċċellenti għal turizmu kulturali u reliġjuż kif ukoll għal niċeċ relattivament ġodda bħal dawk fil-qasam artistiku, snajja Maltin u gastronomija.

109 Noħolqu *sea heritage trail* bejn il-fortizzi kollha tal-Port il-Kbir, bl-użu tad-daħliet oriġinali fil-fortizzi mill-baħar, biex isservi ta' attrazzjoni ġdida.

110 Nindividwaw u norganizzaw *trekking routes* madwar Malta u Għawdex, b'mod li jservu bħala l-bidu ta' proġett biex il-mixi fil-kampanja jsir dejjem aktar attrazzjoni turistika ġdida u ambjentalment sostenibbli għal suq li qed jikber.

111 Inniedu u nimplimentaw politika dwar l-immaniġġjar aħjar u *upgrades* ta' zoni turisitiċi anki b'ħidma diretta mal-kunsilli lokali u mas-settur privat.

112 Niffurmaw *Action Teams* b'*budgets* speċifiċi li taħt ir-responsabilità tagħhom ikollhom gruppi speċjalizzati ta' ħaddiema biex jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u l-*upgrade* kontinwu taz-zoni turistiċi.

113 Noħolqu *unit* speċjalizzat fi ħdan il-Pulizija li jkun imħarreġ biex jieħu ħsieb zoni turistiċi u tittejjeb is-sigurtà u s-servizz għal turisti li jżuruna.

114 Jitwettaq il-proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali.

115 Nippromwovu x-xogħol fil-qasam turistiku mill-ġdid bħala karriera fiha nnifisha.

# BIEDJA U SAJD

116 Nistabbilixxu mill-ġdid politiku responsabbli għall-Biedja u s-Sajd biex nagħtu l-importanza mistħoqqa lil dawn l-oqsma.

117 Nagħmlu sforz qawwi ta' *marketing* tal-prodott Malti fi swieq barranin permezz ta' aġenzija speċjalizzata. Dan nagħmluh ukoll fil-kuntest tal-bżonn li jkollna, bħall-pajjiżi l-oħrajn kollha, prodotti Maltin reġistrati taħt il-*Quality Marks* tal-Unjoni Ewropea.

118 Naċċertaw aktar koerenza u armonizzazzjoni ma' *policies* nazzjonali oħrajn bħall-ambjent, it-turiżmu, il-*waste-management* u oħrajn sabiex nassiguraw li nkunu fl-aħjar pożizzjoni biex nieħdu l-massimu ta' fondi possibbli allokati mill-Unjoni Ewropea taħt diversi skemi u programmi differenti.

119 Jitniedu skemi biex jinkoraġġixxu lill-bdiewa *part-time* b'mod li ninkoraġġuhom aktar ikomplu f'dan ix-xogħol.

120 Indaħħlu proviżjonijiet legali li jidentifikaw il-*young farmer* kemm għal skopijiet ta' għajnuna speċifika minn fondi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll biex ninċentivaw u nrawmu l-kontinwazzjoni tal-biedja f'pajjiżna.

121 Nagħtu lill-bdiewa u r-raħħala li qed jaħdmu art tal-Gvern titlu aktar b'saħħtu u aktar fit-tul b'ċens favorevoli biex insaħħu aktar idejn il-bdiewa meta fost l-oħrajn jissottomettu applikazzjonijet għall- fondi mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll meta jiġu biex jinvestu. F'dan il-kuntest ukoll, nikkunsidraw talbiet speċifiċi għal *change of use* f'każijiet ġenwini.

122 Inkomplu niffaċilitaw it-trasferiment tal-art bejn bdiewa jew raħħala, speċjalment dak bejn membri fl-istess familja jekk l-art tibqa' tintuża għal skop ta' biedja jew trobbija ta' bhejjem. F'dan il-kuntest, applikazzjonijiet u talbiet validi li saru snin ilu li iżda fuqhom baqa' ma sar xejn, jiġu identifikati u indirizzati fl-iqsar żmien possibbli. Talbiet bħal dawn jingħataw kunsiderazzjoni speċjali jekk trasferiment isir favur *young farmers*.

123 Inħarsu lejn il-possibilità ta' rilokazzjoni ta' rziezet mill-abitat *urban* għal żoni identifikati apposta. Tingħata għajnuna finanzjarja sabiex ittaffi u tiffaċilita r-rilokazzjoni lil dawk is-sidien li jagħżlu li jipparteċipaw.

124 Nagħtu l-opportunità lill-bdiewa jibbenefikaw huma wkoll minn skemi bħall-*MicroInvest* u skemi oħrajn.

125 Ninċentivaw lill-bdiewa li jinvestu f'sistemi ta' irrigazzjoni li jaħlu anqas ilma u f'sistemi ta' teknoloġija aktar effiċjenti u ambjentalment sostenibbli.

126 Ngħinu lir-raħħala Maltin, bħal dawk li jrabbu l-majjali, it-tiġieġ u l-għoġġiela, biex nagħtu nifs ġdid lil dawn l-oqsma u ma nħalluhomx ikomplu jaqgħu lura. Dan isir permezz ta' għajnuniet diretti fuq il-prezzijiet tal-ġwież fost l-oħrajn. Dan isir f'qafas ta' dak li jippermettu r-regoli tal-Unjoni Ewropea.

127 Ngħinu lill-produtturi tal-ħalib permezz ta' għajnuniet speċifiċi u diretti lejn it-titjib fl-infrastruttura u l-operat tagħhom.

128 Naraw li l-produtturi tal-għeneb u dawk tat-tadam ikollhom l-għajnuna neċessarja u meħtieġa biex ikomplu jinvestu fil-prodott tagħhom.

129 Ninkoraġġixxu aktar ċertifikazzjoni ta' prodotti tipiċi Maltin kemm biex tinżamm it-tradizzjoni kif ukoll għall-*marketing* tal-prodott.



130 It-titjib fil-klassifikazzjoni ta' prodotti tradizzjonali Maltin u Għawdxin isir biex il-produtturi tagħna jingħataw ċertifikazzjoni, promozzjoni u protezzjoni minn kompetizzjoni inġusta.

131 Intejbu l-operat tal-pitkalija, il-biċċerija u l-pixkerija biex nassiguraw aktar trasparenza u effiċjenza, anki bl-introduzzjoni ta' aktar teknoloġija tal-informatika, kif ukoll faċilitajiet li jgħinu fit-titjib tal-prodott.

132 Nagħtu importanza lill-iżvilupp tal-biedja organika.

133 Inniedu programmi ta' għajnuna u skemi ta' assigurazzjoni għall-bdiewa u r-raħħala li jsofru ħsarat jew mard fil-prodotti u l-bhejjem. Bl-istess mod, indaħħlu programmi u skemi ta' assigurazzjoni għas-sajjieda.

134 Inwaqqfu Kunsill Konsultattiv dwar il-Biedja u ieħor dwar is-Sajd b'rappreżentanza tal-Koperattivi f'dawn l-oqsma biex ikun forum fejn b'mod regolari ssir konsultazzjoni bejn il-persuna responsabbli politikament minn dan il-qasam u dawk kollha involuti.

135 Inħejju strateġija nazzjonali dwar is-sajd u l-akwakultura, sabiex naraw li din l-industrija jkollha futur, fejn niffukaw fuq riċerka, l-innovazzjoni fil-proċessi, il-*marketing* u s-sostenibilità.

136 Insostnu l-iskema eżistenti biex sajjieda jkunu eżenti mill-ħlas tal-VAT fuq *diesel* li jinxtara għall-operat tagħhom.

137 Insostnu l-iskema ta' kumpens finanzjarju lis-sajjieda fl-eventwalità li l-istaġun jingħalaq.

138 Nikkreditaw il-bolla lis-sajjieda sa massimmu ta' tliet (3) xhur meta l-istaġun tas-sajd ikun magħluq.

139 Naċċertaw li l-*Hardstanding facility* titmexxa b'mod aktar trasparenti u effettiv potenzjalment anki bl-involviment tal-koperattivi fil-qasam tas-sajd.

140 Inkomplu bl-investiment ippjanat ta' bini ta *breakwater* ħdejn il-*hardstanding facility*, kif ukoll ir-restawr ta' dak eżisteni ħdejn il-*power station* ta' Delimara.

141 Nassiguraw li l-pożizzjoni ta' Gvern Ġdid mal-Unjoni Ewropea tieħu inkunsiderazzjoni u tkun tirrifletti qafas aktar sostenibbli għas-sajjieda Maltin u Għawdxin.

# 3

# XOGĦOL

- Miżuri biex inżidu l-parteċipazzjoni fil-qasam tax-xogħol
- *Childcare Centres* mingħajr ħlas għall-familji
- Taxxa orħos fuq il-*part-time* biex ninċentivaw ix-xogħol u l-bżulija
- *Tax Credit* ta' €2000 lil kull mara 'l fuq minn 35 sena li toħroġ taħdem għall-ewwel darba
- *Tax Credit* lill-*employer* li jħarreġ lill-ħaddiema
- Inċentivi biex persuni jidħlu fid-dinja tax-xogħol flok jibqgħu fuq benefiċċji soċjali fit-tul
- *Charter* għad-drittijiet tal-ħaddiema
- Ġlieda kontra x-xogħol prekarju





“Gvern Ġdid ikun impenjat u ffukat fuq il-ħolqien ta’ aktar xogħol u xogħol li jixraqlek.”

# 3

## XOGĦOL LI JIXRAQLEK

Gvern Ġdid ikun impenjat u ffukat fuq il-ħolqien ta' aktar xogħol u xogħol li jixraqlek. Inħarsu lejn il-politika tax-xogħol mhux biss mil-lenti kwantitattiva li hija importanti, iżda wkoll mil-lenti tal-kwalità tal-impjiegi li rridu noħolqu. Irridu jobs li jixirqu liż-żgħażagħ tagħna, lill-familji tagħna, lill-persuni b'diżabilità, lil kull min jixtieq jaħdem. B'xogħol li jixraqlek nifhmu job li permezz tiegħu tilħaq u tiżboq l-aspirazzjonijiet tiegħek. Nifhmu job li jagħtik sodisfazzjon, li jsarraf f'karriera b'paga u kundizzjonijiet tajba li jippremjaw il-bżulija u l-ħiliet tiegħek. Nifhmu job li jirrispetta d-dinjità tiegħek, bi drittijietek imħarsa.

B'xogħol li jixraqlek, tirnexxi u tista' tgħix aħjar.

## NOĦOLQU AKTAR XOGĦOL

Gvern Ġdid jagħraf li s-sitwazzjoni fil-qasam tax-xogħol f'pajjiżna hija sfida li trid tintrebaħ biex tissarraf f'ġid illum u għada. Minħabba l-iżvilupp demografiku tal-popolazzjoni dejjem tixjieħ, irridu nieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex nindirizzaw din l-isfida, anki relatata mas-sostenibilità tal-pensjonijiet. Għalhekk Gvern Ġdid ser jaħdem fuq dawn il-binarji biex noħolqu aktar xogħol:

- Billi nżidu n-numru ta' nies jaħdmu permezz ta' diversi miżuri u inċentivi intiżi għal dan il-għan, kemm b'għajnuna lil gruppi speċifiċi kif ukoll b'inċentivi diretti lil min iħaddem.
- Billi ninċentivaw speċifikament lin-nisa biex dawn jidħlu aktar fid-dinja tax-xogħol u jibqgħu jipparteċipaw attivament għal perjodu itwal ta' żmien.
- Billi ntejbu l-kapaċitajiet ta' dawk li diġà qegħdin jaħdmu sabiex jakkwistaw aktar ħiliet bil-għan li jżidu l-produttività tagħhom u jwessgħu l-orizzonti tagħhom.
- Billi nattiraw lil dawk li jkunu ilhom perjodi twal fuq is-servizzi soċjali u jkollhom il-potenzjal li jaħdmu biex effettivament jidħlu fid-dinja tax-xogħol u jsiru produttivi.
- Billi fuq kollox, noħolqu klima fejn dawk kollha li jaħdmu jħossuhom mhux biss li qed jaqilgħu l-għejxien tagħhom, iżda kontributuri u parteċipi fis-suċċess ekonomiku u t-tkabbir tal-ġid.

## *ACTIVE LABOUR MARKET POLICIES*

1 Gvern Ġdid jikkonferma l-politika tiegħu favur *active labour market policies* kif espressa fir-ratifikazzjoni tal-programm Jobs+ flimkien mal-imsieħba soċjali. Għal dan il-għan, Gvern Ġdid iwaqqaf l-*Active Labour Market Policy Counselling and Action Committee* kif propost u maqbul sabiex jixpruna l-politika tax-xogħol imsejsa fuq ALMP flimkien mal-imsieħba soċjali kollha.

## INĊENTIVI BIEX AKTAR NISA JKOMPLU JAĦDMU

2 Nipprovdu l-opportunità lill-familji Maltin u Għawdxin jibagħtu lil uliedhom f'*childcare centre* mingħajr ħlas. Din il-miżura mistennija tkompli tħeġġeġ aktar ġenituri, l-aktar nisa, jidħlu fis-suq tax-xogħol jew ikomplu jaħdmu. Dan il-proġett, li mistenni joħloq mijiet ta' impjiegi relatati, isir fost l-oħrajn, bi sħab mal-privat permezz ta' *public private partnership*.

3 Għal dawk il-familji li xorta jkunu jixtiequ jibagħtu 'l uliedhom f'*childcare centres* privati, ser inżidu l-benefiċċju ta' deduzzjoni mill-*income tax* fuq miżati taċ-*childcare centres* għal €2,000.

4 Inkomplu nifirxu u nsaħħu s-servizzi li jingħataw permezz ta' Klabb 3-16 għal dawk il-familji li uliedhom għandhom aktar minn tliet (3) snin.

5 Biex inkomplu nżidu u ntejbu l-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, ser nagħtu *tax credit* ta' €2,000 lil kull mara li tidħol fid-dinja tax-xogħol u li għandha ħamsa u tletin (35) sena jew aktar u qatt ma tkun ħadmet qabel.

6 Inkomplu nsaħħu skemi ta' *flexitime*, *job sharing*, *compressed week*, *reduced hours* u *teleworking*.

## INĊENTIVI BIEX IL-*PART-TIME* IRENDI AKTAR

7 Konxji li ħafna ħaddiema, studenti u pensjonanti jħossu l-bżonn li jaħdmu *part-time* biex itejbu d-dħul finanzjarju tagħhom, ser inkunu qegħdin innaqqsu t-taxxa fuq il-*part-time*. Dan se nagħmluh billi ngħollu minn €7,000 għal €10,000 l-ammont taxxabbli bir-rata ta' 15%. Permezz ta' din il-miżura ser inkunu qegħdin inħallu aktar flus fil-bwiet tan-nies, filwaqt li nkunu qegħdin noħolqu opportunità għal dħul ġdid għall-Gvern li possibbilment ma jkunx iddikjarat qabel.

8 Persuni li jaħdmu *full-time*, studenti jew pensjonanti li jkollhom ukoll negozju bħala *part-time*, u li miegħu jkunu jħaddmu sa mhux aktar minn żewġ (2) ħaddiema, ser jibdew igawdu mir-rata ta' taxxa orħos ta' 15% fuq l-ewwel €12,000. Din il-miżura pożittiva ser tinċentiva t-tkattir ta' negozji żgħar filwaqt li tagħti inċentiv lin-negozji *micro* jimpjegaw in-nies u jħallsu rata tat-taxxa *part-time*, xi ħaġa li bħalissa ma jistgħux.





## INĊENTIVI BIEX PERSUNI FUQ IL-BENEFIĊĊJI SOĊJALI FIT-TUL JIDĦLU HUMA WKOLL FID-DINJA TAX-XOGĦOL

9 Noħolqu inċentivi biex persuni li ilhom fuq il-benefiċċji soċjali u li potenzjalment jistgħu jaħdmu, nattirawhom jidħlu fid-dinja tax-xogħol produttiv.

10 Gvern Ġdid jinvesti u jimplimenta skemi u miżuri li jinċentivaw lil min iħaddem jimpjega jew joffri taħriġ lil persuni meqjusa żvantaġġati bil-għan li dawn jidħlu fid-dinja tax-xogħol produttiv. Għalhekk ser insostnu l-investiment minn fondi tal-Unjoni Ewropea fi programmi bħal *Employment Aid Programme* u oħrajn, filwaqt li noħolqu inċentivi ġodda.

11 Tibqa' tingħata l-*allowance* ta' €25 fil-ġimgħa lil dawk il-ħaddiema li qegħdin bil-paga minima, dawk fuq bażi *part-time* u dawk fuq bażi *full-time* b'paga anqas minn €300 fil-ġimgħa, jekk dawn jieħdu taħriġ biex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom.

## DRITTIJIET U KUNDIZZJONIJIET LI JIXIRQU LILL-ĦADDIEMA

12 Gvern Ġdid jassigura ħidma li d-drittijiet tal-ħaddiema jiġu mħarsa, fil-prattika. Għalhekk, Gvern Ġdid ikun aktar assidwu sabiex jassigura li d-drittijiet tal-ħaddiema ma jkunux bl-ebda mod mittiefsa.

13 Jitħejja, flimkien mal-*unions* u mal-għaqdiet ta' min iħaddem, *Charter* tad-Drittijiet tal-Ħaddiema li jkun jiġbor fih il-prinċipji ewlenin tal-Liġi tax-Xogħol. Dan ikun distribwit liċ-ċittadini kollha biex ikun hemm tagħrif aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema, x'rimedji jeżistu, u min jista' jkun ta' għajnuna.

14 Jiġu aġġornati l-*wage regulation orders* sabiex jirriflettu aħjar ir-realtajiet tax-xogħol tal-lum kif ukoll biex jitneħħew anomaliji eżistenti.

## NIĠĠIELDU X-XOGĦOL PREKARJU

Ser inkunu qed nibdew ġlieda ħarxa kontra x-xogħol prekarju, li mhux biss huwa abbuż fil-konfront tal-ħaddiema iżda wkoll ma jagħmilx ġid la lill-ekonomija u lanqas lil min iħaddem. Xogħol prekarju mhux xogħol li jixraq lill-ħaddiem. Xogħol prekarju jċaħħad lill-ħaddiem mid-dinjità, ma jagħtix paga li tixraq lill-ħiliet u s-sagrifiċċji tal-ħaddiem filwaqt li jnaqqar mid-drittijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol bi prattiċi li jkunu potenzjalment jevadu l-liġi.

Għalhekk, Gvern Ġdid ikun impenjat bil-fatti biex jiskoraġġixxi u jiġġieled ix-xogħol prekarju f'kull sura u forma tiegħu billi jieħu diversi miżuri fosthom li:

15 Niskwalifikaw milli jipparteċipaw f'offerti għal xogħlijiet tal-Gvern lil dawk il-kumpaniji li ma josservawx il-kundizzjonijiet u d-drittijiet stipulati fil-liġi jew li jużaw sistematikament prattiċi relatati ma' xogħol prekarju.

16 Nagħtu aktar riżorsi lid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali biex ikun f'pożizzjoni aħjar li jinvestiga u jieħu azzjoni pronta fejn meħtieġ.

## NINĊENTIVAW IT-TAĦRIĠ

17 Nemmnu li l-aqwa arma kontra l-qgħad huwa l-iżvilupp kontinwu tal-kapaċitajiet u l-ħiliet tal-indivdwu. Għalhekk, Gvern Ġdid jestendi l-iskemi ezistenti ta' taħriġ biex min jinsab mingħajr impjieg ikompli jtejjeb u jiżviluppa l-kapaċitajiet tiegħu. Dan ukoll fil-kuntest tal-Garanzija għaż-Żagħażagħ li biha rridu nassiguraw li kull żagħżugħa u żagħżugħ ikunu, fuq bażi volontarja, fit-tagħlim, fit-taħriġ jew fix-xogħol.

18 Nagħtu *tax credit* ta' 150% tal-ispiża tat-taħriġ lil min iħaddem, jekk it-taħriġ jingħata lill-persuna li ma tkunx impjegata u li sussegwentament tiġi impjegata wara li jingħatalha t-taħriġ jew jekk it-taħriġ jingħata lill-ħaddiema li jgħinhom itejbu l-kapaċitajiet tagħhom. L-inċentiv jingħata doppju jekk it-taħriġ jingħata lill-persuna b'diżabilità.

19 Wara konsultazzjoni mal-*istakeholders*, inniedu skemi favur l-apprendistat li jinċentivaw kemm lil min iħaddem u lill-istudenti.

20 Naraw li l-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC) tissaħħaħ u tingħata aktar riżorsi biex tkun aktar dinamika u żvelta ħalli tirrispondi aħjar għall-bżonnijiet ta' min jixtieq jaħdem.

## RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

21 Naraw li t-*Trade Unions* ikunu protetti f'qafas ta' relazzjonijiet industrijali aktar proattivi.

22 Intejbu l-Liġi Industrijali biex jiġi aċċertat li l-ħaddiema jkunu jistgħu jagħżlu t-*Trade Union* li tirrappreżentahom fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

23 Noħolqu *Round Table* għat-*Trade Unions* mal-Gvern biex jiġu diskussi *issues* ta' relevanza għall-ħaddiema, bit-tama li dan ikun l-ewwel pass li jwassal għal *Trade Union Council* indipendenti.

24 Nagħtu appoġġ lit-*trade unions* jaċċessaw fondi tal-Unjoni Ewropea partikolarment dawk relatati ma' taħriġ edukattiv u djalogu soċjali.

## ĠUSTIZZJA

25 Inwettqu ġustizzja ma' dawk il-persuni li rebħu każijiet fit-Tribunal u anki fil-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji, iżda baqgħu ma ngħatawx rimedju.

26 Nagħtu lura d-dinjità lill-ħaddiema tal-IPSL u tal-Kalaxlokk għax dawn il-ħaddiema ma jistgħux jitħallew demotivati minħabba kundizzjonijet iffriżati. Għalhekk, jiġi mġedded il-ftehim kollettiv ta' dawn il-ħaddiema.

## SAĦĦA U SIGURTÀ

27 Niżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regolamenti dwar saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol billi nsaħħu l-Awtorità għall-Ħarsien tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

28 Inniedu regolarment kampanji edukattivi mmirati lejn il-ħaddiema nfushom biex inxettlu dejjem aktar kultura ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

29 Ngħinu aktar kumpaniji sabiex jaċċessaw fondi tal-Unjoni Ewropea għal taħriġ speċjalizzat dwar saħħa u sigurtà.

## KOPERATTIVI

30 Naħdmu biex ikun hemm *level playingfield* għall-koperattivi biex joperaw mingħajr żvantaġġi ma' mudelli oħra ta' intrapriżi.

31 Nippromwovu mill-ġdid l-użu tal-mudell koperattiv fis-Servizz Pubbliku.

32 Nippromwovu l-mudell koperattiv permezz ta' aktar involviment tal-Kunsilli Lokali.

33 Niffaċilitaw il-ħolqien ta' Bank Koperattiv.





# 4

# ENERĠIJA

- Roħs ta’ 25% fil-kontijiet tad-dawl
- Roħs ta’ 5% fil-kontijiet tal-ilma
- Investiment ġdid f’teknoloġija li taħdem bil-gass
- Kontijiet jintbagħtu bi frekwenza stabbilità u bi qbil mal-konsumatur stess
- Tingħalaq il-*power station* tal-Marsa
- Tingħalaq b’mod antiċipat il-fażi ta’ Delimara l-antika
- Eżerċizzju ta’ *Energy Efficiency* b’xejn għal kull dar f’Malta u Għawdex
- *Water Saving Kit* li jiffranka sa 25% fil-konsum tal-ilma għall-familji kollha
- Skemi ta’ għajnuna għal xiri ta’ panelli solari, *solar water heaters, double glazing* u insulazzjoni
- Opportunità ta’ investiment f’pannelli solari anki lil min m’għandux post f’daru
- Enemalta aktar vijabbli finanzjarjament





"L-oġġettiv primarju
ta' Gvern Ġdid fil-qasam
tal-enerġija huwa dak li jassigura
li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma
jkunu soċjalment aktar ġusti u
affordabbli għall-familji
u n-negozji."

# 4

## SFIDA EWLENIJA TAL-LUM U TA' GĦADA

Il-provvista tal-enerġija hija waħda mill-isfidi ewlenin li għandu pajjiżna kemm tal-lum fl-immedjat, kif ukoll tal-futur. Provvista tal-enerġija moderna, sostenibbli, ambjentalment nadifa u fuq kollox irħisa għall-konsumatur hija ħolqa kruċjali fil-mixja lejn il-progress ekonomiku u soċjali għal pajjiż li jaspira kwalità ta' ħajja aħjar għall-poplu tiegħu.

Pajjiżna għandu sfidi kbar relatati mal-enerġija

- F'Malta, il-familji, in-negozji u l-industrija qegħdin iħallsu fost l-ogħla kontijiet tal-enerġija fl-Ewropa. Ma' dan irid jiżdied il-prezz tal-gass, petrol u d-*diesel*. Ħafna familji qegħdin jaqgħu fir-riskju ta' faqar li ġej mill-ispejjeż tal-enerġija (*energy poverty*) filwaqt li l-kompetittività tan-negozji u l-industrija qed tkun imminata. Sfida oħra li jrid jegħleb Gvern Ġdid hija dik li jittaffa l-piż fuq il-familji u n-negozji billi jitraħħsu l-kontijiet ħalli dawn isiru aktar affordabbli.

- Malta għandha dipendenza totali fuq iż-żejt u fuq *powerstations* ineffiċjenti b'teknoloġija antika. Aktar minn hekk ix-xiri riċenti ta' *powerstation* li ser titħaddem bl-aktar żejt li jħammeġ, il-*heavy fuel oil* ma għenitx biex titjieb din is-sitwazzjoni. Pajjiżna għadu lura ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġenerazzjoni ta' enerġija minn sorsi alternattivi u nodfa, 'il bogħod ħafna mill-miri li rridu nilħqu sas-sena 2020. Dan iħallina fl-aħħar post tal-klassifika Ewropea u f'sitwazzjoni ambjentali nieqsa mis-sensittività neċessarja, partikolarment fil-kwalità tal-arja.

- Għalhekk irridu nimplimentaw programm ta' bidla minn teknoloġija dipendenti fuq żejt li jħammeġ għal waħda aktar nadifa li taħdem bil-gass. Dan hu l-mod kif nagħmlu l-provvista tal-enerġija elettrika waħda aktar irħisa, effiċjenti, sostenibbli u sigura. Gvern Ġdid jaħdem ħalli tkun iġġenerata l-enerġija b'mod orħos u aktar effiċjenti, filwaqt li jitħaffef il-proċess sabiex nibdew niġġeneraw aktar enerġija minn sorsi nodfa u rinnovabbli.

## PJAN KONKRET BIEX NINDIRIZZAW L-ISFIDI FL-ENERĠIJA

1 Gvern Ġdid jaħdem fuq pjan biex fi żmien stipulat u relattivament qasir jindirizza bis-serjetà l-isfidi fil-qasam tal-enerġija. Dan il-pjan ikollu bħala objettivi ewlenin:

- Ir-roħs fil-kontijiet tad-dawl u tal-ilma
- Il-qalba għall-gass
- It-titjib fl-effiċjenza
- Is-sostenibiltà u s-sigurtà tal-provvista elettrika
- Iż-żieda fil-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi nodfa
- Is-sostenibilità finanzjarja tal-Enemalta
- It-tisħiħ tal-kompettitività ekonomika

2 Gvern Ġdid jaħtar politiku responsabbli għall-qasam tal-Enerġija biex jiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan, filwaqt li jiġi assigurat ukoll li fi żmien qasir pajjiżna jkollu qafas leġislattiv u *policies* koerenti li jixprunaw żvilupp neċessarju fil-qasam tal-enerġija għas-snin li ġejjin.

## KONTIJIET ORĦOS GĦALL-FAMILJI U N-NEGOZJI

L-oġġettiv primarju ta' Gvern Ġdid fil-qasam tal-enerġija huwa dak li jassigura li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma jkunu soċjalment u ekonomikament aktar ġusti u finanzjarjament affordabbli għall-familji u n-negozji. Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif inhuma llum huma eżorbitanti u jnaqqru mill-kwalità tal-ħajja tal-familji filwaqt li jaffettwa ħażin fuq il-kompetittività tan-negozji u l-industrija. Għalhekk,

3 Gvern Ġdid iraħħas il-kontijiet tad-dawl b'medja ta' 25% u dawk tal-ilma b'5% għall-familji, in-negozji u l-industrija. It-traħħis fil-kontijiet ikun jinċentiva l-aktar lil dawk li jaħlu l-anqas. L-eco-riduzzjoni u l-benefiċċji tal-enerġija lill-familji vulnerabbli jibqgħu jingħataw bil-mod li kienu qed jingħataw s'issa.

4 It-traħħis fil-kontijiet jidħol fis-seħħ f'Marzu 2014 għall-familji u ftit wara, sa Marzu 2015 għan-negozji u l-industrija.

## NINVESTU F'TEKNOLOĠIJA ĠDIDA, NAQILBU GĦALL-GASS

5 L-oġġettiv kruċjali li rridu naslu għalih huwa li nibdew niġġeneraw l-enerġija b'mod orħos. Huwa permezz ta' roħs fl-ispejjeż tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u b'aktar effiċjenza fl-operat kollu li nistgħu naslu għal traħħis realistiku u sostenibbli fil-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Biex naslu għal dan l-oġġettiv, l-ewwel pass fil-pjan ikun li ninvestu f'tekonoloġija ġdida li taħdem bil-gass. F'dan il-kuntest ukoll, qegħdin jiġu evalwati diversi possibiltajiet ta' infrastruttura differenti dwar kif il-gass jista' jitwassal f'pajjiżna bl-aktar mod li jkun ekonomikament u ambjentalment sostenibbli. L-investiment ser isir permezz ta' *public private partnership*. B'hekk, filwaqt li nevitaw li l-Enemalta tidħol f'aktar djun hi stess, nagħmlu l-pass kuraġġuż li ninvolvu lill-privat u nibbenefikaw mill-esperjenza u l-kapaċitajiet f'settur daqshekk kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku u ambjentali ta' pajjiżna. Dan bl-ebda mod ma jkun ifisser li l-Enemalta tiġi privatizzata.



6 Permezz ta' dan l-investment f'teknoloġija ġdida, inkunu qed insaħħu wkoll il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija f'pajjiżna sabiex nassiguraw aktar sostenibilità u sigurtà fil-provvista elettrika u tkun waħda li kapaċi tlaħħaq mad-domanda kemm eżistenti kif ukoll dik tal-futur.

7 Il-pjan jaħseb ukoll biex jitwettaq il-proċess li bih il-*power station* tal-BWSC tinqaleb minn *heavy fuel oil* għal waħda li taħdem bil-gass.

8 Il-qalba għal sistemi li jaħdmu bil-gass tkun tfisser ukoll li minn pajjiżna jispiċċa l-użu tal-*heavy fuel oil*, li huwa l-aktar żejt li jħammeġ l-ambjent. Dan għandu jkollu impatt sinifikanti fil-kwalità tal-arja billi jitnaqqsu drastikament l-emissjonijiet.

9 Tibqa' tiġi evalwata l-possibilità ta' *pipeline* tal-gass u l-infrastruttura relatata, permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.

## JINGĦALQU L-*POWER STATIONS* TAL-MARSA U DELIMARA L-ANTIKA

10 Pass ieħor importanti jkun li tingħalaq u tintefa l-*Power Station* tal-Marsa darba għal dejjem. Fil-proċess jiġi assigurat l-impjieg tal-ħaddiema kollha.

11 B'mod immedjat tinfetaħ sejħa għal ideat u proġetti innovattivi dwar kif għandna nirriġeneraw iz-zona fil-Marsa u l-madwar bl-emfasi tkun anki fuq proġetti li jistgħu jservu ta' kumpens ambjentali għaċ-ċittadini tal-madwar.

12 Il-pjan jinkludi wkoll l-għeluq antiċipat ta' parti mill-*Power Station* l-antika ta' Delimara, dik imsejħa *Phase 1*. Diġà kien jeżisti l-obbligu li din tingħalaq sal-2020, għalhekk Gvern Ġdid ser jaħdem b'mod proattiv u jantiċipa dan l-għeluq b'effett pożittiv dirett ta' ffrankar fl-ispejjeż u titjib ambjentali. Fil-proċess ukoll jiġi mħares u assigurat l-impjieg tal-ħaddiema kollha.

## NINGĦAQDU MAL-*GRID* EWROPEW PERMEZZ TAL-*INTERCONNECTOR*

13 Jitkompla l-proġett tal-*interconnector* li jgħaqqad lil Malta mal-*grid* Ewropew. Fil-proċess tiġi assigurata aktar trasparenza fil-mod kif il-Gvern ser ikun qiegħed jixtri l-elettriku, b'kemm u minn fejn.

## INTEJBU S-SISTEMA TAD-DISTRIBUZZJONI

14 Insaħħu u ntejbu s-sistema tad-distribuzzjoni elettrika biex nindirizzaw bis-serjetà l-problemi relatati ma' qtugħ ta' provvista elettrika li ġejjin mis-sistema tad-distribuzzjoni.

## AKTAR INIZJATTIVI BIEX INNAQQSU L-PIŻ TAL-KONTIJET

Ser inniedu diversi miżuri oħrajn li wkoll għandhom ikomplu jgħinu biex jitnaqqas il-piż tal-kontijiet. Għalhekk,

15 Konxji mill-prassi eżistenti li l-kontijiet tad-dawl jintbagħtu mingħajr frekwenza stabbilita jew regolari, u konxji wkoll li huwa dan in-nuqqas ta' ppjanar li jkompli jaffettwa ħażin il-pjanijiet finanzjarji tal-familji partikolarment, ser nassiguraw li l-kontijiet jibdew jintbagħtu bi frekwenza stabbilita bi qbil skont l-għażla tal-konsumatur stess. Dan għandu jwassal f'ippjanar aħjar, kemm għall-familji u anki għan-negozji.

16 Nintroduċu l-possibilità ta' *prepaid systems* għal min jixtieq dan is-servizz sabiex inħeġġu ppjanar aħjar għall-konsum tal-enerġija filwaqt li ngħinu wkoll lil ħafna sidien li jikru l-propjetà tagħhom inaqqsu mill-problemi li jiffaċċjaw. Din is-sistema ma tkunx waħda mandatorja iżda b'għażla.

17 Innaqqsu r-rata tal-imgħax fuq ħlasijiet tard tal-kontijiet tad-dawl għal każijiet ġenwini ta' familji bi dħul baxx.

18 Nippromwovu u ninċentivaw eżerċizzju ta' *Energy Efficiency Support* sabiex, b'mod volontarju, kull dar f'Malta u Għawdex tingħata l-opportunità ta' servizz professjonali li jidentifikaw metodi u sistemi applikabbli li jwasslu għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fid-dar. Fl-istess ħin, jinħarġu aktar programmi biex ngħinu lill-familji fl-implimentazzjoni.

19 Insostnu l-iskema li permezz tagħha nagħtu sa €400 f'rifużjoni fuq xiri ta' *solar water heaters*. Bl-istess mod, nikkunsidraw ukoll skemi simili fuq xiri ta' *heat pump water heaters*.

20 Inniedu skemi biex *home appliances* qodma, li huma fost l-aktar li jikkunsmaw enerġija fid-djar, ikunu jistgħu jinbidlu ma' dawk li jużaw enerġija b'mod aktar effiċjenti. Dan il-proġett jista' jsir anki bi sħab mal-privat.

21 Insostnu l-iskemi ta' rifużjoni sa massimu ta' €1,000 fuq installazzjoni ta' aperturi *double glazing* u metodi oħra ta' insulazzjoni.

22 Nagħtu *water saving kit* lil kull familja f'Malta u Għawdex biex ngħinu kemm nistgħu familji jnaqqsu l-użu tal-ilma fid-djar stess. Huwa stmat li permezz ta' dan l-investiment, familja tiffranka sa 25% tal-konsum tal-ilma u konsegwentament roħs fil-prezz.

23 Nidħlu fi ftehim ma' banek biex jinħoloq self b'rati ta' interessi baxxi għal min irid jinvesti f'apparat li jnaqqas il-konsum tal-enerġija.

24 Insostnu l-iskema *High User Energy Schemes* għall-fabbriki f'Malta u Għawdex li għandhom konsum għoli minħabba l-operat produttiv tagħhom.

25 Inniedu aktar kampanji edukattivi li jinkoraġġixxu t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-qalba għal sorsi alternattivi.

## INŻIDU L-INVESTIMENT FL-ENERĠIJA NADIFA

Gvern Ġdid jagħti spinta sostanzjali lill-introduzzjoni ta' sistemi tal-enerġija ġġenerata minn sorsi alternattivi. Sal-2020, pajjiżna jrid ikun qiegħed jiġġenera 10% tal-enerġija minn sorsi ndaf u alternattivi. S'issa għadna dipendenti kważi totalment fuq iż-żejt. Għalhekk, Gvern Ġdid ser ikun qiegħed jieħu diversi miżuri biex jinċentiva l-użu tal-enerġija alternattiva u nadifa, fosthom:

26 Infasslu *policy* ħolistika li tiffaċilita investiment fi proġetti sostenibbli għall-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi nodfa u alternattivi, b'emfasi partikolari fuq dik mix-xemx, flimkien ma' sorsi potenzjali oħrajn bħal dik mir-riħ.

27 Din il-*policy* tkun tinkludi linji gwida dwar l-iżvilupp ta' *solar parks* b'sensittività sħiħa għall-kunsiderazzjonijiet ambjentali.

28 Nagħtu inċentiv fiskali sa massimu ta' 50% fuq xiri ta' pannelli fotovoltajċi.

29 Noffru l-opportunità li kull familja jkollha aċċess għall-enerġija ġġenerata mix-xemx permezz ta' pannelli fotovoltajċi indipendentament jekk għandhiex spazju fejn tagħmel dan jew le. Dan jista' jsir permezz ta' proġetti u skemi bejn il-Gvern u l-Privat, fost oħrajn billi tingħata l-possibilità li wieħed jinvesti f'fond li permezz tiegħu jsir investiment f'pannelli fuq bini pubbliku u postijiet oħrajn. Jiġu kkunsidrati wkoll skemi u proġetti għal dawk li jridu joffru spazju fuq il-bejt residenzjali jew spazju industrijali tagħhom għat-tqegħid ta' pannelli solari mill-Gvern u/jew flimkien mas-settur privat bil-benefiċċji relatati jinqasmu bejn il-partijiet.

30 Ninkoraġġixxu attivament l-installazzjoni ta' sistemi li jiġġeneraw l-enerġija b'mod nadif fi proġetti u binjiet li jkunu għadhom qegħdin jinbnew.

31 Il-Kunsilli Lokali jingħataw miri għal aktar effiċjenza fil-konsum tal-enerġija fil-lokal tagħhom u li jekk jintlaħqu jkunu jsarrfu f'aktar inċentivi u proġetti fil-komunità.

32 Naħdmu bi pjan biex, fejn hu possibbli, kull bini pubbliku jkollu l-ogħla livelli ambjentali possibbli bil-għan li jkunu *self-sufficient* fil-bżonnijiet tal-enerġija. B'hekk il-Gvern ikun qed imexxi bl-eżempju.

33 Flimkien mal-privat nintroduċu sistemi innovattivi biex id-dwal tat-toroq ikunu kollha jaħdmu b' sistemi li jaħlu anqas enerġija.

34 Tiżdied l-għajnuna li tingħata għall-gass minn €30 għal €40, kif imħabbar.

## SERVIZZ AĦJAR GĦALL-KONSUMATUR

35 Insaħħu l-funzjoni tar-regolatur billi nagħtu aktar għodda u riżorsi bil-għan li jżid u jtejjeb il-ħidma favur il-konsumatur.

36 Inħarsu bis-serjetà lejn l-operat tal-ARMS sabiex jiġi assigurat li jitjieb drastikament is-servizz li jingħata lill-konsumatur.

## ENEMALTA VIJABBLI

37 Ħolqa importanti fil-pjan tal-enerġija hija dik li npoġġu lill-Enemalta fuq sisien finanzjarji aktar vijabbli u sodi. Għalhekk, il-pjan jaħseb sabiex it-traħħis fil-kontijiet jew l-investiment li ser isir bl-ebda mod ma jippreġudika l-pożizzjoni finanzjarja u l-programmi ta' ħlas ta' djun li l-Enemalta hija kommessa diġà fuqhom. Bil-maqlub, huwa maħsub li parti mill-ispejjeż li ser ikunu ffrankati mill-ġenerazzjoni tal-elettriku, jiġu allokati b'mod għaqli biex titjieb il-vijabilità finanzjarja tal-Enemalta.

38 L-Enemalta ma tkunx ipprivatizzata, filwaqt li tkun immexxija minn nies professjonali li jkunu appuntati fuq il-merti u l-kapaċitajiet tekniċi tagħhom.

## ESPLORAZZJONI TAŻ-ŻEJT

39 Nagħmlu l-akbar sforz li qatt sar s'issa minn pajjiżna għall-esplorazzjoni taż-żejt.

40 Naħdmu biex insolvu l-kwistjonijiet pendenti li Malta għandha ma' pajjiżi ġirien rigward l-esplorazzjoni għaż-żejt.

41 Nallokaw qafas infrastrutturali u nagħtu prijorità lill-iżvilupp tal-qasam tas-servizzi tal-industrija taż-żejt u l-gass.

# 5

# SAĦĦA

- Saħħa b'xejn u kura fil-ħin
- Ċentri tas-saħħa tal-ogħla livell
- *Charter* għad-drittijiet tal-pazjenti
- Inizjattivi biex jonqsu l-*waiting lists* u l-istennija
- Aktar mediċini b'xejn
- Mediċini jitqassmu b'xejn fid-djar tal-pazjenti stess
- Immodernizzar fl-isptar ġenerali t'Għawdex
- Ħlas mill-Gvern għal żewġ ġenituri mhux wieħed f'każ ta' kura barra għall-ulied




URIAGE

"Nemmnu li servizz
tas-saħħa eċċellenti b'xejn
huwa dritt tal-poplu."

# 5

## SAĦĦA B'XEJN

Nemmnu li servizz tas-saħħa eċċellenti b'xejn huwa dritt tal-poplu, xprunat u msejjes fuq il-valur tal-ġustizzja soċjali. Għalhekk:

1 Il-politika ta' Gvern Ġdid hi dik li nibqgħu nagħtu servizz tas-saħħa b'xejn lill-poplu Malti u Għawdxi.

## SPTAR FEJN TINQEDA AĦJAR U FIL-ĦIN

Konvinti li minkejja l-investiment pożittiv li sar jonqos ħafna biex l-isptar Mater Dei jitmexxa bl-aħjar mod u jibda jilqa' kif jixraq għall-esiġenzi u l-isfidi fil-qasam tas-saħħa tal-lum u ta' għada. Għalhekk, filwaqt li nibnu fuq it-tajjeb eżistenti, bi proċess kontinwu ta' konsultazzjoni diretta ma' kull min hu involut u kkonċernat, irridu nassiguraw li ntejbu t-tmexxija tal-isptar bil-għan li nżidu l-effiċjenza u l-valur għall-flus li l-Poplu qed jonfoq mit-taxxi tiegħu biex jipprovdi għal sistema ta' kura għal kulħadd.

2 L-għan ewlieni fil-qasam tas-saħħa ser ikun li nassiguraw kura fil-ħin u tal-aqwa kwalità lil kull min għandu bżonnha.

3 Nassiguraw tmexxija aktar professjonali b'mentalità ffukata fuq kif se ttejjeb l-effiċjenzi, tnaqqas il-burokrazija żejda u tieħu l-aktar u l-aħjar mir-riżorsi eżistenti u oħrajn li se jiġu allokati, bil-għan li tassigura l-aqwa servizz possibbli għall-pazjenti.

4 Ikun studjat bis-serjetà l-operat ta' diversi dipartimenti partikolarment fejn ikun hemm iffullar u appuntamenti fl-istess ħin tal-ġurnata, sabiex nindirizzaw aħjar dawn is-sitwazzjonijiet fl-interess tal-pazjenti u anki tal-professjonisti u l-ħaddiema.

5 Jiġi implimentat pjan ta' azzjoni fl-immedjat dwar il-problema ta' nuqqas ta' sodod u pazjenti f'kurituri. Il-pjan jiġi mfassal bi prijorità ma' dawk kollha involuti u jħares ukoll lejn l-involviment tal-isptarijiet privati.

6 Inħarsu lejn titjib drastiku fl-operat tar-*rehabilitation services* inkluż dawk mogħtija bħala *in-patients.*

## INNAQQSU L-ISTENNIJA U L-*WAITING LISTS*

7 Intejbu l-mod kif jingħataw l-appuntamenti l-isptar sabiex naqtgħu l-ħafna stennija u ffullar. Din tkun żviluppata b'konsultazzjoni sħiħa ma' kull min hu kkonċernat.

8 Inkomplu nwessgħu bl-inizjattiva ta' *public private partnership*, bejn sptarijiet privati u l-Gvern, li permezz tagħha pazjenti jkunu jistgħu jirċievu servizzi mill-isptarijiet privati b'xejn. Permezz ta' aktar effiċjenza u informazzjoni, din l-inizjattiva għandha tgħin biex titnaqqas il-pressjoni partikolarment fuq id-dipartiment tal-emerġenza u f'xi dipartimenti fl-*outpatients*.

9 Indaħħlu *Charter* tad-Drittijiet tal-pazjenti li fih ikun hemm speċifikati ż-żmien massimu ta' stennija għal kull operazzjoni, flimkien ma' protokolli wara konsultazzjoni mal-professjonisti konċernati. Fuq kollox, nassiguraw li jekk pazjent jitħalla jistenna aktar minn dan iż-żmien, ikollu dritt għal kura fil-privat bi spejjeż tal-gvern. B'hekk inkunu qed inħejju għad-Direttiva Ewropea tal-Mobbiltà tal-pazjenti.

10 Nintroduċu *Call Centre* dedikat sabiex jagħti informazzjoni u gwida dwar operazzjonijiet, listi ta' stennija u direzzjoni dwar servizzi b'aktar trasparenza.

11 Nistudjaw il-possibilitajiet kollha realistiċi sabiex nistabbilixxu protokolli u *best practices* dwar kif għandna nlaħħqu mad-domanda tas-sodod fl-isptarijiet bil-għan ewlieni li jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin li pazjent idum jistenna.

12 Jinħatar *working group* permanenti bejn min hu involut fit-tmexxija tas-servizz tas-saħħa pubblika u dawk involuti fit-tmexxija tal-isptarijiet privati sabiex naċċertaw aktar kordinazzjoni u tmexxija koerenti bil-għan li r-riżorsi nazzjonali jintużaw bl-aktar mod effettiv.

## INSAĦĦU L-KURA PRIMARJA: ĊENTRI TAS-SAĦĦA TAL-OGĦLA LIVELL

It-tisħiħ tal-kura primarja ser ikun pern importanti tal-ħidma ta' Gvern Ġdid biex nassiguraw servizz eċċellenti, li jingħata fil-pront lil kull min għandu bżonnu. L-għan prinċipali ta' din ir-riforma jkun wieħed li nressqu s-servizz tas-saħħa eqreb tal-komunitajiet, kemm bħala mezz ta' kura tal-ogħla livell, kemm biex insaħħu u nintroduċu inizjattivi li jgħinu fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni medika kmieni, kif ukoll sabiex nagħmlu l-kura transitorja bejn il-kura akuta u dik fil-komunità waħda aktar effiċjenti li minnha jgawdi l-pazjent.

13 Nimbarkaw fuq programm ta' immodernizzar biex nagħmlu ċ-ċentri tas-saħħa tal-aqwa livell. Irridu ċentri tas-saħħa li jixirqu lil pazjenti li jkunu fil-bżonn li jżuruhom. L-oġġettiv huwa li nagħmlu miċ-Ċentri tas-Saħħa mhux biss ċentri moderni aktar aċċessibbli u eqreb tal-poplu, iżda wkoll biex minnhom jingħataw firxa usa' ta' servizzi primarji lill-komunità, filwaqt li nnaqqsu l-iffullar fl-isptar Mater Dei. F'dan il-kuntest, inħarsu wkoll lejn il-possibilità ta' binjiet ġodda, anki mas-settur privat, sabiex intejbu u nifirxu aktar is-servizz tal-kura primarja.



14 Ninvolvu mill-qrib il-professjonisti li jaħdmu fil-livell primarju, ewlenin fosthom it-tobba tal-familja kif ukoll l-ispiżjara sabiex nassiguraw li din ir-riforma tant bżonjuża titwettaq bl-aktar mod inklussiv, fl-aħjar interess tal-komunitajiet.

15 Fil-qafas ta' din ir-riforma, ser inkunu qed nesploraw u nħeġġu metodi kif il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jigu involuti fil-qasam tal-kura fil-komunità.

## NIMMODERNIZZAW L-ISPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX

16 Konxji mit-telqa li tħalla jaqa' fiha l-isptar ġenerali ta' Għawdex, ser nimbarkaw fuq proġett ta' mmodernizzar bil-għan li nagħmluh kif verament jixraq lill-Għawdxin. F'dan il-kuntest, nassiguraw aktar awtonomija fit-tmexxija tal-isptar.

17 Nibdew nimplimentaw pjan biex inwessgħu u nżidu s-servizzi ta' kura li jingħataw f'Għawdex. Konxji li dan jirrikjedi kemm aktar investiment u allokazzjoni ta' riżorsi ġodda, kif ukoll immaniġġjar aħjar, ser nindirizzaw l-ewwel dak li jiġi identifikat bħala l-aktar urġenti biex gradwalment inkomplu ntejbu.

18 Ninvestu f'servizz tal-kimoterapija għall-kura tal-kanċer fejn, flimkien ma' servizz professjonali, tingħata l-kura lill-pazjenti Għawdxin f'Għawdex stess.

19 Nesploraw il-possibilità li l-isptar ġenerali ta' Għawdex jiġi wkoll użat bħala bażi għall-istituzzjoni edukattiva fil-qasam tal-mediċina.

## NINVESTU FIR-RIŻORSI UMANI

20 Gvern Ġdid jagħraf li l-iżvilupp u t-titjib tal-kura u s-servizz tas-saħħa jimxi 'l quddiem b' investiment kontinwu fir-riżorsi umani li jaħdmu f'dan il-qasam b'tant dedikazzjoni. Għalhekk, ser naħdmu mill-qrib mal-professjonisti u l-impjegati kollha fil-qasam tas-saħħa u l-kura sabiex flimkien inkomplu ntejbu u nsostnu l-aqwa kura possibbli.

21 Inniedu skemi realistiċi biex nattiraw professjonisti mediċi Maltin u Għawdxin li jaħdmu barra minn pajjiżna sabiex jipprattikaw b'mod permanenti, jew għal xi żmien kull sena, f'Malta.

22 Ninkoraġġixxu u ninċentivaw aktar l-edukazzjoni, taħriġ, l-ispeċjalizzazzjoni u riċerka medika kemm fuq livelli *post graduate* u vokazzjonali.

23 Nassiguraw aktar opportunitajiet ta' *career progression* fil-professjonijiet mediċi bl-ixprun ewlieni jkun il-meritokrazija u l-inizjattiva.

24 Nindirizzaw il-problema tax-xogħol prekarju li l-qasam tas-saħħa jidher li huwa suxxettibbli ħafna għalih, sabiex jiġi assigurat li l-ebda ħaddiem ma jkun sfruttat jew imċaħħad mill-kundizzjonijiet kif mitluba mil-liġi. Dan nagħmluh f'kuntest aktar wiesa' ta' ġlieda sabiex neliminaw il-prekarjat.

25 Konxji tal-kontribut imprezzabbli li qed jagħtu għadd ta' għaqdiet mhux governattivi u volontarji fis-settur, se nkunu kommessi li ninkoraġġixxu u nagħtu l-appoġġ lill-ħidma u l-inizjattivi meħuda minn dawn l-għaqdiet, bil-Gvern potenzjalment jidħol bi sħab magħhom permezz ta' riżorsi.

## MEDIĊINI

26 Nassiguraw li l-mediċini li jingħataw mill-Gvern jibqgħu jingħataw b'xejn bil-politika ta' Gvern Ġdid tkun dik li nżidu u nżidu l-lista ta' mediċini li jingħataw u jitnaqqas drastikament l-ammont ta' mediċini li jkunu *out of stock* ripetutament.

27 Indaħħlu proċessi moderni ta' *procurement, tendering* u *stocktaking*, anki mas-settur privat, għal tħaddim aktar effiċjenti fil-provvisti tal-mediċini li jitqassmu mill-Gvern. Dan għandu jnaqqas drastikament l-okkażjonijiet li mediċini jkunu *out of stock*. Konvinti li b'sistemi ġodda nistgħu saħansitra nifrankaw l-flus mit-tmexxija aħjar tas-sistema bil-għan ukoll li jiżdiedu l-mediċini li jingħataw b'xejn.

28 Wara konsultazzjoni xierqa partikolarment mal-Ispiżjara, intejbu l-proġett tal-Ispiżjar tal-Għażla Tiegħek (*Pharmacy of Your Choice*) bil-għan li nagħmluh wieħed anqas burokratiku, aktar iffukat fuq il-bżonnijiet tal-pazjent u li jilħaq il-firxa ġeografika kollha ta' pajjiżna.

29 Indaħħlu proċedura ta' żmien qasir u massimu li fiha mediċina essenzjali għall-kundizzjonijiet partikolari tista' tiġi approvata u mpoġġija fuq il-formularju tal-mediċini li jingħataw bla ħlas.

30 Inniedu proġett nazzjonali sabiex b'mod koordinat nibdew inwasslu l-mediċini li jingħataw b'xejn fid-djar tal-pazjenti stess. Dan il-proġett jikkumplimenta l-politika ġenerali ta' Gvern Ġdid li jressaq kemm jista' jkun servizzi fil-komunitajiet eqreb tan-nies, filwaqt li għandu l-għan soċjali li jnaqqas drastikament l-iskariġġ li jgħaddu minnu l-pazjenti. Bħala l-ewwel pass, se nibdew b'dawk il-pazjenti anzjani minn 70 sena 'l fuq, dawk li għandhom nuqqas serju ta' mobbiltà u persuni b'diżabilità.

Il-proġett, li jkun kumplimentari ma' dak tal-POYC jkun koordinat wara konsultazzjoni ma' kull min jista' jkun involut, inkluż iċ-ċentri tas-saħħa u l-Kunsilli Lokali.

## ĠLIEDA KONTRA L-KANĊER

31 Nagħtu prijorità lil pazjenti b'riskju akbar ta' diversi tipi ta' kanċer biex dawn ma jeħlux f'*waiting lists* u ssirilhom dijanjożi immedjata u aktar minn kmieni, kura iktar rapida u għalhekk pronjosi aħjar.

32 Inkomplu nindirizzaw il-pjaga tal-kanċer tas-sider billi nestendu aktar il-programm ta' *screening* għal gruppi oħra ta' nisa fl-akbar riskju biex kemm jista' jkun din il-marda tinqabad minn kmieni.

33 Mal-*iscreening* nazzjonali fil-kanċer tas-sider tal-mara, jibda jsir *screening* tal-osteoporożi wkoll fl-istess seduta.

34 Jitlesta l-isptar tal-Onkoloġija.

35 Inwaqqfu *Breast Reconstructive Surgery Unit* għal nisa li jkunu tilfu s-sider minħabba kanċer fis-sider, filwaqt li nassiguraw li jkollna l-*Breast Clinic* armat u attrezzat bir-riżorsi meħtieġa, inkluż dawk umani.

36 Neżaminaw id-dħul ta' programmi nazzjonali għal *check-ups* għall-kanċer għas-setturi kollha ta' persuni f'riskju.

## ĠLIEDA KONTRA D-DIJABETE

37 Inkomplu ntejbu u nwessgħu s-servizzi li jingħataw lid-dijabetiċi kemm fuq livell ċentrali kif ukoll bħala kura fil-komunità, partikolarment għal dawk li l-marda tkun ħalliethom b'xi tip ta' diżabilità u li jkun jinħtiġilhom sostenn professjonali għall-bidla radikali li tkun seħħet f'ħajjithom. Din il-ħidma nwettquha bi sħab ma' NGOs li diġà huma attivi fis-settur.

## STRATEĠIJA KONTRA L-OBEŻITÀ

38 Nassiguraw li l-istrateġija nazzjonali kontra l-obeżità varata dan l-aħħar, tiġi implimentata filwaqt li fejn nidentifikaw li jista' jsir titjib, dan jitwettaq minnufih bl-involviment sħiħ tas-settur edukattiv, Kunsilli Lokali, għaqdiet sportivi u għaqdiet mhux governattivi fis-settur.

39 Inżidu u ntejbu l-kampanji edukattivi favur *healthy eating* miċ-ċkunija tat-tfal sal-anzjanità.

40 Indaħħlu skemi li jinċentivaw aktar persuni jissieħbu f'*gym*.

41 Intejbu u nżidu l-kampanji edukattivi favur l-eżerċizzju fiżiku.

42 Nagħtu importanza lill-ispeċjalizzazzjoni tal-isports and *exercise medicine* (SEM).

## IVF

43 Naċċertaw li jingħataw ir-riżorsi kollha neċessarji lill-awtorità kompetenti sabiex l-IVF, li bħala liġi dwar kif għandha tkun regolata għadha kif iddaħħlet riċentament, titħaddem bla xkiel u tingħata b'xejn lill-koppji kollha li jkollhom bżonn dan il-proċess.

## KURA DINJITUŻA GĦALL-ANZJANI

44 Inkomplu ntejbu s-servizzi u l-infrastruttura fir-residenza San Vinċenz de Paule.

45 Konxji għax nemmnu li l-anzjani għandhom ikollhom l-opportunità kollha li jibqgħu jgħixu fil-komunità tagħhom, ser nimbarkaw fuq programm ta' appoġġ u allokar ta' riżorsi ddedikati għal servizzi fil-komunità kemm ġodda kif ukoll bħala titjib fuq dawk eżistenti fosthom bl-iżvilupp ta' aktar servizzi ta' *respite* u *night shelters*.

## SAĦĦA MENTALI

46 Infasslu u nwettqu strategija u pjan nazzjonali dwar is-saħħa mentali.

47 Insaħħu l-liġi dwar is-saħħa mentali bl-istrutturi meħtieġa kemm fuq livell ċentrali u kif ukoll fuq livell komunitarju biex tkun tista' tiġi implimentata b'mod effettiv kif ukoll biex tkun tirrifletti verament il-ħtiġijiet preżenti u futuri.

48 Insaħħu s-sapport fil-komunità permezz ta' firxa usa' ta' servizzi relatati li tkun tinkludi servizzi li jingħataw miċ-ċentri tas-saħħa.

49 Inwettqu mmodernizzar fl-isptar Monte Carmeli bil-għan li l-ambjent ikun aktar dinjituż kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-professjonisti li jaħdmu fis-settur.

50 Il-*Young People's Unit* u l-*Hostel* jingħataw ir-riżorsi meħtieġa partikolarment dawk professjonali bil-għan ukoll li tinqata' l-prassi li tfal bi problemi ta' saħħa mentali jitpoġġew fi swali mal-adulti.

## SAĦĦA SESSWALI

51 Jiġu allokati r-riżorsi neċessarji biex il-politika dwar is-saħħa sesswali tkun implimentata, kif ukoll billi nagħtu aktar prijorità lill-kampanji edukattivi u ta' informazzjoni fosthom dawk dwar prevenzjoni.

## DONAZZJONI TAL-ORGANI

52 Wara proċess ta' konsultazzjoni, inniedu liġi dwar id-donazzjoni tal-organi bbażata fuq *expressed (informed) consent* b'mod li tirrispetta l-għażla tal-individwu, tagħti aktar ċertezza u tinkoraġġixxi aktar dan l-att eroiku.

## SERVIZZI ĠODDA

53 L-Istat iħallas l-ispejjeż għaż-żewġ ġenituri u mhux ġenitur wieħed meta tifla jew tifel taħt l-età jkollhom isiefru barra minn Malta għal kura.

54 Neżaminaw il-programm eżistenti tal-*myHealth* biex dan jiġi żviluppat b'mod aktar *user friendly* kemm għall-pazjenti kif ukoll għat-tobba tal-familja, spiżjara fil-komunità u ċ-ċentri tas-saħħa u dan bħala pass ieħor importanti fl-iżvilupp tar-riforma tant meħtieġa tal-kura primarja. Is-sistema tal-*myHealth* tkun ukoll pass ieħor 'il quddiem fil-proċess ta' kordinament li jrid jissaħħaħ bejn il-kura akuta u l-kura fil-komunità.

# 6

# LIBERTAJIET ĊIVILI

- Jinħatar politiku responsabbli għal-Libertajiet Ċivili u l-Ugwaljanza
- Liġi tal-Koabitazzjoni
- Kunsill Konsultattiv għat-tisħiħ tad-drittijiet LGBT
- *Civil Union* għall-koppji tal-istess sess
- Aktar nisa fuq bordijiet tal-Gvern
- Liġi li tirregola l-identifikazzjoni ta' persuni *trans-gender*





“Nemmnu f’Soċjetà b’bibien
miftuħa għal kulħadd.
Nemmnu fil-progress u l-libertà.”

# 6

## NEMMNU F'SOĊJETÀ ĦIELSA

Nemmnu f'soċjetà b'bibien miftuħa għal kulħadd.

Nemmnu f'soċejtà li tiċċelebra d-diversità, li tagħraf l-iżvilupp u r-realtajiet soċjali ta' madwarna, li tifhem il-bżonn ta' separazzjoni bejn l-istat u l-knisja, li tgħożż l-identità Maltija mingħajr ma tiddiskrimina, li tassigura l-ugwaljanza u r-rispett lejn il-minoranzi, u li fuq kollox tħares id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem.

Nemmnu fil-progress u l-libertà.

Nemmnu li wasal iż-żmien u l-ħtieġa għal tisħiħ tal-libertajiet ċivili.

Gvern Ġdid ser ikun fuq quddiem nett biex jimplimenta u jilleġisla favur aktar drittijiet u libertajiet ċivili.

Gvern Ġdid ma jindaħalx fl-għażliet iżda jirrispetta l-għażliet konxji u ħielsa tal-individwu.

Għal Gvern Ġdid, ma tagħmilx differenza min int.

Huwa f'soċjetà ħielsa biss li int, kif jixraqlek, tista' tiżboq l-aspirazzjonijiet tiegħek.

## PROGRESS U LIBERTÀ

1 Soċjetà kontemporanja tagħraf il-bżonn ta' separazzjoni bejn Stat u Knisja. Gvern Ġdid se jkun impenjat favur din is-separazzjoni f'qafas ta' rispett reċiproku.

2 Jinħatar politiku responsabbli għal Libertajiet Ċivili u Ugwaljanza.

3 Insaħħu l-funzjoni tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data biex kull ċittadin ikun kunfidenti li l-informazzjoni personali dwaru ma tintużax mill-Istat jew entitajiet oħra b'mod abbużiv.

4 Indaħħlu Liġi tal-Koabitazzjoni li tipproteġi u tagħti aktar drittijiet lill-koppji li jgħixu flimkien u lil uliedhom.

## KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI

5 Gvern Ġdid huwa kontra kull diskriminazzjoni negattiva u jaħdem attivament biex l-ebda ksenofobija ma terfa' rasha. Għalhekk, Gvern Ġdid iħaddem politika li tassigura rispett sħiħ lejn id-diversità filwaqt li tkun kontra kull tip ta' razziżmu u preġudizzji.

## RISPETT LEJN ID-DIVERSITÀ

6 Indaħħlu d-dritt ta' *Civil Union* għal koppji tal-istess sess.

7 Inwaqqfu Kunsill Konsultattiv, bil-parteċipazzjoni u s-sehem tal-NGOs f'dan il-qasam, li jagħti pariri lill-Gvern dwar *issues* li għandhom impatt fuq il-komunità LGBT.

8 Gvern Ġdid jiffirma Protokol Nru 12 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Drittijiet Fundamentali li jiżgura li, fost l-oħrajn, ma ssirx diskriminazzjoni kontra persuni skont l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.

9 Indaħħlu liġi realistika li tirregola l-identifikazzjoni tal-persuni *trans-gender*, partikolarment dwar kif ikunu jistgħu jidentifikaw ruħhom a bażi ta' sess.

10 Insaħħu l-*policy* kontra diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali fis-Servizz Pubbliku, inkluż fil-forzi tal-ordni.

11 Permezz ta' aktar kampanji edukattivi, l-aktar sa miċ-ċkunija ta' wliedna, nedukaw aktar dwar id-diversità u kontra l-preġudizzji u r-razziżmu, filwaqt li niġġieldu l-*bullying*, reati ta' mibegħda (*hate crimes*) inkluż dak minħabba orjentazzjoni sesswali, razza, etniċità u kulur tal-ġilda.

## UGWALJANZA BEJN NISA U RĠIEL

Konxji li minkejja li sar ħafna biex nippromwovu aktar ugwaljanza, għad fadlilna x'naqdfu 'l quddiem biex verament niggarantixxu ugwaljanza fil-prattika.

12 Insaħħu l-politika tagħna favur l-ugwaljanza bejn nisa u rġiel permezz ta' għadd ta' inizjattivi fl-isfond kemm tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll b'mod iżjed ħolistiku fl-isfond tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda għall-Eliminazzjoni ta' kull Diskriminazzjoni kontra n-nisa.

13 Insaħħu l-liġi għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn nisa u rġiel li tkopri l-oqsma kollha relevanti, taċċerta li l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Ugwaljanza tingħata aktar saħħa ta' implimentazzjoni, u tagħti rimedji f'każi ta' diskriminazzjoni.

14 Politika ewlenija ta' Gvern Ġdid ser tkun li ngħinu l-mara tidħol aktar fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk nagħtu inċentivi biex nappoġġjaw nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol, anki għaliex huwa importanti li nagħrfu l-fatt li l-maġġoranza ta' gradwati huma konsistentement nisa.

15 Naċċertaw li bl-ebda mod in-nisa ma jkunu diskriminati fuq il-post tax-xogħol kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' paga, kundizzjonijiet u opportunitajiet ta' avvanz.

16 Naċċertaw li aktar membri fuq bordijiet, kummissjonijiet u nominazzjonijiet oħra mill-Gvern ikunu nisa.

17 Il-Liġi tas-Sigurtà Soċjali hija mibnija madwar ir-raġel bħala l-*breadwinner* tal-familja u ftit li xejn tħares lejn il-bżonnijiet ta' nisa, u rġiel, li jitilqu xogħol bi qligħ biex jieħdu ħsieb il-familja. Għaldaqstant għandha ssir reviżjoni tal-Liġi tas-Sigurtà Soċjali biex tiġi indirizzata din l-anomalija.

18 Nappoġġjaw twaqqif ta' aktar strutturi li jinkoraġġixxu li ħaddiema nisa jirrapportaw każijiet ta' abbuż sesswali.

19 Naċċertaw li fl-implimentazzjoni tal-Kurrikulu Nazzjonali tingħata edukazzjoni prattika dwar ir-relazzjonijiet a bażi ta' ugwaljanza u rispett reċiproku bejn nisa u rġiel fis-soċjetà Maltija.

20 Nikkumpilaw u nippubblikaw *Gender Scoreboard Index* li permezz tagħha nuru aħjar is-sitwazzjoni tan-nisa fis-soċjetà tagħna u nidentifikaw azzjonijiet li hemm bżonn jittieħdu.

## UGWALJANZA FIS-SERVIZZ PUBBLIKU

21 Insaħħu u ninkoraġġixxu li tingħata aktar awtorità lill-*middle management* fis-Settur Pubbliku li jiżviluppaw prattiċi ta' mmaniġġjar ta' *leave*, kundizzjonijiet ta' xogħol flessibbli u taħriġ ta' staff skont il-linji gwida tal-politika ta' opportunitajiet indaqs.

22 Insaħħu l-*Gender Focal Points* fid-dipartimenti u entitajiet biex jiġu integrati fil-politika u l-istrutturi għal Opportunitajiet Indaqs.

23 Nipproponu li jitwessgħu l-poteri tal-Kummissjoni tal-Impjiegi biex tirrifletti wkoll il-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni minħabba orjentazzjoni sesswali u sess, mhux biss dik minn opinjoni politika.

# 7

# SOĊJETÀ ĠUSTA

- Liġi għad-Drittijiet tat-tfal
- Inżidu l-pensjoni tal-persuni b'diżabilità
- Għajnuna finanzjarja lill-ġenituri li jitwildulhom ulied b'diżabilità
- Inżidu r-riżorsi allokati għas-servizz tal-*Indipendent Living*
- Pensjoni sħiħa mingħajr tnaqqis lill-persuni b'diżabilità li jsibu xogħol
- Pensjoni sħiħa lir-romol kollha mingħajr eċċezzjoni
- Anzjani li jkollhom *Carer* magħhom ma jħallsux bolla tal-*employer*
- Residenza fil-komunità għal kull persuna b'diżabilità
- *Social Impact Assessment* fuq kull deċiżjoni ekonomika maġġuri li jieħu l-Gvern
- Skema biex min m'għandux biżżejjed bolol imħallsa, jħallashom u jieħu pensjoni





"B'soċjetà ġusta nifhmu
li kulħadd jingħata l-opportunità
jimxi 'l quddiem."

# 7

## SOĊJETÀ ĠUSTA FEJN KULĦADD JISTA' JIMXI 'L QUDDIEM

B'soċjetà ġusta nifhmu li kulħadd jingħata l-opportunità jimxi 'l quddiem. Nifhmu li kulħadd igawdi mill-ġid li jinħoloq, nifhmu soċjetà li twieżen l-aktar lil min għandu sfidi akbar biex jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu, nifhmu l-inklużjoni f'soċjetà kontinwament tinbidel, nifhmu, fuq kollox, il-ġustizzja soċjali.

Għalina l-ġustizzja soċjali tibqa' valur imnaqqax fil-konvinzjonijiet u l-motivazzjonijiet tagħna. Kulma jagħmel Gvern Ġdid ikun iggwidat minn dan il-valur. Għalhekk nemmnu fi tkabbir ekonomiku li jilħaq lil kulħadd. Għalhekk nemmnu fil-mobbiltà soċjali.

Ser inkunu ggwidati minn mira importanti: dik li nibnu soċjetà aktar ġusta bbażata fuq is-solidarjetà soċjali. Irridu nħallu wirt soċjali aqwa lil ta' warajna biex uliedna jkunu aħjar minna.

## SERVIZZI SOĊJALI AĦJAR

L-oġġettiv tagħna huwa li jkollna servizzi soċjali aħjar u sostenibbli, bil-persuna fiċ-ċentru u bħala l-punt fokali ta' kollox. Irridu nagħmluha aktar faċli għal min ħaqqu, permezz tat-tnaqqis fil-burokrazija, servizz aħjar u aktar ħolistiku, kif ukoll servizz li jingħata b'mod dinjituż, xieraq u fil-pront. Għalhekk ser:

1. Inwaqqfu kumitat operazzjonali bejn l-aġenziji kollha, kemm governattivi kif ukoll non-governattivi, biex nikkordinaw aħjar is-servizzi fil-qasam soċjali.

2. Inwettqu proġett ta' soluzzjoni integrata tas-servizzi soċjali bil-għan li tingħata stampa sħiħa u ċara tal-benefiċċji li tkun eleġibbli għalihom persuna anki billi nwessgħu l-iskop tas-*Social Policy Information Centre* (SPIC) sabiex dan jibda jagħti aktar informazzjoni u servizz aktar personalizzat.

## SENSITTIVITÀ SOĊJALI FID-DEĊIŻJONIJIET TAL-GVERN

3 F'każ ta' deċiżjonijiet ekonomiċi maġġuri, ser nibdew nikkummissjonaw studju dwar l-Impatt Soċjali (*Social Impact Assessment*) biex jiġi determinat l-effett li dawn id-deċiżjonijiet iħallu fuq il-familji u s-soċjetà. Dan ukoll sabiex Gvern Ġdid ikollu għodda aħjar u aktar informazzjoni biex jagħraf jimxi aħjar u b'aktar kuxjenza soċjali.

## IL-FAMILJI FIĊ-ĊENTRU

Irridu naraw il-familji jimxu 'l quddiem. L-objettiv tagħna hu li nagħmlu minn Malta wieħed mill-aktar pajjiżi *family-friendly* fl-Ewropa kemm bħala liġijiet u inċentivi, kif ukoll b'mod infrastrutturali. It-tisħiħ tal-familji, is-saħħa u l-livell tal-għejxien tagħhom ikunu fuq quddiem nett ta' kull deċiżjoni ewlenija.

4 Inwaqqfu Forum Nazzjonali dwar il-Familja, bl-inklużjoni tal-*istakeholders* kollha, li jeżamina, fost l-oħrajn, il-punti kollha li ħarġu mill-kampanja referendarja dwar id-divorzju tal-2011, biex id-diskussjoni li saret ma tintesiex u tkun swiet biex nibnu qafas aħjar għall-familji tagħna. Dan il-Forum jiddiskuti b'mod regolari liġijiet li jaffettwaw direttament lill-familji u jagħmel rakkomandazzjonijiet neċessarji.

5 Nagħtu aktar riżorsi lill-Qorti tal-Familja sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu fi żmien iqsar u fejn it-tfal jiġu mħarsa u rispettati, filwaqt li ntejbu s-sistema attwali tal-medjazzjoni.

6 Flimkien mal-Kunsilli Lokali nibdew proġett pilota biex ikollna *Family Clinics* fil-lokalitajiet, bil-għan li nressqu l-għajnuna soċjali u psikoloġika eqreb lejn il-familji.

7 Inħejju *policy* dwar *Positive Parenting* u ndaħħlu *parenting courses* volontarji.

8 Il-*leave* tal-maternità jingħata lil koppji li jkunu ser jaddottaw bil-flessibiltà neċessarja sabiex ikun jista' jsir użu minnu fil-proċess kollu tal-adozzjoni.

9 Tiżdied iċ-*Children's Allowance* kif propost bl-akbar żieda lil dawk il-familji li jgħixu bil-paga minima.

10 Nagħtu l-possibilità li s-*sick leave* intitolat ikun jista' jintuża kemm f'każ li l-ulied ikunu ma jiflħux kif ukoll b'każijiet partikulari pereżempju kura ta' ġenituri, anzjani jew ta' persuni b'diżabilità. L-implimentazzjoni ssir wara diskussjonijiet ma' dawk kollha konċernati.

## ĦARSIEN U DRITTIJIET TAT-TFAL

11 Nintroduċu liġi komprensiva dwar id-Drittijiet tat-Tfal biex nassiguraw li t-tfal ikunu dejjem protetti. Indaħħlu wkoll *Charter* għad-Drittijiet tat-Tfal fil-qafas tal-liġi dwar l-istess suġġett.

12 Nindrizzaw bis-serjetà l-problema tal-*waiting list* fl-Aġenzija Appoġġ bil-għan li tfal li jkunu ġew abbużati ma jitħallewx jistennew għal xhur sħaħ biex jingħataw kura psikoloġika jew dik meħtieġa.

13 Jissaħħaħ is-servizz tal-Avukat tat-Tfal u jiġi estiż lil hinn mill-Qorti tal-Familja.

14 Nipprovdu faċilità għal tfajliet u subien taħt l-età li jkunu qed jiskontaw pieni minħabba li mhux aċċettabbli li dawn jinżammu la fil-ħabs ta' Kordin u lanqas fl-Isptar Monte Carmeli.

15 Nipproteġu aħjar lit-tfal minn abbużi *online* permezz ta' edukazzjoni tagħhom u tal-ġenituri tagħhom, biex jieħdu l-miżuri u jindunaw mal-ewwel f'każ ta' tentattiv ta' abbuż, kif ukoll permezz ta' pieni aktar ħorox lil min jinqabad jabbuża.

16 Nassiguraw li jkunu implimentati sistemi aħjar ta' governanza u *accountability* fid-Djar tat-Tfal.

17 Inwaqqfu Ċentru għall-Adozzjoni u *Fostering* biex iservi ta' punt fokali u ta' servizz f'dan il-qasam biex jipprovdi assistenza għal koppji interessati.

## RISPETT U RWOL ATTIV GĦALL-ANZJANI

18 Il-kunċett ta' *active ageing* għandu jiggwida l-ħidma politika ta' Gvern Ġdid fil-qasam tal-anzjani. Għalhekk Gvern Ġdid iħaddan u iħaddem politika li ssaħħaħ u ttejjeb l-inklużjoni tal-anzjani fil-komunità, kif ukoll tagħraf tixpruna, tinċentiva u timmira li żżid il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà.

19 Nibqgħu nagħtu l-pensjoni sħiħa lil dawk l-anzjani li jagħżlu li jkomplu jaħdmu wara l-età tal-irtirar.

20 Nintroduċu korsijiet dwar kif l-anzjani jistgħu jibqgħu dejjem aktar attivi (*active ageing*) partikolarment dawk li jispiċċaw mid-dinja tax-xogħol u nkomplu nsostnu l-università tat-tielet età.

21 Indaħħlu liġi sabiex nipproteġu aktar lill-anzjani u persuni vulnerabbli minn abbużi minn professjonijiet, membri tal-familja u persuni oħra li jippruvaw japprofittaw ruħhom minn dawn il-persuni f'sitwazzjonijiet differenti.

22 Indaħħlu pieni aktar ħorox għal min jabbuża jew juża vjolenza fuq anzjani u persuni vulnerabbli.

23 Il-Kunsilli Lokali jgħinu biex permezz ta' *outreach* u żjarat fid-djar fost l-oħrajn jiġi assigurat li dawn qed jgħixu f'ambjent sigur, diċenti u li jixirqilhom.

24 Insaħħu l-uffiċċju tal-Kummissarju tal-Anzjani.

25 Il-ġlieda kontra d-dimenzja se tkun waħda mill-prijoritajiet tagħna b'mod li nagħtu aktar għajnuna lil persuni milquta u l-familji tagħhom sabiex jgħixu aħjar ma' din il-kundizzjoni.

26 Nesploraw, flimkien mas-settur privat, sistemi aktar innovattivi tal-ICT biex tingħata għajnuna lill-anzjani f'darhom u fil-komunità.

27 Nagħtu aktar taħriġ lill-ħaddiema tas-saħħa fil-qasam tal-anzjani filwaqt li nippromwovu aktar integrazzjoni bejn il-qasam tas-saħħa u s-servizzi soċjali.

## GĦAJNUNA LIR-ROMOL U ANZJANI LI JGĦIXU F'DARHOM

28 Nagħtu pensjoni tar-romol mingħajr tnaqqis lir-romol kollha li jkunu qegħdin jaħdmu, mingħajr eċċezzjonijiet. Nemmnu li nkunu qegħdin inwettqu ġustizzja soċjali u fl-istess ħin inkomplu ninċentivaw aktar romol biex jibqgħu produttivi fid-dinja tax-xogħol filwaqt li jtejbu d-dħul għalihom u għall-familji tagħhom.

29 Neżentaw mill-ħlas tal-bolla lil dawk l-anzjani li jgħixu f'darhom u jkollhom *carer* impjegat magħhom. Dan għaliex s'issa anzjani li jagħmlu dan jiġu meqjusa bħala *employer* u jintalbu jħallsu l-bolla bħala tali. Permezz ta' din il-miżura qed ninkoraġġixxu l-anzjani jibqgħu jgħixu aktar f'darhom u fil-komunità li huma draw, kif ukoll intaffulhom mill-piż finanzjarju biex huma jagħmlu dan.

## DJAR TAL-ANZJANI BI *STANDARDS* OGĦLA

30 Indaħħlu liġi komprensiva li tirregola d-djar tal-anzjani, it-tmexxija tagħhom, il-professjonisti u ħaddiema, u d-drittijiet tar-residenti u tal-familjari tagħhom filwaqt li tassigura *standards* għolja li jridu jintlaħqu.

31 Nibdew nittrasformaw u ntejbu ċ-Ċentri fejn jinġabru l-anzjani (*Day Centres*) aktar fuq il-kunċett f'*Lifelong Learning Hubs* sabiex nagħmlu minn din l-esperjenza, waħda aktar produttiva u interessanti għall-anzjani nfushom.

32 Nimmiraw li dawn il- *Lifelong Learning Hubs* ikunu mmexxija b'involviment akbar tal-anzjani stess. Għalhekk, ser nintroduċu Bord tar-Residenti f'kull dar tal-anzjani, li jkunu jistgħu jżommu kuntatt kemm mal-Bord ta' Tmexxija kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti.

33 Ninkoraġġixxu lis-settur privat biex jinvesti fil-qasam tal-kura intermedja bħal fil-każ ta' *patient hotels* għall-anzjani li għandhom dipendenza baxxa, li m'għandhomx bżonn kura speċjalizzata iżda li jista' jkollhom bżonn jiġu ospitalizzati għal żmien qasir. Dan inaqqas il-pressjoni minn fuq id-djar tal-anzjani u l-isptarijiet.

## PENSJONIJIET FIS-SOD

Il-pensjonijiet jippreżentaw żewġ sfidi ewlenin: dik ta' kemm il-pensjoni minnha nnifisha tkun tippermetti ħajja diċenti u ta' dinjità għall-individwu li jgħix biha llum u s-sostenibilità fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet b'mod ħolistiku. Filwaqt li rridu bis-serjetà u b'impenn akbar nassiguraw pensjonijiet fis-sod għall-ġenerazzjonijiet futuri ma nistgħux ninsew lill-pensjonanti tal-lum li kienu huma li fil-fatt matul is-snin ikkontribwixxew u li jixirqilhom ħajja diċenti llum b'pensjoni li sservi. Għalhekk,

34 Gvern Ġdid jirrijafferma l-pożizzjoni tiegħu kontra li togħla l-età tal-irtirar.

35 Ninkoraġġixxu d-dħul ta' *Third Pillar Pensions* billi nħarsu lejn diversi inċentivi fiskali li jistgħu jiffaċilitaw dan mingħajr piż żejjed.

36 Nagħtu opportunità biex persuni *bona fide* li jkollhom ammont ta' kontribuzzjonijiet diġà mħallsa, iżda ma jkunux ħallsu biżżejjed kontribuzzjonijiet tal-bolla biex jikkwalifikaw għall-pensjoni, jew għandhom xi kontribuzzjonijiet neqsin, ikunu jistgħu jħallsu l-kontribuzzjonijiet nieqsa u jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom sabiex jingħataw l-opportunità li huma wkoll jikkwalifikaw għall-pensjoni jew għal rata ogħla ta' pensjoni.

37 Inkomplu nwettqu l-miżura li biha l-pensjonanti tas-servizz jibbenefikaw minn titjib fil-pensjoni taż-żewġ terzi tagħhom. B'dan il-mod inkunu gradwalment qed nagħtu lill-pensjonanti tas-servizz id-dritt għall-pensjoni Maltija taż-żewġ terzi flimkien mal-pensjoni tas-servizz tagħhom.

38 Naħdmu flimkien ma' dawk kollha konċernati biex nibdew nikkoreġu l-anomaliji li nħolqu fil-pensjoni tas-servizz u li jolqtu lil numru ta' ħaddiema tal-Gvern li ħadmu mal-Gvern qabel l-1979. Kommessi wkoll li nindirizzaw b'impenn anomaliji oħrajn fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali li nħolqu, fosthom tal-eks ħaddiema tat-Tarzna.

39 Nibdew proċess fuq medda ta' snin sabiex b'mod gradwali naslu għall-Pensjoni Minima Nazzjonali li tkun ekwivalenti għal-60% tad-dħul nazzjonali medju.

## PERSUNI B'DIŻABILITÀ F'SOĊJETÀ ĠUSTA

40 Inserrħu ras il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità li jekk jiġu nieqsa huma, l-Istat u s-soċjetà se jieħdu ħsieb ta' wliedhom f'każ li dawn ma jkunux jistgħu jkollhom ħajja indipendenti. Għalhekk Gvern Ġdid jagħti assigurazzjoni li kull persuna b'diżabilità ser tinstabilha residenza fil-komunità f'dar komunitarja ta' daqs żgħir, biex tibqa' tgħix ħajja komda u dinjituża. Dan huwa proġett kbir soċjali li rridu nwettqu.

41 F'qafas ta' dan il-proġett, ninċentivaw l-użu ġenwin ta' *trusts* biex permezz tagħhom ir-riżorsi finanzjarji, assi u l-wirt li jitħalla minn ġenituri u persuni oħra lill-ulied b'diżabilità, jiġu użati bl-aħjar mod u fl-aħjar interess tal-ulied. Għalhekk ser neżentaw mit-taxxi relatati l-wirt li jitħalla lill-persuni b'diżabilità fi *Trusts*, fejn se nibnu fuq l-eżenzjonijiet li diġà jeżistu, sabiex dawn ir-riżorsi finanzjarji jintużaw biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu ħajja diċenti u indipendenti.

42 Tissaħħaħ l-Aġenzija Sapport, kemm b'allokazzjoni ta' aktar riżorsi, inkluż finanzjarji, kif ukoll billi tingħata s-sapport kollu meħtieġ, u fil-ħin, minn entitajiet oħrajn governattivi.

43 Inżidu u ntejbu r-riżorsi allokati taħt is-servizzi tal-*Independent Living*.

44 Inżidu l-pensjoni tal-persuni b'diżabilità sabiex inkomplu ngħinu kemm nistgħu fl-indipendenza tal-individwu.

45 Nibqgħu nagħtu pensjoni sħiħa u mingħajr tnaqqis lil dawk il-persuni b'diżabilità li jirnexxilhom isibu xogħol.

46 Nagħtu pensjoni tad-diżabilità lill-*amputees* anke jekk il-persuna tkun tilfet id jew sieq waħda u mhux neċessarjament it-tnejn.

47 Nagħtu pensjoni liż-żewġ persuni b'diżabilità u mhux waħda f'każ li l-koppja li jiżżewġu jew jidħlu f'*civil union*, inkluż dawk li żżewġu qabel l-2007.

48 Intejbu d-*Disabled Child Allowance* l-għajnuna finanzjarja li tingħata lil dawk il-ġenituri li jkollhom tarbija b'diżabilità severa sabiex ngħinuhom jiffaċċjaw din is-sitwazzjoni diffiċli f'ħajjithom.

49 Insaħħu skemi eżistenti ta' *supported employment* u inċentivi akbar lil min iħaddem biex jimpjega u jħarreġ persuni b'diżabilità.

50 Insostnu l-iskema li tinċentiva l-Kunsilli Lokali jimpjegaw magħhom persuni b'diżabilità, filwaqt li nestenduha wkoll għall-għaqdiet volontarji u entitajiet governattivi oħrajn.

51 Jingħata tnaqqis sa massimu ta' €2,500 f'taxxa għall-miżati fid-djar jew ċentri ta' *respite* jew għal-servizzi ta' sapport fil-komunità.

52 Naraw li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità tkun katalista ta' aktar sinerġija fost l-għaqdiet li joperaw f'dan is-settur, filwaqt li tkun aktar relevanti għall-persuni u familji.

53 Nirrikonoxxu l-Lingwa tas-Sinjali Maltija uffiċjalment bħala lingwa ta' komunità u bħala l-lingwa preferita tal-komunità *Deaf* Maltija. Naraw li nħarrġu aktar interpreti, ninvestu f'teknoloġija li tiffaċilita d-diġitalizzazjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija u inzjattivi oħrajn.

54 Nagħtu aktar riżorsi neċessarji lill-MCAST sabiex persuni b'diżabilità li jagħlqu s-16 il sena ikunu jistgħu jkomplu l-edukazzjoni l-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġ.

55 Nindirizzaw is-sitwazzjoni fl-*Adult Training Centres* sabiex kull persuna b'diżabilità tingħata l-possibilità li tkompli tiżviluppa l-ħiliet tagħha wara li tispiċċa mill-iskola.

56 Jiġi assigurat li l-istrutturi kollha neċessarji jkunu f'posthom sabiex il-liġi dwar il-*Guardianship* tibda tiffunzjona b'mod effettiv.

## NAQTGĦU L-FAQAR

57 Matul dawn l-aħħar snin rajna l-faqar jerġa' jerfa' rasu. Illum huwa meqjus li hawn 'il fuq minn 88,000 persuna li diġà jinsabu jew inkella qegħdin f'riskju li jaqgħu fil-faqar. Għalhekk, Gvern Ġdid, iggwidat mill-valur tal-ġustizzja soċjali, jaħdem attivament biex il-faqar, kemm dak magħruf u dak moħbi, jerġa' jiġi eradikat darba għal dejjem minn pajjiżna. Irridu nassiguraw tmexxija politika u ekonomika li twieżen lid-dgħajjef u lill-vulnerabbli bil-fatti u b'impenn determinat.

58 Nagħtu l-akbar importanza lill-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal, inkluż dak relattiv, biex neqirduh għal kollox u darba għal dejjem.

59 Naġġornaw regolarment it-*thresholds* tas-servizzi soċjali biex b'hekk dawn ikunu realistiċi u persuni fil-bżonn jibqgħu jiġu megħjuna filwaqt li nnaqqsu kemm jista' jkun il-persuni fir-riskju tal-faqar.

60 Nippromwovu laqgħat regolari bejn l-Awtoritajiet tal-Iskejjel, Kunsilli Lokali, *Social Workers*, Awtoritajiet tal-Knisja u Pulizija biex nipprevjenu u nikkumbattu l-abbużi, *bullying* u faqar, speċjalment fuq it-tfal u persuni vulnerabbli.

61 Flimkien mal-Kunsilli Lokali jkunu żviluppati aħjar is-servizzi soċjali ta' *outreach* kontra l-faqar fil-komunità.

## RISPETT LEJN IL-PROFESSJONIJIET

62 Nintroduċu qafas regolatorju li jagħti aktar protezzjoni lis-*Social Workers, Councillors* u Għalliema, meta jiġu biex jittrattaw każijiet ta' abbuż fuq it-tfal, filwaqt li nassiguraw li kull min jaħdem f'dan il-qasam tant delikat jingħata r-rispett u l-għarfien li ħaqqu.

63 Insaħħu l-professjonijiet relattivament ġodda li jservu ta' pont bejn l-għajnuna li jagħti l-Istat u l-komunità, fosthom *youth workers* u *community workers*.

## *HOUSING* DINJITUŻ

64 Inniedu proġetti ta' *Housing* bejn il-Gvern u l-privat kemm għall-bejgħ u kiri b'rati soċjalment aċċettabbli. F'dan il-kuntest, inkomplu nsostnu l-iskemi eżistenti ta' kiri mill-Awtorità tad-Djar, fosthom Skema Kiri.

65 Insostnu skemi li permezz tagħhom l-Awtorità tad-Djar tgħin permezz ta' sussidju ta' 2.5% fuq l-interessi fuq *house loans* mal-banek.

66 Inniedu skemi realistiċi biex persuni li jgħixu f'postijiet b'kiri mingħand il-Gvern ikunu jistgħu jsiru sidien ta' djarhom.

67 Inkomplu ninċentivaw li persuni jirranġaw postijiet eżistenti u antiki biex joqogħdu fihom.

68 Flimkien mal-Kunsilli Lokali, naraw li jsir titjib kif ukoll li ssir manutenzjoni kemm interna kif ukoll esterna fil-blokki kollha tar-residenzi fl-oqsma tad-djar.

8

# GĦAWDEX

- Xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin
- *Framework* Speċjali għal aktar Investiment
- Inċentivi fiskali għan-negozji li joħolqu x-xogħol f'Għawdex
- Investiment u aktar servizzi mill-isptar Ġenerali ta' Għawdex
- Inkomplu bl-istudji dwar *link* permanenti
- Servizz veloċi bil-baħar bejn Għawdex u l-Belt Valletta
- *Wi-Fi* b'xejn fuq il-vapuri tal-Gozo Channel
- Skemi ta' passaġġi bl-irħis bejn Malta u Għawdex




FERRY
LANE

"Il-mira tagħna hi li noħolqu aktar xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin stess."

# 8

## XOGĦOL F'GĦAWDEX GĦALL-GĦAWDXIN

Il-mira tagħna hi li noħolqu aktar xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin stess.

Irridu nibnu fuq il-kuraġġ, l-għaqal, il-bżulija u l-ispirtu imprenditorjali tal-poplu Għawdxi kollu biex nagħmlu minn Għawdex mutur ekonomiku li joħloq ix-xogħol u l-ġid għall-Għawdxin.

Gvern Ġdid jemmen fl-għażla. Kull Għawdxi u Għawdxija għandhom ikollhom l-opportunità li jaħdmu f'Għawdex stess. Dawk li jixtiequ jimirħu lejn Malta, għandhom ikollhom dan bħala għażla u mhux sforz li f'Għawdex m'hemmx xogħol. Għalhekk,

1 Indaħħlu *Framework* Speċjali għall-Investiment f'Għawdex, konformi mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, li jkun jinkludi inċentivi speċifiċi bil-għan li jiġi attirat aktar investiment li jiġġenera aktar xogħol produttiv u ta' kwalità aħjar f'Għawdex stess.

2 Naraw li Għawdex ikompli jassorbi fondi Ewropej fl-istess livelli u anki ogħla minn dak li sar fl-aħħar snin.

3 Nimmiraw li aktar ħaddiema Għawdxin impjegati mas-Settur Pubbliku f'Malta, ikollhom xogħol produttiv mal-istess Settur Pubbliku f'Għawdex, jekk din tkun il-preferenza tagħhom. Dan jista' jsir, fost oħrajn, billi jiġu trasferiti aktar operazzjonijiet ta' *back office* f'Għawdex.

4 Nagħtu *start up tax credit* ta' €50,000 jew ta' 25% tal-ammont tal-investiment u l-pagi tal-ħaddiema fl-ewwel sentejn tal-operat ta' negozju ġdid ġewwa Għawdex. Dan it-*tax credit* ikun jista' jintuża fuq perjodu ta' erba' (4) snin.

5 B'konformità mar-regoli Ewropej, negozji Għawdxin li jimpjegaw impjegati ġodda b'kuntratti indefiniti jew ta' aktar minn tliet (3) snin, jingħataw sa €5,000 f'rifużjoni fuq il-paga ta' kull ħaddiem addizzjonali li jiġi impjegat.

## INTEJBU L-AĊĊESSIBBILITÀ

Ser nagħmlu l-akbar sforz li qatt sar biex nindirizzaw bis-serjetà l-isfida tal-aċċessibbilità għal Għawdex. Nemmnu li b'aċċessibilità aħjar, Għawdex jista' verament isir mutur ekonomiku.

6 Inkomplu bl-istudji neċessarji fuq il-possibilità ta' *link* permanenti bejn Għawdex u Malta.

7 Neżaminaw l-introduzzjoni, permezz ta' *Public Service Obligation*, ta' servizz veloċi bil-baħar bejn Għawdex u l-viċinanzi tal-Belt Valletta. B'hekk jiġi provdut servizz bżonjuż għal madwar 3,000 ħaddiem u studenti Għawdxin li jaħdmu u jistudjaw Malta, ħafna minnhom fl-inħawi tal-Belt Kapitali. Dan is-servizz iqassar il-ħin tal-ivvjaġġar bejn Għawdex u l-Belt Valletta u li minnu jibbenefikaw min jivvjaġġa spiss.

8 Neżaminaw il-possibilità ta' servizz bil-ħelikopter li jkun effiċjenti, affidabbli u sostenibbli.

9 Sabiex ninkoraġġixxu n-negozju f'Għawdex, nintroduċu minn żmien għal żmien, skemi ta' passaġġi bl-irħis lejn Għawdex bil-Gozo Channel.

10 Indaħħlu skemi li jagħtu inċentivi fuq ivvjaġġar lil min jagħmel perjodu minimu f'Għawdex.

11 Indaħħlu sistema ta' *pre-booking online* għal numru limitat ta' postijiet fuq il-vapuri tal-Gozo Channel.

12 Indaħħlu sistema ta' *wi-fi* b'xejn fuq il-vapuri tal-Gozo Channel u fit-terminals tal-Imġarr u taċ-Ċirkewwa.

## NINVESTU FL-ISPTAR ĠENERALI U F'AKTAR SERVIZZI TA' KURA

13 Konxji mit-telqa li tħalla jaqa' fiha l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, ser nimbarkaw fuq proġett ta' mmodernizzar drastiku bil-għan li nagħmluh kif verament jixraq lill-Għawdxin. F'dan il-kuntest, nassiguraw aktar awtonomija fit-tmexxija tal-isptar.

14 Nibdew nimplimentaw pjan biex inwessgħu u nżidu s-servizzi ta' kura li jingħataw f'Għawdex. Konxji li dan jirrikjedi kemm aktar investiment u allokazzjoni ta' riżorsi ġodda, kif ukoll immaniġġjar aħjar, ser nindirizzaw l-ewwel dak li jiġi identifikat bħala l-aktar urġenti biex gradwalment inkomplu ntejbu.

15 Ninvestu f'servizz tal-kimoterapija għall-kura tal-kanċer fejn, flimkien ma' servizz professjonali, tingħata l-kura lill-pazjenti Għawdxin f'Għawdex stess.

16 Nesploraw il-possibilità li l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jiġi wkoll użat bħala bażi għall-istituzzjoni edukattiva fil-qasam tal-mediċina.

## PROĠETTI GĦAL QAWMIEN EKONOMIKU

17 Flimkien mas-settur privat,0 niżviluppaw facilità għall-*cruiseliners* sabiex anki f'Għawdex nattiraw dan it-tip ta' turiżmu li jikkumplimenta dak li diġà għandna f'Malta. Permezz ta' dan il-proġett jinħolqu mijiet ta' postijiet tax-xogħol ġodda f'Għawdex għall-Għawdxin.

18 Nidentifikaw post ambjentalment sostenibbli fejn tiġi żviluppata *yacht marina* f'Għawdex. Dan ma jkunx f'Ħondoq ir-Rummien, liema zona ma jidhirx li hija adegwata.

19 Naħdmu flimkien ma' dawk involuti biex tinstab soluzzjoni effettiva kif titnaqqas il-problema tal-*parking* fir-Rabat, b'mod li jiġu megħjuna kemm ir-residenti kif ukoll in-negozji.

20 Naċċertaw aktar investiment fil-prodott turistiku ġenerali f'Għawdex, anki permezz ta' inizjattivi li jixprunaw setturi bħalma huma s-snajja' tradizzjonali u niċeċ bħal dak tad-*diving* u mixjiet fil-kampanja fost oħrajn.

21 Nippromwovu lil Għawdex bħala ċentru akkademiku internazzjonali. Għal dan il-għan jiġu mħajra istituzzjonijiet akkademiċi barranin jistabbilixxu preżenza u operat ġewwa Għawdex.

22 Nintroduċu l-prassi li seduti tal-Awtorità għall-Ippjanar u l-Iżvilupp Sostenibbli relatati ma' żvilupp f'Għawdex jibdew isiru f'Għawdex stess. Dan sabiex jitnaqqas il-ħela ta' ħin u skariġġ għall-investituri Għawdxin.

23 Nagħtu attenzjoni mill-ġdid lill-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Dbieġi.

24 Nidentifikaw sit biex jiġi żviluppat għal intrapriżi żgħar f'Għawdex.

25 Inkomplu ninvestu fir-rijabilitazzjoni taċ-Ċittadella sabiex nagħmluha waħda mill-attrazzjonijiet ewlenin tal-Gżejjer Maltin.

26 Norganizzaw aħjar Ċentru tal-Esebizzjonijiet Artistiċi f'Għawdex bil-għan li artisti Għawdxin ikollhom post aktar xieraq fejn jesebixxu l-arti tagħhom.

27 Nimmodernizzaw il-bini u l-faċilitajiet fil-Qorti ta' Għawdex kif ukoll naħtru Imħallef biex iservi f'Għawdex stess.

28 Intejbu l-faċilitajiet sportivi f'Għawdex bil-għan ukoll li nattiraw anki turiżmu sportiv lejn Għawdex.

## NGĦINU L-ISTUDENTI GĦAWDXIN

29 Indaħħlu aktar inċentivi għall-istudenti Għawdxin li jkollhom jikru post f'Malta sakemm ikomplu l-istudji tagħhom.

30 Inwaqqfu Kunsill Reġjonali għaż-żgħażagħ Għawdxin.

31 Inżidu l-korsijiet li jingħataw mill-Università ġewwa Għawdex.

32 Naraw li eżamijiet għal studenti Għawdxin isiru f'Għawdex stess.

33 Inwettqu proġetti ta' tisbiħ u mmodernizzar fl-iskejjel madwar Għawdex.





## PROĠETTI SOĊJALI

34 Ninċentivaw it-twaqqif ta' aktar servizzi ta' *childcare* f'Għawdex fil-qafas tal-proġett biex dan is-servizz jingħata b'xejn.

35 Niftħu dar tal-anzjani f'Għawdex.

## ECO GĦAWDEX

36 Inkomplu niżviluppaw u naħdmu bis-serjetà fuq il-kunċett "Eco Għawdex" biex nassiguraw li dan jinħass aktar u jħalli inizjattivi konkreti għall-poplu Għawdxi.

## GĦAWDEX FL-UNJONI EWROPEA

37 Nassiguraw li d-drittijiet ta' Għawdex stipulati fit-Trattat ta' Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, fost l-oħrajn dwar eleġibilità għall-fondi, jiġu mħaddma.

38 Niftħu l-Uffiċċju Rappreżentattiv għal Għawdex f'Dar Malta fi Brussell biex jiffoka fuq programmi u ħidma favur Għawdex fil-qalba tal-Unjoni Ewropea.

9

# AMBJENT, IPPJANAR U RIŻORSI



- Arja nadifa dritt għal kulħadd
- Sistema ta' ppjanar aktar effiċjenti
- Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi
- Awtorità għall-Ippjanar u l-Iżvilupp Sostenibbli
- NGOs Ambjentali jingħataw id-dritt li jissuġġerixxu persuni fuq bordijiet
- Fond li jgawdu minnu NGOs ambjentali
- Kumpens ambjentali permezz ta' proġetti lil dawk il-lokalitajiet l-aktar milquta minn problemi ambjentali
- Tariffi tal-ippjanar orħos
- Pajjiżna b'liġijiet aktar *animal-friendly*



"Nemmnu li Malta għandha tkun minn ta' quddiem nett fl-*istandards* ambjentali. Mhux għax hemm obbligu mid-direttivi Ewropej, iżda għax hekk jixraq lil uliedna."

# 9

## NILĦQU L-MIRI EWROPEJ U NKUNU MA' TA' QUDDIEM

Ambjent aħjar iwassal għal saħħa aħjar.

Ambjent aħjar iwassal għal kwalità ta' ħajja aħjar.

Nemmnu li Malta għandha tkun minn ta' quddiem nett fl-*istandards* ambjentali. Mhux għax hemm obbligu mid-direttivi Ewropej, iżda għax hekk jixraq lil uliedna.

Sfortunatament ninsabu fost l-agħar fl-Unjoni Ewropea f'oqsma bħal emissjonijiet fl-arja, enerġija alternattiva, l-immaniġġjar tal-iskart u għadna 'l bogħod ħafna mill-miri tal-Istrateġija Ewropea 2020, b'detriment għal saħħitna u bi tnaqqir mill-kwalità tal-ħajja.

Gvern Ġdid jieħu b'serjetà u b'impenn akbar il-qasam ambjentali. Ser naħdmu b'determinazzjoni sabiex iż-żmien li ntilef nirkuprawh, konxji li hemm diversi deċiżjonijiet diffiċli li jridu jittieħdu fosthom ir-riforma mill-qiegħ tal-MEPA. Ser nieħdu dan il-pass fl-interess ambjentali ta' pajjiżna biex inkunu f'pożizzjoni aħjar li nindirizzaw l-isfidi.

Fuq kollox ser inpoġġu l-kwalità tal-arja bħala prijorità ewlenija għax nemmnu li arja nadifa hija dritt għal kull ċittadin. Uliedna jixirqilhom arja aktar nadifa għax saħħithom tiġi qabel kollox. Għalhekk ser inpoġġu s-saħħa ambjentali fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet li jittieħdu.

Il-mira tagħna hija ċara: irridu nkunu ma' ta' quddiem nett għax hekk jixirqilna. Irridu nħallu wirt san lil ta' warajna biex huma jkunu aħjar minna.

## SISTEMA TA' IPPJANAR AKTAR EFFIĊJENTI

Nemmnu li l-ewwel pass għandu jkun riforma sħiħa u ta' veru fir-regolatur ambjentali ewlieni, il-MEPA. Għalhekk,

1 Wara diskussjonijiet mal-*istakeholders* kollha, nisseparaw il-funzjonijiet tal-ambjent u tal-ippjanar li bħalissa qegħdin taħt awtorità waħda, il-MEPA. L-għan ewlieni ta' din is-separazzjoni jkun li nsaħħu l-awtonomija rispettiva taż-żewġ oqsma importanti, neliminaw il-kunflitt u l-burokrazija, filwaqt li nagħtu importanza akbar lill-aspett strateġiku u l-viżjoni fit-tul. Permezz ta' din ir-riforma ewlenija rridu naslu għal bilanċ aħjar bejn il-konservazzjoni u t-tħaris tal-ambjent u l-iżvilupp responsabbli. Ir-riforma għandha twassal għal tnaqqis fil-burokrazija u tnaqqis sinifikanti fl-ipproċessar amministrattiv u l-istennija. F'dan il-proċess ikunu mħarsa l-impjiegi kollha tal-ħaddiema preżenti
tal-MEPA u tal-Awtorità tar-Riżorsi.

2 L-ambjent jingħata l-prijorità li jixraqlu billi din il-funzjoni tkun inkorporata ma' dik li preżentament hija l-Awtorità għar-Riżorsi u b'hekk titwaqqaf l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi li tkun aktar proattiva u strateġika u li tiffoka b'mod aktar speċifiku fuq it-tħaris, il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent u r-riżorsi, filwaqt li tassumi wkoll ir-rwol importanti ta' regolatur ambjentali li bħalissa pajjiżna m'għandux.

3 Il-funzjoni tal-ippjanar għandha tkun waħda aktar professjonalizzata, iffukata fuq li tnaqqas il-burokrazija żejda filwaqt li tassigura responsabilità marbuta b'aktar kontabbiltà lill-professjonisti fil-qasam, jiġifieri l-periti, il-*planners* u l-inġiniera.

F'dan il-kuntest tkun iffurmata l-Awtorità għall-Ippjanar u l- Iżvilupp Sostenibbli

4 L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tingħata vot fil-board tal-Awtorità għall-Ippjanar u l-Iżvilupp Sostenibbli.

5 Nikkonvertu il-Kumitat Parlamentari għall-Ambjent u Ippjanar, f'wieħed li jagħmel skrutinju effettiv fuq *policies* li jirrigwardaw l-ambjent u l-ippjanar.

6 Nintroduċu seduti f'Għawdex li jittrattaw speċifikament każijiet relatati ma' ppjanar u żvilupp f'din il-gżira.

7 Inwaqqfu, fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti rispettivi, uffiċċji speċjalizzati għar-relazzjonijiet mal-Kunsilli Lokali.

8 Naraw li fi proġetti maġġuri li jħallu effett fuq lokalità speċifika, il-Kunsill Lokali tal-komunità direttament affettwata jkollu dritt ta' vot fuq il-Bord li jiddeċiedi l-applikazzjoni tal-ippjanar.

9 Gvern Ġdid jibda eżerċizzju ta' konsolidament tal-elementi kollha ta' infurzar biex ma jkunx hemm *overlapping*, u tiżdied l-effiċjenza.

## IPPJANAR AĦJAR GĦAL ŻVILUPP AKTAR SOSTENIBBLI

10 Nindirizzaw bis-serjetà l-qasam tal-ippjanar fejn, wara konsultazzjoni mal-esperti, nibdew proċess ħolistiku li permezz tiegħu nirrevedu u nirriformaw il-Pjan ta' Struttura u l-Pjani Lokali bil-ħsieb li noħolqu viżjoni aktar ċara, rilevanti u kumplimentari mal-isfidi soċjali, ambjentali, ekonomiċi u insfrastrutturali ta' pajjiżna.



11 Nirrikonoxxu li t-tariffi għall-applikazzjonijiet ta' żvilupp illum huma fil-biċċa l-kbira tagħhom meqjusa projbittivi wisq, għalhekk ser nirreveduhom biex nagħmluhom aktar realistiċi u sostenibbli.

12 Inkomplu nimplimentaw u niffaċilitaw l-iskema ta' regolarizzazzjoni fosthom għal dawk kollha li għandhom kwistjonijiet minuri ta' ppjanar u sanità pendenti.

13 Nieħdu passi sabiex min diġà għandu permess validu maħrug mill-MEPA ikollu moħħu mistrieħ li dan il-permess ikun imġedded u mhux ikun sfurzat jibda x-xogħol biex jikkommetti s-sit mingħajr ma jkollu f'moħħu li l-iżvilupp ilestih f'ħin xieraq. Bini mibdi u mitluq ma jagħmilx ġid lill-ambjent u għalhekk irid jiġi evitat.

14 Inħarsu b'mod aktar ħolistiku lejn il-konservazzjoni u r-riġenerazzjoni tal-UCAs sabiex jiġi assigurat li l-karattru urban Malti jkun preservat. Dan nagħmluh kemm permezz ta' fondi allokati speċifikament kif ukoll permezz ta' inizjattivi fiskali li jgħinu anke lis-settur privat jidħol għal studji u proġetti ta' tiġdid u riġenerazzjoni urbana.

15 Tinghata r-responsabilità lill-periti sabiex dawn joħorġu ċ-ċertifikati tal-*compliance* huma stess bħala l-periti tal-proġett. Dan inaqqas ħafna mill-istennija u qtigħ il-qalb bla bżonn flimkien mal-ispejjeż relatati.

16 Ninkoraġġixxu aktar il-kunċett ta' *spatial planning* biex kwalunkwe żvilupp jagħti kas iz-zona ta' madwaru.

17 Ninkoraġġixxu aktar taħriġ lill-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni biex jispeċjalizzaw aktar fil-qasam tar-riġenerazzjoni, ir-restawr u l-konservazzjoni.

18 Inniedu l-proġett "Djar Maltin" għal periti u inġiniera żgħażagħ biex nippromwovu ideat u teknoloġiji ġodda fil-qasam tal-kostruzzjoni.

## VUĊI AKTAR EFFETTIVA LILL-GĦAQDIET AMBJENTALI

19 Nagħtu l-opportunità lill-NGOs ambjentali jissuġġerixxu persuni sabiex iservu fuq l-awtoritajiet responsabbli mill-Ippjanar u l-Ambjent rispettivament.

20 Konxji mill-bżonn li tissaħħaħ aktar il-vuċi taċ-ċittadin fil-qasam ambjentali. Gvern Ġdid jagħti l-importanza mistħoqqha lill-NGOs li jaħdmu f'dan il-qasam. Għalhekk jitwaqqaf fond finanzjarju apposta li minnu jgawdu dawn l-għaqdiet sabiex ikunu f'pożizzjoni aħjar li jwettqu l-ħidma tagħhom b'mod aktar effettiv.

## SAĦĦA AMBJENTALI

21 Ambjent aħjar iwassal għal saħħa aħjar. Gvern Ġdid ipoġġi s-saħħa ambjentali bħala punt fokali fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. L-għan tagħna huwa li nagħmlu minn pajjiżna wieħed minn ta' quddiem nett f'oqsma bħal kwalità tal-arja, il-konservazzjoni tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart, it-trattament tad-drenaġġ u oqsma oħrajn relatati. Għalhekk Gvern Ġdid jimpenja ruħu li jtejjeb dawn l-oqsma konsiderevolment biex nassiguraw wirt ambjentali aħjar għal uliedna.

## ARJA AKTAR NADIFA

Il-kwalità tal-arja ser tkun prijorità ambjentali ewlenija għal Gvern Ġdid.

L-inċidenza tal-mard respiratorju f'Malta hija għolja ħafna. Ninsabu l-agħar fil-Mediterran, it-tielet l-agħar fl-Unjoni Ewropea u mal-agħar 25 post fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam ma' mard tal-ażma. Konxji u sensittivi għal dan ser nieħdu b'aktar serjetà din il-problema u nindirizzawha b'mod effettiv:

22 L-Arja Nadifa hija dritt ta' kull Malti u Għawdxi. Għalhekk, filwaqt li nsaħħu l-liġijiet eżistenti biex jirriflettu dan, niżguraw implimentazzjoni u infurzar aktar rigorużi u effettivi.

23 Fil-qafas tal-politika għall-enerġija, ser nimbarkaw fuq diversi proġetti li għandhom jassiguraw anqas tniġġis, fosthom billi nagħlqu l-*power stations* tal-Marsa u ta' Delimara l-antika, nibdew niġġeneraw l-enerġija mill-gass flok żejt u nimplimentaw strateġija wiesgħa favur użu akbar tal-enerġija alternattiva. Dan għandu jwassalna għal anqas emissjonijiet fl-arja.

24 Inżommu monitoraġġ kontinwu u aktar spiss u regolari tal-kwalità tal-arja.

## TRASPORT LI JNIĠĠES ANQAS

25 Inħarsu b'mod ħolistiku lejn strateġija favur aktar *electromobility* (mezzi tat-trasport li jaħdmu bl-elettriku flok fjuwil) bħala parti minn strateġija usa' sabiex innaqqsu t-tinġis fl-arja kkawżat mit-trasport. Għalhekk, ser inkunu qed intejbu l-inċentivi eżistenti billi ninċentivaw aktar ix-xiri ta' vetturi elettriċi billi neżentaw mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni u għal 5 snin mit-taxxa taċ-ċirkolazzjoni, il-karozzi u muturi elettriċi kollha. B'mod parallel, inwessgħu u nħaffu l-installazzjoni taċ-*charging docks* madwar il-pajjiż sabiex nassiguraw li l-infrastruttura neċessarja qiegħda f'postha.

26 Insostnu l-miżuri favur vetturi li jniġġsu l-anqas. Għalhekk ser innaqqsu r-rata tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta' karozzi *Euro Standard 5* sa massimu ta' 30%, kif ukoll ser inġeddu l-inċentivi favur ix-xiri ta' karozzi jew vetturi kummerċjali ġodda tat-tip N1 u skrappjar ta' vetturi qodma. Fl-istess ħin ser tiżdied it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq karozzi *Euro Standard 4*.

27 Insostnu l-inċentiv ta' €200 għal min jaqleb il-karozza biex taħdem bl-*autogas*.

28 Il-karozzi użati mill-Gvern u s-servizz pubbliku jibdew ikunu dawk li l-anqas iniġġsu.

## RIĊIKLAR U MMANIĠĠJAR TAL-ISKART

29 Inkomplu nwessgħu u nippromwovu l-iskemi tas-separazzjoni tal-iskart b'aktar involviment u kordinazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

30 Insaħħu t-tmexxija tal-Wasteserve, sabiex din tkun aktar proattiva, tħares 'il quddiem u fl-istess ħin trasparenti fl-operat tagħha filwaqt li nassiguraw titjib fir-rwol tar-regolatur. Fl-istess ħin naraw li jingħata aktar spazju lis-settur privat biex jieħu inizjattivi f'dan il-qasam.

31 Naċċertaw li l-impjant ta' Sant'Antnin jitħaddem skont ir-regolamenti u l-ogħla *standards* biex ma jkunx ta' inkonvenjent għar-residenti, filwaqt li nassiguraw aktar titjib fl-effiċjenza tal-operat kollu.

32 Niżguraw trasparenza sħiħa fl-operat tal-*engineered landfill* fl-inħawi tal-Magħtab. F'dan ir-rigward ukoll, nidentifikaw x'passi għandhom jittieħdu sabiex nindirizzaw bis-serjetà l-problema tal-irwejjaħ li għadhom jolqtu kemm lir-residenti kif ukoll lil kull min ikun għaddej mill-viċinanzi.

33 Inkomplu nesploraw użu alternattiv għall-iskart mill-industrija tal-bini.

34 Indaħħlu *standards* ogħla u nippromwovu aktar l-użu ta' materjal riċiklat fil-kostruzzjoni.

## INSALVAW L-ILMA

35 Inħejju u nimplimentaw Pjan Nazzjonali Favur is-Sostenibilità u l-Immaniġġjar Aħjar tal-Ilma.  Dan għax nemmnu li l-ilma huwa riżors imprezzabbli li ma jistax jibqa' jiġi ttraskurat partikolarment fid-dawl tat-twissijiet li jekk ma nagħmlu xejn mhux se jkun hawn ilma tal-pjan biżżejjed fi żmien 15-il sena. Ser inħarsu wkoll bis-serjetà lejn pjanijiet eżistenti bħal dawk tal-*Water Catchment Management* u *Sewage Master Plan* , u naraw kif dawn għandhom jiġu aġġornati u integrati fi Pjan Nazzjonali li għandu jassigura s-sostenibbilità u l-immaniġġjar aħjar tal-ilma għas-snin li ġejjin.

36 Parti importanti ta' dan il-pjan tkun il-konservazzjoni u l-użu aħjar tal-ilma tax-xita. Il-pjan ikun jinkludi wkoll metodi kif, filwaqt li jkun salvat aktar mill-ilma tax-xita, naraw li jittieħdu l-miżuri neċessarji biex jitnaqqas l-għargħar fit-toroq.

37 Nibdew proġett nazzjonali ta' rijabilitazzjoni tan-*network* ta' ġibjuni, ġwiebi u *reservoirs* madwar il-pajjiż bil-għan li ntejbu l-potenzjal tal-ħażna tal-ilma tax-xita. F'dan il-proġett nirrijabilitaw ukoll ġibjuni magħrufa bħala *soakaways* li għandhom jitnaddfu regolarment minħabba li l-funzjoni prinċipali tagħhom hi li jħallu l-ilma jiskula u li huma effettivi ħafna kontra l-għargħar. Dan il-proġett ikun jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-bżonn u potenzjal ta' żieda fin-*network* permezz ta' binjiet ġodda.

38 Terġa' tiddaħħal liġi li permezz tagħha jkun illegali li l-ilma jintefa' fid-drenaġġ.

39 Nistudjaw il-possibilità ta' investiment sabiex l-użu tal-*effluent* tad-drenaġġ ittrattat ikun jista' jintuża, partikolarment għal skopijiet ta' biedja.





40 Nibdew programm intensiv ta' tindif, konservazzjoni, protezzjoni u riġenerazzjoni tal-widien.

41 Nagħtu *water saving kit* lil kull familja f'Malta u Għawdex biex ngħinu kemm nistgħu familji jnaqqsu l-użu tal-ilma fid-djar stess. Huwa stmat li permezz ta' dan l-investiment, familja tiffranka sa 25% tal-konsum tal-ilma fid-dar.

42 Nippromwovu u ninċentivaw sistemi ta' riċiklaġġ tal-ilma fid-djar.

43 Nistudjaw u nevalwaw il-possibilità li nipprovdu *network* ta' ilma trattat tat-tieni klassi bi grad ta' salinità baxxa għall-biedja u għall-industrija, sabiex innaqqsu d-dipendenza fuq l-estrazzjoni tal-ilma tal-pjan.

44 Inħarsu bis-serjetà lejn kif intejbu l-proċess tad-desalinazzjoni, fosthom billi nħarsu lejn teknoloġija moderna u aktar effiċjenti, anki sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija meħtieġ f'dan il-proċess.

45 Nippromwovu regolarment kampanji edukattivi favur il-konservazzjoni tal-ilma.

## AKTAR ZONI MIFTUĦA

46 Nidentifikaw, flimkien mal-Kunsilli Lokali, aktar proġetti mmirati lejn ir-rikreazzjoni tal-familja.

47 Noħolqu, anki bl-involviment tas-settur privat, postijiet ġodda għal *camping* u għal *picnics* għall-familji, b'zoni għal rikreazzjoni u fejn tfal ikunu jistgħu jilagħbu.

48 Noħolqu numru ta' *jogging tracks* u *bicycle lanes* f'diversi lokalitajiet madwar il-pajjiż.

49 Niżviluppaw pjan għall-kosta ta' pajjiżna sabiex nużaw il-potenzjal kollu tan-natura, l-enerġija, l-iżvilupp, is-sajd u t-turiżmu.

50 Niffukaw b'aktar serjetà u bil-fatti fuq il-ħarsien tal-bijodiversità u l-ħlejjaq naturali fil-gżejjer tagħna, filwaqt li naraw li jintlaħqu l-miri kollha li għandu pajjiżna għall-ħarsien tal-bijodiversità.

## KUMPENS AMBJENTALI

51 Gvern Ġdid jemmen fil-ġustizzja ambjentali. Għalhekk, b'ġustizzja, ser inkunu qed nagħtu kumpens ambjentali lil dawk iz-zoni u lokalitajiet li matul l-aħħar snin ġew affettwati b'mod negattiv minn proġetti industrijali u li jniġġsu. Dan il-kumpens jingħata f'forma ta' proġetti ambjentali diversi favur il-komunità lokali.

## *GREEN ECONOMY*

52 Nimplimentaw strateġija ċara bbażata fuq *best practices* Ewropej li tpoġġi l-ambjent fil-qalba tad-deċiżjonijiet, filwaqt li nimmiraw biex it-tkabbir ekonomiku jagħti kunsiderazzjoni xierqa lill-iżvilupp sostenibbli u ambjentali.

53 Inħarsu b'mod aktar wiesa' lejn pjan li jinċentiva l-ħolqien ta' aktar *green jobs* f'pajjiżna. Nirrikonoxxu illi f'dan il-qasam s'issa sar ftit li xejn, għalhekk il-bżonn ta' ħidma aktar iffukata biex nattiraw investiment ġdid li joħloq impjiegi f'oqsma bħal dawk relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni ambjentali, inġinerija, oqsma relatati mal-enerġija nadifa, konservazzjoni u monitoraġġ ambjentali, edukazzjoni speċjalizzata, restawr, biedja organika u oħrajn.

54 Gvern Ġdid imexxi bl-eżempju. Għalhekk inkunu kommessi li f'*tenders* u kuntratti pubbliċi jingħataw rikonoxximent dawk il-kumpaniji li jippromwovu teknoloġija u jħaddnu prassi ħbieb tal-ambjent.

55 Gvern Ġdid jirrikonoxxi u jagħraf il-potenzjal tal-ħidma u l-professjonijiet fil-qasam ambjentali. Għalhekk noħolqu qafas li jirrikonoxxi u jiggwida aħjar il-professjonijiet f'dan il-qasam, filwaqt li nixprunaw aktar speċjalizzazzjoni professjonali.

## SIĠAR U MSAĠAR

56 Inħarsu kontinwament is-siġar eżistenti fl-ibliet u l-irħula Maltin u ninċentivaw it-tħawwil ta' aktar siġar, partikolarment dawk indiġeni.

57 Permezz ta' kollaborazzjoni ma' NGOs, noħolqu aktar postijiet fil-qasam u ninvestu fil-ħarsien tal-imsaġar eżistenti u oħrajn ġodda li noħolqu.

## TIBDIL FIL-KLIMA

58 Nagħtu prijorità xierqa lit-twettiq ta' politika nazzjonali dwar it-tibdil tal-klima, kemm mill-aspett tal-mitigazzjoni kif ukoll adattazzjoni. Gvern Ġdid jassigura li jinħoloq qafas legali adegwat f'dan ir-rigward filwaqt li naraw li nsaħħu l-operat tal-istrutturi amministrattivi eżistenti.

59 Naraw li nsaħħu l-iżvilupp akkademiku u professjonali sabiex nassiguraw li pajjiżna jkollu l-kapaċitajiet kollha neċessarji f'dan il-qasam.

60 Nippromwovu aktar kampanji edukattivi li jqajmu aktar għarfien fost il-pubbliku dwar it-tibdil klimatiku.

## DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

61 Nimmiraw li nagħmlu lil pajjiżna aktar *animal-friendly* b'liġijiet, infrastruttura u servizzi ġodda.

62 Naħtru Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Annimali biex jinvestiga abbużi, jara li tiġi infurzata l-liġi, imexxi kampanji edukattivi biex jiġu protetti l-annimali, u jipproponi miżuri biex nagħmlu lil pajjiżna aktar *animal-friendly*.

63 Insaħħu r-rwol tal-Animal Welfare Council.

64 Noħolqu Fond Nazzjonali għall-*Welfare* tal-Annimali sabiex permezz tiegħu ngħinu lill-għaqdiet volontarji attivi f'dan il-qasam.

65 Inħarrxu l-pieni kontra l-moħqrija tal-annimali filwaqt li nżidu l-kampanji edukattivi f'dan il-qasam.



66 Noħolqu *pet recreation areas* ġodda madwar il-pajjiż, kif ukoll billi nagħmlu l-ispazji pubbliċi aċċessibbli wkoll għall-*pets*. Dan għaliex nemmnu li l-familji li jrabbu *pet* b'mod responsabbli jqisu l-*pet* tagħhom bħala parti mill-familja u allura jixraq li f'ħin ta' rikreazzjoni l-*pet* ikun magħhom.

67 Nipprovdu zoni tal-għawm apposta fejn persuni jkunu jistgħu jieħdu l-klieb tagħhom magħhom.

68 Naraw li l-annimali kollha li jiddaħħlu f'pajjiżna jkunu mlaqqma.

69 Naraw li ċ-Ċentru San Franġisk ikun aktar aċċessibbli għall-għaqdiet involuti f'dan is-settur sabiex jitwessa' l-użu tiegħu.

70 Nistabbilixxu aktar postijiet speċifiċi fejn żwiemel tal-karozzini jkunu jistgħu jistkennu mix-xemx.

71 Naraw li tinbidel il-liġi biex tagħti l-possibilità li jiġi żviluppat ċimiterju tal-annimali b'sensittività sħiħa lill-ambjent.

## KAĊĊA U NSIB

72 Il-kaċċa u l-insib huma tradizzjonijiet u delizzji li ilhom ipprattikati f'pajjiżna għal għexieren ta' snin minn eluf ta' ċittadini Maltin. Irridu nassiguraw li ċ-ċittadin Malti li għandu dan id-delizzju jkun ittrattat b'mod ekwu daqs u xejn inqas minn kull ċittadin Ewropew. Għalhekk fir-rispett sħiħ tar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, naraw li jitjiebu r-regolamenti lokali fosthom li tkun garantita l-kaċċa sostenibbli fir-rebbiegħa skont ir-regolamenti Ewropej kif ukoll li jiġu applikati d-derogi kollha ammissibbli skont id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

# 10

# INFRASTRUTTURA



- Sejħa pubblika nazzjonali għal proġetti kreattivi maġġuri
- Rijabilitazzjoni ta' diversi postijiet storiċi madwar il-Belt Valletta, il-Kottonera u oħrajn
- Dħul b'xejn il-Belt Valletta wara s-2pm u s-Sibt
- *National Traffic Management Plan* biex itaffi l-problema tat-traffiku
- Neżentaw mit-taxxa tar-reġistrazzjoni karozzi elettriċi



"Proġetti li joħolqu impjiegi sostenibbli, filwaqt li jagħtu spinta ekonomika u infrastrutturali lil pajjiżna."

# 10

## PROĠETTI INNOVATTIVI U KREATTIVI

1 Inniedu sejħa pubblika għal proġetti fejn nistiednu għall-ideat innovattivi u kreattivi bil-għan li npoġġu fuq l-aġenda nazzjonali proġetti li joħolqu impjiegi sostenibbli, filwaqt li jagħtu spinta ekonomika u infrastrutturali lil pajjiżna.

2 B'mod speċifiku, nilqgħu proposti għal żvilupp sostenibbli flimkien mas-settur privat ta' siti bħal Albert Town, il-Malta *Shipbuilding*, l-Isptar San Luqa, White Rocks u postijiet oħra b'potenzjal, bi preferenza tingħata lil dawk il-proġetti li jirriġeneraw u jsaħħu l-potenzjal tal-inħawi.

## REKLAMAZZJONI TAL-ART

3 Gvern Ġdid iqis ir-riklamazzjoni tal-art bħala ħolqa importanti fl-iżvilupp infrastrutturali ta' pajjiżna. Nifhmu li proġetti ta' din ix-xorta, minħabba l-kobor infrastrutturali tagħhom kif ukoll is-sensittività ambjentali u ekonomiċi li jġibu magħhom, jirrikjedu politika ċara ta' żvilupp li tassigura benefiċċji wiesgħa li jgawdi minnhom il-poplu Malti u Għawdxi kollu. Għalhekk, Gvern Ġdid ser iħaddan politika favur l-iżvilupp ta' proġetti innovattivi mir-reklamazzjoni tal-art li jissodisfaw *standards* għolja fl-oqsma ambjentali, soċjali, ekonomiċi, ippjanar u żvilupp sostenibbli u li jassiguraw valur ekonomiku u l-ħolqien tax-xogħol.

## RIJABILITAZZJONI U MODERNIZZAR MADWAR IL-PAJJIŻ

4 Jitwettaq bla aktar dewmien il-proġett tal-Baċir Numru Wieħed f'Bormla. Gvern Ġdid jagħti l-prijorità meħtieġa sabiex dan il-proġett jitwettaq malajr kemm jista' jkun bil-għan li nkomplu bir-riġenerazzjoni tal-Kottonera u l-madwar.

5 Inkomplu wkoll nidentifikaw postijiet b'potenzjal li jistgħu jiġu rijabilitati u żviluppati bħala attrazzjonijiet u għal użu pubbliku, bħal Forti Ricasoli, Sant'Iermu, il-Fortizza ta' San Anard, Forti Bengħajsa u Forti Campbell, fost oħrajn.

6 Inkomplu proġetti ta' rijabilitazzjoni u restawr tas-swar, monunenti nazzjonali u ġojjelli oħra arkitettoniċi li pajjiżna huwa mogħni bihom.

7 Niżviluppaw aktar *parks* b'mod li jkunu attrezzati aktar biex jilqgħu fihom diversi attivatijiet għall-familji.

8 Nużaw il-mudell ta' *public private partnership* anki fit-tisbiħ ta' aktar zoni pubbliċi.

## BELT VALLETTA: KAPITALI VIBRANTI

Nittrasformaw mill-ġdid il-Belt Valletta fil-kapitali ekonomika u vibranti ta' pajjiżna.

9 Naraw li t-tħejjijiet biex il-Belt Valletta tkun il-Belt Kapitali Kulturali Ewropea 2018 iservu biex il-Belt tingħata l-ħajja mill-ġdid fit-tul u mhux sempliċiment għal perjodu temporanju biss.

10 Nassiguraw aktar kordinazzjoni bejn l-entitajiet kollha tal-Gvern li għandhom interess dirett fil-Belt Valletta.

11 Nesploraw il-possibiltajiet ta' sħubija bejn Gvern u Privat biex ikun hemm attrazzjonijiet u faċilitajiet ġodda, bħal *Boutique Hotels*, f'binjiet storiċi restawrati fil-Belt Valletta.

12 Inwettqu aktar proġetti ta' rijabilitazzjoni f'diversi postijiet fil-Belt Valletta, bħal passaġġi taħt l-art, fil-periferiji, kif ukoll diversi binjiet storiċi.

13 Bil-għan li nagħtu stimolu ġdid lin-negozji ser nirriformaw is-sistema tas-CVA biex nagħmluha aktar faċli u inqas projbittiva li persuni jidħlu l-Belt Valletta. Permezz ta' din ir-riforma nikkunsidraw li d-dħul fil-Belt isir b'xejn wara s-sagħtejn ta' waranofsinhar u nhar ta' Sibt.

14 Neżaminaw il-possibilità li flimkien mas-settur privat niżviluppaw aktar spazji ta' parkeġġ madwar il-Belt Valletta.

## IL-KOTTONERA: ĠAWHRA KULTURALI U POTENZJAL EKONOMIKU

15 Nibdew sensiela ta' proġetti ta' rijabilitazzjoni estensiva tal-Kottonera sabiex inkomplu niskopru mill-ġdid din il-ġawhra ta' pajjiżna.

16 Nirrijabilitaw il-passaġġi taħt l-art fil-Kottonera sabiex noħolqu attrazzjoni ġdida u nużaw dawn l-ispazji bl-aħjar mod.

17 Nippromwovu l-kunċett ta' sħubija bejn il-gvern u l-privat biex jinħolqu attrazzjonijiet u faċilitajiet ġodda u jitkompla r-restawr ta' binjiet storiċi fil-Kottonera.

## TOROQ U TRAFFIKU

Nagħtu prijorità lill-problema tat-traffiku li qed taffettwa l-kwalità tal-ħajja tal-familji u negozji Maltin u Għawdxin. Ta' kuljum eluf ta' persuni jinqabdu u jaħlu ħafna ħin fit-traffiku bir-riżultat li jintilef ħin tax-xogħol produttiv għal pajjiżna.

18 Wara konsultazzjoni meħtieġa, inniedu *National Traffic Management Plan* li jgħinna nidentifikaw u nindirizzaw aħjar, fost oħrajn, *traffic bottlenecks*. Prijorità għandha tingħata lill-proġetti tal-*junction* tal-Kappara u tal-Addolorata, fost oħrajn.

19 Nintroduċu *unit* ta' kordinament biex jieħu ħsieb jikkordina x-xogħlijiet fit-toroq bejn entitajiet differenti b'mod li tiżdied l-effiċjenza, jonqos id-dewmien u jiġu ffrankati l-flus.

20 Niżviluppaw *connection* li jgħaqqad iż-żewġ naħat tal-qasam tad-djar ta' Ħal Qormi li huwa mifrud bi Triq is-Sebħ (*by-pass* tal-Imrieħel) u li ħalliet diversi vittmi matul is-snin.

21 Nemfasizzaw aktar fuq is-sigurtà fit-toroq permezz ta' sinjali elettroniċi filwaqt li niżguraw aċċessibbiltà aħjar fuq il-bankini għall-persuni b'diżabilità.

## NINDIRIZZAW IL-PROBLEMA TAL-*PARKING*

22 Nagħtu prijorità lill-proġetti li jindirizzaw il-problema tal-*parking*, speċjalment f'ċentri kummerċjali bħal Belt Valletta, Tas-Sliema, Buġibba u Raħal Ġdid. Nimpenjaw ruħna wkoll li nibnu kumpless ta' *parking* fl-Università ta' Malta.

23 Nassiguraw li l-*car parks* pubbliċi eżistenti jibqgħu jintużaw miċ-ċittadin mingħajr spejjeż ġodda għalihom. Dan filwaqt li nħarsu lejn kif jista' jitjieb is-servizz ġenerali u tiżdied is-sigurtà.

## TRASPORT PUBBLIKU

24 Pajjiżna jixraqlu sistema ta' trasport pubbliku aħjar. Jixraqlu sistema li tagħraf iżżewweġ, b'effiċjenza, il-bżonn loġistiku għall-iżvilupp infrastrutturali u ekonomiku, mil-lat soċjali u anki ma' dak ambjentali. Nifhmu li r-riforma fit-trasport pubbliku, kif saret, sfortunatament ma ħallietx ir-riżultati li xtaq il-poplu. Il-poplu, bir-raġun, stenna aktar.

Għalhekk, filwaqt li nħarsu lura biex nitgħallmu mill-iżbalji li saru, niffukaw ħarsitna 'l quddiem fuq kif ser intejbu s-sistema tat-trasport pubbliku. B'dan f'moħħna, nidħlu f'diskussjonijiet intensivi mal-operatur ewlieni, l-Arriva, biex naqblu fuq pjan ta' titjib fis-servizz u fir-rotot. Il-pjan ikun jinkludi wkoll it-tneħħija tal-imsejħa *bendy-buses* minn rotot fejn evidentement qed joħolqu konġestjoni. Konvinti li b'rieda tajba bejn iż-żewġ naħat nistgħu naslu għal titjib fi żmien qasir biex nassiguraw li l-eżigenzi u l-aspettattivi tal-poplu Malti u Għawdxi jiġu milħuqa.

## TRASPORT AĦJAR U AKTAR EFFETTIV

25 Insaħħu s-servizz ta' trasport fuq il-baħar bi skeda bejn zoni differenti fil-Port il-Kbir, bejn il-Belt Valletta u Tas-Sliema, u bejn il-Belt Valletta u l-Kottonera.

26 Nagħtu aktar widen u nimxu b'konsultazzjoni aħjar mas-sidien tal-*minibuses*, vannijiet tal-passiġġieri u dawk tat-*taxis* bil-għan li dawn itejbu l-operat tagħhom b'mod li jgħinu aktar fit-tnaqqis tat-traffiku u jtejbu l-aċċessibbiltà.

27 Inħarsu lejn l-operat tat-Transport Malta bil-għan li din tkun riformata bis-serjetà sabiex taqdi aħjar ir-rwol propju ta' regolatur b'mod aktar effettiv u ġust.

28 Nevalwaw u nanalizzaw il-potenzjal ta' sistemi oħrajn ta' trasport, fosthom il-possibilità ta' *light rail* fi nħawi speċifiċi tal-pajjiż.

# 11

# KONSUMATURI

- Nagħtu lura l-flus imħallsa żejda mill-konsumaturi għall-VAT fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi
- Insaħħu l-Awtorità Maltija għall-kompetizzjoni u affarijiet tal-konsumaturi
- *One-Stop-Shop* għall-konsumaturi
- Ombudsman għas-servizzi finanzjarji
- *Charter* għad-drittijiet tal-klijenti tal-banek
- *Charter* għad-drittitijiet tal-investituri żgħar





“Gvern Ġdid ikun impenjat aktar favur id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumaturi.”

# 11

## ĠUSTIZZJA MAL-KONSUMATURI

1 L-għan tagħna jkun li l-konsumatur jingħata dak li jistħoqqlu b'ġustizzja, mingħajr ħafna skariġġ u burokrazija żejda. Irridu nassiguraw li r-regolaturi ewlenin iwettqu d-dmirijiethom tagħhom billi jkunu proattivi b'aktar awtonomija effettiva għas-servizz tal-konsumatur.

2 Nagħtu lill-konsumaturi lura l-flus imħallsa żejda tal-VAT fuq it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Karozzi li l-Gvern kien ħa mingħand il-konsumaturi li xtraw vetturi bejn Mejju 2004 u l-2008. Dan nagħmluh mingħajr ma nżidu piżijiet fuq ċittadini oħra.

## GĦOLI TAL-ĦAJJA

3 Għan importanti ta' Gvern Ġdid ikun li titrażżan l-għoli tal-ħajja.

4 Inżommu sodi quddiem l-Unjoni Ewropea biex nassiguraw li nżommu kif inhu l-mekkaniżmu ta' kumpens għall-għoli tal-ħajja (COLA), kif maqbul mal-imsieħba soċjali.

## PROTEZZJONI U SORVELJANZA

5 Insaħħu l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumaturi (MCCAA) biex din tkun aktar awtonoma u proattiva fil-ħidma tagħha favur il-konsumatur. Dan isir ukoll billi jiġi żgurat li fuq livelli differenti kemm is-servizz pubbliku u anki awtoritajiet tal-Gvern jaġixxu b'mod aktar kumplimentari mal-policies li l-awtorità tħejji għall-benefiċċju tal-konsumatur u tal-kompetittività ta' pajjiżna.

6 Inwaqqfu *One-Stop-Shop* għall-konsumaturi sabiex jiġi offrut servizz ħolistiku liċ-ċittadini kemm dwar entitajiet tal-Gvern li jipprovdu servizz bi ħlas, kif ukoll dawk l-entitajiet li jipprovdu servizz iżda mhux bi ħlas. B'hekk insaħħu aktar il-kuxjenza favur il-konsumatur fl-entitajiet kollha tal-Gvern.

7 Innaqqsu l-burokrazija u stennija żejda biex konsumatur ikollu aktar aċċessibbiltà u jieħu sodisfazzjon quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur.

8 Insaħħu s-sorveljanza tas-suq biex naraw li prodotti li jkunu għall-bejgħ f'pajjiżna ma jkunux ta' periklu għas-saħħa, speċjalment tat-tfal.

9 Insaħħu l-Kunsill għall-affarijiet tal-konsumaturi li għandu jkun immexxi minn rappreżentanti tal-konsumaturi u tan-negozju u miftuħ għall-*istakeholders* kollha.

10 Flimkien mal-Kunsilli Lokali jinfetħu *Desks* għall-affarijiet tal-konsumaturi f' lokalitajiet differenti, idealment f'zoni kummerċjali.

11 Wara konsultazzjoni ma' dawk kollha involuti, inniedu Premju ta' Rikonoxximent għall-aktar negozji li jaddottaw miżuri li jkunu *consumer-friendly*.

12 Nintroduċu servizz ta' pariri għall-individwi u familji dwar kif jimmaniġġjaw id-djun tagħhom u jagħtihom pariri dwar ippjanar finanzjarju biex joħorġu minn sitwazzjonijiet diffiċli, kif ukoll taħriġ u għarfien bażiku ta' kif wieħed jinvesti flusu.

## BANEK U SERVIZZI FINANZJARJI

13 B'konsultazzjoni mal-MFSA, inwaqqfu Ombudsman għas-servizzi finanzjarji bil-għan li jassumi l-funzjoni li jinvestiga l-ilmenti tal-investituri u disputi bejn investituri u istituzzjonijiet finanzjarji, filwaqt li jkollu s-saħħa legali li jagħti sentenzi eżekuttivi. Dan bil-għan li l-investitur ikun aktar protett u l-kors tal-ġustizzja jkun wieħed aktar mgħaġġel u f'waqtu.

14 Nintroduċu *Charter* għad-Drittijiet tal-Investituri żgħar b'mod li d-drittijiet ta' dawn l-investituri, speċjalment dawk b'anqas esperjenza u aktar vulnerabbli, ikunu mħarsa aktar.

15 Indaħħlu *Charter* għad-drittjiet tal-klijenti tal-banek li jipproteġi lil kull minn juża servizzi bankarji u jgħin biex ma jkunx hemm abbużi ta' spejjeż moħbija, filwaqt li jiġi megħjun min jissellef biex ikun jaf eżatt x'responsabbiltajiet dieħel għalihom.

16 Niffaċilitaw it-trasferiment tas-self minn bank għal ieħor, partikolarment dak għal djar residenzjali, permezz ta' simplifikazzjoni fil-proċess amministrattiv u t-tneħħija tal-ħtieġa ta' kuntratti notarili ġodda biex dan isir. Dan jgħin lill-konsumaturi jieħdu vantaġġ mill-kompetizzjoni ġusta mingħajr ma jeħlu spejjeż addizzjonali ta' kuntratti u b'hekk jiffrankaw il-flus.

17 Neżiġu fuq il-banek li jagħtu informazzjoni sħiħa lill-konsumaturi dwar spejjeż u interessi ta' *credit cards* u self ieħor.

## DRITTIJIET TELEVIŻIVI

18 Intejbu l-qafas regolatorju biex nassiguraw li l-interessi tal-konsumaturi jkunu aktar protetti fil-qasam tal-pakketti televiżivi diġitali.



# 12

# SOĊJETÀ ĊIVILI U VOLONTARJAT



- *Round-Table* għal-NGOs u volontarjat bħala forum permanenti
- Titjib fl-inċentivi fiskali għal negozji li jgħinu lill-volontarjat
- Aktar għajnuna lill-NGOs biex jaċċessaw fondi tal-UE
- Kordinament Servizz Komunitarju b'mod volontarju
- Kunsill Konsultattiv għall-komunitajiet barranin



“Nibqgħu ngħinu u ninkoraġġixxu attivament il-volontarjat.”

# 12

## SĦUBIJA SOĊJALI

1 Nibqgħu ninkoraġġixxu attivament il-volontarjat bħala mezz nobbli li permezz tiegħu persuna tagħti u toffri s-servizzi u l-ħin għall-ġid u l-iżvilupp kontinwu tas-soċjetà.

2 Gvern Ġdid iħares lejn is-soċjetà ċivili bħala *partner* importani fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna. Għalhekk, Gvern Ġdid huwa kommess li b'mod aktar effettiv jikkonsulta regolarment mal-korpi kostitwiti, organizzazzjonijiet volontarji u membri oħra tas-soċjetà ċivili biex il-liġijiet, *policies* u programmi kollha tal-Gvern jirriflettu dejjem aktar l-aspirazzjonijiet tal-firxa soċjali kollha f'pajjiżna.

3 Insaħħu r-rwol tal-MCESD biex nagħmluh aktar inklussiv u aktar effettiv sabiex verament jitwettaq id-djalogu socjali.

4 Inwaqqfu Round Table għall-NGOs u volontarjat biex iservi bħala forum permanenti ta' konsultazzjoni ma' dan il-qasam.

5 Nagħtu aktar importanza u għajnuna lil NGOs biex jipprovdu servizzi għax nemmnu li b'devoluzzjoni s-servizzi jistgħu jiġu offruti eqreb lejn min għandu bżonnhom u b'mod aktar effettiv.

6 Nippromwovu kordinazzjoni aħjar għal xogħol volontarju li jsir minn Maltin u Għawdxin barra minn Malta.

## INĊENTIVI GĦALL-VOLONTARJAT

7 Intejbu l-inċentivi fiskali għal negozji li jagħtu donazzjonijiet lill-NGOs u għaqdiet volontarji.

8 Nistabbilixxu tliett postijiet li jservu bħala Djar għas-Soċjetajiet Ċivili reġjonali fejn organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jingħataw spazju u faċilitajiet fejn jiltaqgħu b'servizzi ta' segretarjat. Dawn id-djar, li mudell ta' waħda minnhom diġà teżisti f'Għawdex, għandhom jitwaqqfu fit-Tramuntana, Ċentru u Nofsinhar tal-pajjiż.

9 Ngħinu aktar lill-għaqdiet mhux governattivi biex jaċċessaw fondi tal-Unjoni Ewropea, anki permezz ta' sħubija kemm mal-Gvern kif ukoll mal-Privat.

10 Nagħtu appoġġ u inċentivi lill-għaqdiet volontarji sabiex jippromwovu b'mod kontinwu korsijiet tal-First Aid.

11 Nagħtu stipendju u krediti ta' bolla liż-żgħażagħ li jagħmlu volontarjat kif propost.

## KOMUNITAJIET BARRANIN

12 Nistabbilixxu kunsill konsultattiv għall-komunitajiet barranin f'pajjiżna.

# 13

# ARTI, KULTURA U KREATTIVITÀ

- Skola tal-Arti fi ħdan l-Università
- Mużew tal-Arti Kontemporanja
- Skola tal-Mużika reġenerata
- Gallerija Nazzjonali tal-Arti Moderna
- Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza
- Arkivju tal-Istorja Orali
- Tisħiħ tan-niċeċ kreattivi





“L-arti u l-kultura għandhom jingħataw is-sostenn u l-għożża meħtieġa għaliex huma investiment dirett fiċ-ċittadini u s-soċjetà Maltija.”

# 13

## LEJN EKOLOĠIJA TAL-ARTI U L-KULTURA

Gvern Ġdid jagħraf li l-espressjoni artistika u kulturali huma importanti għall-iżvilupp nazzjonali, u li din tiġġenera benefiċċji wiesgħa li joħolqu l-ġid f'aspetti diversi. L-arti u l-kultura għandhom jingħataw is-sostenn u l-għożża meħtieġa għaliex huwa investiment dirett fiċ-ċittadini u s-soċjetà Maltija. Huwa b'dan il-mod ukoll li rridu nkomplu nagħtu spinta l-mobbiltà soċjali billi ninvestu nżidu l-kapital kulturali tagħna bħala nazzjon.

### NINVESTU FIL-KAPAĊITAJIET KREATTIVI

Gvern Ġdid jagħraf, japprezza u jinvesti fil-potenzjal u t-talent kreattiv tal-poplu Malti. Mhux biss huwa l-obbligu nazzjonali tal-Gvern li jaġixxi bħala l-gwardjan, f'isem il-poplu, tal-wirt artistiku u kulturali tagħna, iżda nemmnu li għandna ninvestu aktar fil-kura u l-konservazzjoni ta' dak li writna filwaqt li nibdew bis-serjetà nseddqu il-kreattività bħala poplu sa miċ-ċkunija ta' wliedna.

1 Nirrikonoxxu li l-artisti Maltin huma kapaċi u li minbarra li jikkreaw il-kultura, l-immaġini, it-teatru, il-mużika u espressjonijiet artistiċi oħrajn, l-artisti huma fuq kollox xprun għall-bidla kontinwa u pożittiva. Għalhekk, ser nappoġġjaw u nagħtu s-sostenn kontinwu lill-artisti Maltin fl-iżvilupp professjonali tagħhom.

2 Inwaqqfu skola tal-Arti fi ħdan l-Università ta' Malta. Din tkun istituzzjoni li żżewweġ flimkien it-tagħlim akkademiku ma' dak kritiku u prattiku. Nemmnu li wasal iż-żmien li nieħdu dan il-pass għaqli u ninvestu fir-riżorsi meħtieġa, bil-ħsieb ukoll li noħolqu l-ispazji u l-infrastruttura li jiffaċilitaw aktar il-prattika integrattiva u teoretika f'oqsma bħal *fine arts*, disinn, *visual arts, gaming design*, prattika kuratorjali (*curatorship*) ċinematografija, disinn u oħrajn. Naraw li l-iskola tal-Arti sservi ta' ħolqa bejn l-MCAST u l-Università.

3 Naħdmu biex permezz ta' din l-iskola tal-Arti, nieħdu vantaġġ tal-viċinanza kulturali u ġeopolitika ta' pajjiżna bejn l-Ewropa u l-Afrika ta' fuq u nimmiraw li nkunu ċentru (*hub*) li jattira kemm artisti prattikanti, għalliema u studenti internazzjonali. B'hekk nipprovdu wkoll spazju internazzjonali kontemporanju li jippermetti aktar innovazzjoni u kreattività.

4 Inwaqqfu l-Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza. Dan il-fond jgħin biex nidentifikaw u ngħinu finanzjarjament lill-aħjar elementi fl-oqsma kollha artistiċi, mużikali, kulturali u dawk tal-letteratura sabiex dawn jiżviluppaw it-talent tagħhom b'mod kontinwu u professjonali. Dan il-fond jitmexxa b'mod trasparenti, jiffinanzja diversi inizjattivi fosthom anke boroż ta' studju Malta u barra, jippremja l-meritokrazija u jħeġġeg lis-settur privat jipparteċipa.

5 Intejbu l-inċentivi għal dawk in-negozji li jgħinu direttament lill-oqsma artistiċi u kulturali. Bl-istess mod, nagħtu l-istess inċentivi lin-negozji li jgħinu fil-Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza.

## VALLETTA 2018 (V18)

6 Gvern Ġdid huwa kburi li l-Belt Valletta ser tkun il-Belt Kulturali Ewropea fl-2018. V18 għandha tkun mezz biex titwassal il-viżjoni kontemporanja tagħna filwaqt li jinħolqu r-riżorsi, l-infrastruttura, l-investiment neċessarju u r-riġenerazzjoni meħtieġa għall-għarfien, għall-progress u għall-iżvilupp tal-oqsma artistiċi u kulturali tagħna.

7 Gvern Ġdid jaħdem u jippjana minn issa biex din l-opportunità eċċezzjonali tiċċelebra l-ħoloq kulturali li jgħaqqdu lilna l-Ewropej flimkien filwaqt li tagħti xhieda tal-arti u l-kultura Maltija fl-isfond wiesa' tad-diversità Ewropea. V18 għandha verament tistimola b'mod qawwi ir-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta għal Belt aktar ħajja u vibrant.

## ARTI U KULTURA

8 Inniedu aktar inizjattivi edukattivi u promozzjonali li jxettlu l-għarfien u l-apprezzament tal-patrimonju artistiku u kulturali li pajjiżna hu mogħni bih, partikolarment fost it-tfal sa miċ-ċkunija tagħhom.

9 Nassiguraw aktar koordinament u sinerġija bejn l-għaqdiet u d-dipartimenti kollha involuti fil-qasam tal-kultura u l-arti, filwaqt li naċċertaw li l-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti jibqa' jikkonċentra fuq l-għajnuna lill-artisti u fuq attivitajiet kulturali biex ikun hemm aktar għarfien ta' dak kollu li hu kulturalment Malti.





10 Inwaqqfu Gallerija Nazzjonali tal-Arti Moderna li sservi bħala vertina nazzjonali ta' ħafna xogħlijiet ta' artisti Maltin ta' dan il-perjodu, u li s'issa sfortunatament ftit li xejn setgħu jiġu apprezzati u rikonoxxuti mill-pubbliku u t-turisti li jżuruna. Dan il-legat kulturali għandu jkun aċċesibbli b'mod interattiv u edukattiv biex jiffaċilita r-riċerka arkivjali, dokumentazzjoni u riċerki oħrajn kemm minn student u anke riċerkaturi.

11 Naħdmu sabiex inwaqqfu Mużew li jservi ta' spazju kontemporanju li b'sens dinamiku jippermetti aktar innovazzjoni u kreattività filwaqt li jgħinna biex innaqqsu l-insularità kulturali. Dan ikun jilqa' fih wirjiet u xogħol ta' Artisti Maltin u barranin kontemporanji kif ukoll iservi bħala ċentru għal bdil tal-ideat.

12 Indaħħlu u nippromwovu l-inizjattiva ta' ġurnata b'xejn għal kull mużew pubbliku fuq bażi ta' rotazzjoni u b'mod regolari u kontinwu.

13 Ninkoraġġixxu programmi ta' ġemellaġġ u *exchange programmes* fejn artisti Maltin u Għawdxin, kif ukoll mużewijiet, ikunu jistgħu jieħdu sehem b'aktar frekwenza f'avvenimenti barra minn pajjiżna.

14 Nirsistu biex nerġgħu naraw lil Malta tipparteċipa fil-Biennale ta' Venezja regolarment.

15 Inkomplu naġġornaw il-liġi taċ-ċensura favur aktar libertà u għażla personali fl-espressjonijiet artistiċi fir-rispett tan-normi tas-soċjetà partikolarment il-protezzjoni tal-minuri.

16 Inħeġġu l-Kunsilli Lokali jieħdu aktar inizjattivi favur il-promozzjoni tal-arti u l-kultura.

17 Nistiednu lill-komunità kreattiva biex tagħti l-kontribut tagħha speċjalment f'deċizjonijiet li jolqtu l-estetika ta' spazji pubbliċi urbani.

## PERFORMING ARTS

18 Nagħtu aktar attenzjoni u ninvestu fl-Orkestra Filarmonika Nazzjonali. Flimkien mal-*istakeholders* kollha nindividwaw sit li jista' jiġi żviluppat bħala post xieraq għal din l-Orkestra.

19 Nagħtu l-attenzjoni li tixraq lill-iskola tal-mużika Johann Strauss billi ninvestu aktar riżorsi kif ukoll billi nindividwaw post aktar xieraq u adegwat. Il-post jintgħażel wara li ssir konsultazzjoni mal-*istakeholders* kollha bil-għan ukoll li l-iskola tal-mużika tkun f'pożizzjoni li tirkeb l-opportunitajiet li ser iġġib magħha V18.

20 Nagħrfu li t-teatru f'Malta għandu storja twila u li hu parti integrali u ħajja tal-kultura Maltija. Għalhekk, nagħtu sostenn u appoġġ xieraq lit-teatru, partikolarment lit-teatru Malti, sabiex dan ikompli jiżviluppa.

21 Insaħħu l-funzjoni tad-Drama Unit bil-għan li nlaqqgħu aktar studenti mal-esperjenza tat-teatru awtentiku sa miċ-ċkunija tagħhom.

22 Naħdmu biex naraw produzzjonijiet u artisti Maltin jieħdu sehem f'*festivals* bħall l-Edinburgh Festival Fringe.

23 Insostnu u nagħtu appoġġ lill-attivitajiet fuq skala nazzjonali bħal Malta Jazz Festival u l-Valletta International Baroque Festival bil-għan li nkomplu npoġġu lill Malta fuq il-kalendarju kulturali Ewropew.

24 Jiġi identifikat post adegwat biex ikun konvertit għall-post fejn *bands* u artitsi Maltin ikunu jistgħu jipprattikaw u jagħmlu r-*rehearsals* tagħhom.

## WIRT NAZZJONALI

Il-wirt nazzjonali jsaħħaħ l-identità tagħna bħala nazzjon. Huwa l-patrimonju li ħallewlna missirijietna li fl-istess ħin huwa misluf lilna mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Id-dmir tagħna huwa li nipproteġuh u nikkonservawh. Għalhekk Gvern Ġdid jaħdem biex jagħti importanza akbar lill-konservazzjoni tal-wirt nazzjonali, kif ukoll billi attivament jippromovi aktar kuxjenza u għarfien favur l-identità tagħna sa miċ-ċkunija ta' wliedna.

25 Infasslu strateġija nazzjonali għall-wirt nazzjonali bis-sehem tal-*istakeholders* kollha b'punt fokali jkun aktar sinerġija u koeżjoni kif ukoll it-titjib u l-progess fit-tmexxija, protezzjoni, restawr u għarfien akbar tal-wirt nazzjonali.

26 Nagħtu aktar riżorsi lis-Sovraintendenza tal-wirt kulturali sabiex twettaq aħjar ir-rwol tagħha.

27 Ninvolvu aktar lill-Kunsilli Lokali biex ikunu aktar proattivi u jassumu rwol akbar fl-immaniġġjar tal-wirt nazzjonali.

28 Inħajru lis-settur privat jinvesti, anki bi sħab mal-Gvern, fir-rijabilitazzjoni, konservazzjoni, riġenerazzjoni u restawr tal-wirt nazzjonali.

29 Inwessgħu u nħaffu l-programm ta' restawr ta' monumenti nazzjonali maġġuri.

30 Inkomplu proġetti tar-restawr tas-swar u binjiet storiċi oħrajn.

31 Nikkonsolidaw il-Biblioteka Nazzjonali u l-Arkivji Nazzjonali, li huma parti mill-memorja storika u kollettiva ta' pajjiżna. Ninkludu wkoll l-arkivji awdjoviżivi u ritratti fosthom tax-Xandir Pubbliku, tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, u dipartimenti oħrajn tal-Gvern.

32 Noħolqu Arkivju tal-istorja orali bil-ħsieb li nibdew niddokumentaw il-memorja kollettiva li nifhmu li tinsab ukoll fl-istejjer u l-esperjenzi tan-nies komuni matul għexieren ta' snin.

33 Nidentifikaw bini, teknoloġija, għodda u oġġetti oħra f'industriji riċenti u kontemporanji u nippreservawhom bħala wirt storiku għall-ġenerazzjonijiet ta' għada.

34 Jiġu organizzati korsijiet għall-membri tal-pubbliku li jixtiequ aktar għarfien dwar kif għandhom jippreservaw aħjar id-djar antiki jew storiċi tagħhom sabiex jiġu evitati danni rreparabbli li jistgħu jsiru b'mod abbużiv jew dilettantesk. Dan isir f'kuntest li l-aħjar parir u x-xogħol għandu jsir mill-esperti liċenzjati f'dan il-qasam.

35 Nimpenjaw ruħna favur il-konservazzjoni u r-restawr tal-kappelli f'Malta u Għawdex bħala parti integrali mill-wirt nazzjonali, anki billi nikkunsidraw inċentivi li jingħataw lis-settur privat għal dan il-għan.

## ILSIEN MALTI

L-ilsien Malti hu l-akbar xhieda tal-identità nazzjonali tagħna. Huwa fid-dmir tagħna li jibqa' lsien ħaj billi nippreservaw u niżviluppaw l-użu tiegħu. Għalhekk naraw li użu funzjonali tal-Malti jissaħħaħ.

36 Insaħħu lill-Kunsill Nazzjonali għall-Malti biex fil-fatt isaħħaħ l-għarfien, il-preservazzjoni u l-iżvilupp tal-lingwa Maltija.

37 Ninċentivaw inizjattivi li jgħinu biex jiġu żviluppati riżorsi bil-lingwa Maltija.

38 Il-Kunsill tal-Malti flimkien mal-Università għandhom ikunu sors ta' għajnuna u sorveljanza fuq l-użu tal-Malti fil-mezzi tal-*media* u fl-istess ħin jara li jsib forom ġodda ta' espressjoni bħalma jsir f'ilsna oħra.

39 Nirrikonoxxu aktar anki permezz tat-tfassil ta' qafas legali li jgħin l-iżvilupp u jirregola l-professjonijiet tat-tradutturi u l-interpreti.

40 Nirriformaw il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb biex nagħtuh aktar kredibilità.

41 Inżidu l-opportunitajiet biex kittieba u pubblikaturi Maltin ikollhom aċċess għall-qarrejja barranin permezz ta' traduzzjoni u l-preżenza tagħhom ġewwa fieri internazzjonali tal-ktieb.

## SOĊJETAJIET MUŻIKALI

42 Nirrikonoxxu l-għajnuna u s-servizz imprezzabbli li joffru l-każini tal-baned, li ħafna drabi huma l-ewwel skola tal-mużika għaż-żgħażagħ. Ser inniedu skemi u programmi ta' għajnuna għall-każini tal-baned li jieħdu sehem fi proġetti innovattivi.

## ĊINEMATOGRAFIJA U INDUSTRIJA AWDJOVIŻIVA

43 Insaħħu r-rwol tal-Kumissarju tal-films għax nemmnu li min jirrappreżenta lil pajjiżna fir-rwol bħal dan għandu mhux biss ikollu l-kwalifiċi u l-esperjenza meħtieġa, iżda wkoll ikun iffukat totalment fuq din il-missjoni li minnha nnifisha hi wkoll waħda diplomatika, kulturali u ekonomika.

44 Insaħħu u ntejbu pakkett ta' inċentivi, fosthom il-Fond Nazzjonali għaċ-Ċinematografija u l-*Film Training Fund*, kif ukoll nidentifikaw inċentivi ġodda biex l-industrija taċ-ċinematografija tikber, tiżviluppa u timmodernizza. F'dan il-kuntest ukoll, naraw kif min hu fl-industrija jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex ikunu identifikati u jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropea, bl-emfasi wkoll fuq it-tnaqqis tal-burokrazija żejda assoċjata.

45 Inwaqqfu kunsill konsultattiv li jiġbor fih lill-operaturi fil-qasam taċ-ċinematografija sabiex intejbu u nirreklamaw aħjar lil Malta u Għawdex bħala destinazzjoni eċċellenti għal dan il-qasam.

46 Noħolqu strateġija koerenti li permezz tagħha nwessgħu u ntejbu l-mod li bih nippromwovu lil pajjiżna bħala post ideali fi swieq ta' produzzjonijiet ċinematografiċi mhux biss fl-Istati Uniti u l-Ewropa iżda wkoll fi swieq bħall-Indja, u l-Asja.

47 Nesploraw investiment flimkien mas-settur privat f'*sound stage* u apparat ieħor relatat.

48 Nagħtu spazju fuq l-istazzjon televiżiv tal-Istat biex żgħażagħ, studenti tal-Università u MCAST biex dawn jesebixxu t-talenti kreattivi tagħhom.

## MODA

49 Nippromwovu u nappoġġjaw il-talent lokali fil-qasam tal-moda li qiegħed jiffjorixxi. Nagħtu l-appoġġ għall-kunċetti bħal *Fashion Week* biex minbarra li tkun vetrina għal talent lokali, tattira wkoll turiżmu lejn pajjiżna.

## ARTIĠĠJANAT U SNAJJA'

50 Inniedu proġetti u inizjattivi li jgħinu fl-għarfien u l-preservazzjoni tat-tradizzjonijiet kulturali u snajja' Maltin biex dawn mhux biss ma jintilfux iżda ngħadduhom bħala wirt lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

51 Noħolqu inċentivi ġodda li jgħinu fil-*marketing*, anke barra minn Malta, tal-artiġjanat Malti.

## KARNIVAL

52 Insibu post adegwat, kemm jista' jkun qrib il-Belt Valletta, biex nibnu mħażen għad-dilettanti tal-karnival biex ninkoraġġixxu t-tisħiħ ta' din it-tradizzjoni artistika.

## NIĊEĊ KREATTIVI ĠODDA

53 Gvern Ġdid jagħti sostenn u appoġġ lil niċeċ relattivament ġodda fil-qasam tal-kreattività bil-għan li dawn jiżviluppaw lil hinn minn talent iżda f'industrija professjonali li żżid u ttejjeb mhux biss il-kapaċitajiet kreattivi iżda wkoll tikkontribwixxi fl-ekonomija ta' pajjiżna.

# 14

# SPORT

- Attenzjoni attiva għall-isport meqjus minuri
- *Budget* fuq ċiklu olimpiku għall-MOC
- Bini ta diversi faċilitajiet sportivi ġodda
- Tiġi evalwata bis-serjetà korsa tal-*motorsport*
- Immoderniżżar tal-kumpless sportiv tal-Marsa




MLT
4041
MLT
274
USA
52506
www.surfsidemalta.com
Otra Vez

"Nagħtu prijorità akbar lill-isport bħala attività li mhux biss tiżviluppa l-kapaċitajiet individwali tat-tfal u l-atleti iżda li tgħin sabiex miċ-ċkunija tat-tfal inxettlu l-kultura ta' ħajja aktar attiva u b'saħħitha."

# 14

## BL-ISPORT INXETTLU KULTURA FAVUR ĦAJJA AKTAR ATTIVA U B'SAĦĦITHA

1 Nagħtu prijorità akbar lill-isport bħala attività li mhux biss tiżviluppa l-kapaċitajiet individwali tat-tfal u l-atleti iżda li tgħin sabiex miċ-ċkunija tat-tfal inxettlu l-kultura ta' ħajja aktar attiva u b'saħħitha filwaqt li nibdew ġlieda ġenerazzjonali kontra l-mard relatat man-nuqqas ta' eżerċizzju partikolarment l-obeżità fit-tfal.

2 Inħeġġu lill-Kunsilli Lokali biex jimbarkaw fuq programmi ta' attivitajiet u inizjattivi sportivi regolari fil-lokalitajiet bil-għan li nifirxu dejjem aktar il-kultura sportiva.

## SPORT GĦAL KULĦADD

3 L-isport huwa għal kulħadd. Għalhekk, filwaqt li nassiguraw li tibqa' tingħata l-importanza meħtieġa lill-isport popolari, nassiguraw ukoll importanza u attenzjoni kontinwa u attiva lill-isport meqjus bħala minuri.

4 Nagħtu attenzjoni mistħoqqa lill-isport f'Għawdex anki billi niffaċilitaw u ntaffu kemm nistgħu mill-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni f'avvenimenti u taħriġ f'Malta.

## INSAĦĦU L-ISTRUTTURI

5 Naċċertaw li fil-Kunsill Malti għall-Isport tiżdied aktar il-konsultazzjoni filwaqt li nassiguraw aktar trasparenza u sens aktar wiesgħa ta' għarfien u apprezzament għall-isport kollu, partikolarment fl-allokazzjoni ta' fondi u riżorsi.

6 L-allokazzjoni finanzjarja li tingħata lill-Kumitat Olimpiku Malti tkun ibbażata fuq ċiklu olimpiku ta' kull erba' snin sabiex isiru aħjar il-pjanijiet u l-investiment futuri meħtieġa fl-atleti. Il-fondi jgħaddu lill-MOC kull sena.

7 Naraw li niżviluppaw qafas legali u regolatorju biex ninċentivaw aktar il-professjonaliżmu u l-investiment fil-klabbs sportivi.

## NINVESTU FIT-TALENT

8 Inkomplu nappoġġjaw l-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

9 Insaħħu l-inċentivi ta' taxxa għal dawk in-negozji li jgħinu lill-oqsma sportivi.

10 Insostnu l-iskema 20/20 *sport-training leave scheme*.

## IMMODERNIŻŻAR, TITJIB U FAĊILITAJIET ĠODDA

11 Fi żmien stipulat, neżaminaw il-faċilitajiet sportivi, li jinkludu anke faċilitajiet fi skejjel tal-Gvern, biex nidentifikaw il-potenzjal ta' użu aħjar kif ukoll il-bżonn ta' ristrutturar u modernizzar.

12 Ngħaddu aktar faċilitajiet sportivi lill-għaqdiet u ngħinu, anke permezz ta' garanziji, fl-immodernizzar u t-titjib ta' dawn il-faċilitajiet. Fl-istess ħin, nagħtu l-opportunità lill-għaqdiet li jidħlu fi proġetti responsabbli b'sħubija mal-privat biex itejbu u jimmodernizzaw il-faċilitajiet tagħhom filwaqt li jiggarantixxu dħul finanzjarju akbar b'risq l-isport.

13 Inħarsu bis-serjetà lejn il-kumpless sportiv tal-Marsa biex naraw kif jiġi mmodernizzat u massimizzat l-użu u l-ispazju fl-interess ta' diversi dixxiplini sportivi.

14 Nirriġeneraw il-kumpless tal-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq wara li sfortunatament tħalliet fi stat dilapitat.

15 Jinbena l-*pitch* tal-*waterpolo* f'Birżebbuġa.

16 Nikkunsidraw flimkien mas-settur privat, il-bini ta' *indoor pool* li hija kruċjali għall-atleti fid-dixxiplina tal-għawm, filwaqt li nassiguraw li l-ispazju, primarjament ta' uffiċini li bħalissa huma vojta, ikunu utilizzati aħjar fl-interess tal-isport.

17 Niżviluppaw *range* internazzjonali tal-isparar sabiex nassiguraw li t-talent kbir li għandna f'dan l-isport inkomplu nxettluh u niżviluppawh filwaqt li niftħu l-opportunità li nattiraw kompetizzjonijiet internazzjonali fid-dixxiplini relatati.

18 Flimkien mal-*istakeholders* involuti, nidentifikaw sit għall-iżvilupp ta' korsa tal-*motorsport*, possibilment bl-involviment tas-settur privat.

19 Nidentifikaw aktar postijiet għal *skateboard parks* u *cycling tracks*.

20 Noħolqu numru ta' *jogging tracks* f'diversi lokalitajiet madwar il-pajjiż.





## L-ISPORT JGĦIN L-EKONOMIJA

22 Permezz ta' sinerġija akbar bejn il-*Malta Tourism Authority* u l-Kunsill Malti għall-Isport, nippromwovu aktar l-isport turistiku, bl-objettiv li nattiraw *teams* u individwi bħala turiżmu sportiv f'pajjiżna.

23 Naħdmu biex niġbdu lejn Malta avvenimenti sportivi internazzjonali li jkunu ta' pjattaforma turistika għal pajjiżna.

# 15

# ĠUSTIZZJA

- Riforma komprensiva fil-qasam tal-ġustizzja
- *Charter* għaċ-ċittadini li jużaw is-servizzi tal-qorti
- Qorti Ċivili Amministrattiva
- Imħallef fil-Qorti t'Għawdex
- Innaqqsu d-dewmien fil-qrati permezz ta' skedar aħjar
- *Emails* u SMSs li jinfurmawk jekk il-kawża tkun diferita





"Riforma ħolistika
fil-qasam tal-ġustizzja."

# 15

## RIFORMI, DRITTIJIET U INIZJATTIVI

1 Inwettqu riforma ħolistika fil-qasam tal-ġustizzja. Din ir-riforma hija relevanti, bżonjuża u urġenti li rridu nwettquha b'determinazzjoni sabiex nerġgħu ndaħħlu l-fiduċja f'din il-kolonna tad-demokrazija. Ir-riforma ma tkunx limitata biss għall-kundizzjonijiet u pensjonijiet tal-ġudikatura, iżda tkun eżaminata s-sistema kollha kemm hi, bil-għan li ndaħħlu aktar *checks and balances* u kontabbiltà, mill-ħatra sal-operat tal-ġudikatura. Irridu nħarsu wkoll lejn tisħiħ tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Ir-riforma hija bżonjuża wkoll għal dawk il-membri tal-ġudikatura li jwettqu dmirhom b'lealtà u rettezza. Il-proċess tar-riforma, li jitmexxa minn persuni ta' esperjenza fil-kamp legali, jibda permezz ta' *review* tas-sistema u jitlesta sa tmiem din is-sena. Dan ikun segwit minn konsultazzjoni sħiħa dwar rakkomandazzjonijiet u l-implimentazzjoni.

2 Bħala parti minn din ir-*review*, indaħħlu *Charter* għaċ-ċittadini fil-qorti fejn nintroduċu u nispjegaw drittijiet għaċ-ċittadini fis-sistema tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

3 Nintroduċu qorti Ċivili Amministrattiva bl-iskop li nsaħħu aktar id-drittijiet taċ-ċittadini f'każ ta' kawżi amministrattivi kontra l-Gvern u l-Aġenziji tiegħu.

4 Nirriformaw is-sistema tal-għajnuna legali biex nassiguraw aktar għajnuna lil min ikun fil-bżonn.

5 Ninkoraġġixxu metodi alternattivi ta' kif jiġu riżolti l-kawżi permezz tat-tisħiħ tal-medjazzjoni u l-arbitraġġ, mingħajr ebda xkiel tad-dritt tal-aċċess għall-qrati.

6 Indaħħlu mekkaniżmu aktar effettiv jew li jaħseb biex jinbidlu liġijiet li qorti tkun iddeċidiet li jmorru kontra l-kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

7 Nagħtu aktar riżorsi lill-Qorti tal-Familja sabiex id-deċiżjonijet jittieħdu fi żmien iqsar u fejn id-drittijiet tal-ġenituri u b'mod partikolari dawk tat-tfal jiġu mħarsa u rispettati. F'dan il-kuntest ukoll naraw li jissaħħaħ is-servizz tal-avukat tat-tfal u jiġi estiż lil hinn mill-Qorti tal-Familja.

8 Inkomplu bl-implimentazzjoni tas-sistema tal-*parole* b'mod aktar effettiv u ġust.

9 Jinħatar Imħallef biex iservi fil-Qorti t'Għawdex sabiex ukoll il-maġġoranza tal-appelli jkunu jistgħu jinstemgħu f'Għawdex.

## NINDIRIZZAW ID-DEWMIEN

10 Naraw li t-teknoloġija tal-informatika tgħin biex tiddaħħal sistema aħjar ta' skedar aħjar u ċertezza fis-seduti tal-Qorti b'mod li jitnaqqsu sitwazzjonijiet fejn jissejħu ħafna seduti f'daqqa li mbagħad jiġu deferiti, fosthom għax l-avukati jkunu impenjati f'kawżi oħra jew il-ġudikanti jkunu indisposti. Tkun implimentata sistema ta' komunikazzjoni diretta mal-pubbliku permezz ta' *emails* u SMSs biex b'hekk il-pubbliku jkun infurmat minn qabel u jevita li ċ-ċittadini jitilfu mill-ħin prezzjuż tagħhom, u anki jieħdu ġranet *leave* għalxejn, għal seduti li lanqas jissejħu.

11 Fil-kamp kriminali, nipproponu emendi sabiex jiffaċilitaw il-proċedura fil-kumpilazzjonijiet. F'dan is-sens għandu jiġi rregolarizzat formalment l-istitut tal-patteġġjamenti (*plea bargaining*) b'tali mod li dan ikun jista' jsir fi kwalsijasi stadju tal-proċess ġudizzjarju.

12 Naħdmu biex kawżi quddiem it-Tribunal għal talbiet żgħar jinqatgħu f'mhux aktar minn żewġ seduti.





# 16

# SIGURTÀ



- Nimmodernizzaw il-Korp tal-Pulizija
- Kundizzjonjiet aħjar għall-pulizija, fosthom ħlas aħjar għall-*extra duty*
- Inżidu aktar pulizija fuq rondi biex nipproteġu ċ-ċittadini fil-lokalità tagħhom
- Nagħtu d-dritt ta' sħubija f'*union* lill-korpi tad-dixxiplina
- Koordinazzjoni fil-ħidma dwar l-Immigrazzjoni irregolari


PULIZIJA
VALLETTA
111

“Kull ċittadin għandu jkollu
s-serħan il-moħħ li jħossu sigur
fil-komunità fejn jgħix.”

# 16

## SERĦAN IL-MOĦĦ FIL-KOMUNITAJIET

Kull ċittadin għandu jkollu s-serħan il-moħħ li jħossu sigur fil-komunità fejn jgħix. Għal Gvern Ġdid, is-serenità fl-irħula, l-ibliet u l-komunitajiet tagħna hija prijorità. Irridu istituzzjonijiet li jiffunzjonaw għaċ-ċittadin u sistemi li jiggarantixxu l-ogħla livell ta' sigurtà b'forzi tal-ordni motivati li jħossu li xogħlhom huwa apprezzat mill-komunità.

### PULIZIJA

1 Nimbarkaw fuq proċess ta' mmodernizzar tal-Korp tal-Pulizija sabiex il-korp ikun attrezzat, imħejji u fuq kollox immotivat għall-isfidi tal-lum u anki ta' għada.

2 Inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-pulizija. Fost miżuri oħrajn, l-ħlas li l-pulizija jingħataw tal-*extra duty* ikun intaxxat separatament u b'rata ta' taxxa ta' 15% minħabba li essenzjalment dan huwa xogħol li jagħmlu f'isem il-korp għal organizzazzjonijiet u kumpaniji.

3 Naħdmu bis-serjetà biex jintlaħaq ftehim li, fuq perjodu ta' żmien stabbilit u maqbul, jingħata kumpens adegwat lill-pulizija għall-*overtime* li għamlu snin ilu u li tiegħu baqgħu ma tħallsux minkejja li kienu mwegħdin dan.

4 Inżidu l-ammont ta' pulizija fuq rondi (*on the beat*) biex nipproteġu ċ-ċittadini fil-lokalità tagħhom. Lokalitajiet li huma suxxettibbli aktar jew magħrufa aktar għall-kriminalità jingħataw aktar riżorsi.

5 Nimbarkaw fuq proġett ta' rinnovazzjoni u mmodernizzar tal-għases tal-pulizija bil-għan li l-ambjent ikun wieħed dejjem aktar dinjituż. Fl-istess ħin, nassiguraw li l-għases kollha tal-pulizija fil-lokalitajiet ikunu miftuħa u attrezzati bir-riżorsi meħtieġa, primarjament riżorsi umani, anki permezz ta' sinerġija mal-Gwardjani Lokali.

6 Jiġu installati aktar sistemi ta' sorveljanza, fosthom CCTV, fil-*lock up* tal-pulizija biex jiġi żgurat li ma jsirux abbużi. Tiġi wkoll installata sistema li tirrekordja viżwalment interrogazzjonijiet li l-pulizija jwettqu.

7 Noħolqu *unit* speċjalizzat fi ħdan il-pulizija li jkun imħarreġ biex jieħu ħsieb zoni turistiċi u tittejjeb is-sigurtà u s-servizz għal turisti li jżuruna, biex b'hekk jitjieb il-prodott turistiku ta' pajjiżna.

8 Naraw li permezz tal-liġijiet jiġu mħarsa u protetti aktar il-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

## FORZI ARMATI

9 Gvern Ġdid iħejji pjan strateġiku u operattiv bil-għan li jiġi definit b'aktar rilevanza l-għan u l-iskop tal-forzi armati f'realtajiet nazzjonali, reġjonali, Ewropej u mondjali ġodda.

10 Dan il-pjan ikollu bħala punt fokali l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riżorsi meħtieġa biex il-Forzi Armati jaqdu aħjar l-eżiġenzi ta' pajjiżna, kif ukoll it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Forzi Armati.

11 Insaħħu u nwessgħu l-opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp kemm professjonali u anki akkademiku għall-membri kollha tal-Forzi Armati filwaqt li naċċertaw meritokrazija u trasparenza.

12 Jiġu rranġati u mmodernizzati l-*barracks* filwaqt li naċċertaw aktar investiment fir-riżorsi lill-Forzi Armati għandhom bżonn sabiex jaqdu aħjar il-funzjoni ta' sigurtà tal-pajjiż.

13 Intejbu s-sistema tas-Riżervisti fil-Forzi Armati.

## PROTEZZJONI ĊIVILI

14 Naraw li l-Protezzjoni Ċivili jkollha r-riżorsi meħtieġa sabiex taqdi l-funzjoni importanti ferm tagħha.

15 Nagħtu *status* indaqs lill-ħaddiema kollha li jaħdmu mal-Protezzjoni Ċivili fejn nassiguraw li ma jitnaqqsux il-kundizzjonijiet tal-ebda ħaddiem.

16 Intejbu l-iskema tas-servizz ta' voluntieri tal-Protezzjoni Ċivili.

17 Nibdew diskussjonijiet dwar id-dħul tad-dritt tal-pensjoni tas-servizz lill-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili.

## FAĊILITÀ KORRETTIVA

18 Jittieħdu dawk il-miżuri meħtieġa fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin biex residenti fil-Faċilità jkunu riformati bis-serjetà fl-aħjar ambjent possibbli li jiffaċilitalhom dan.

19 Intejbu l-kundizzjonijiet tal-Gwardjani u dawk kollha li jaħdmu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

20 Nirriformaw il-Bord tal-Viżitaturi biex dan ikun effettiv, anki bl-involviment ta' aktar għaqdiet voluntiera.

## DRITTIJIET ĠODDA

21 Nintroduċu d-dritt ta' sħubija f'*trade union* tal-għażla tagħhom għall-ħaddiema f'korpi dixxiplinati bħal pulizija, l-armata, il-gwardjani tal-ħabs u l-protezzjoni ċivili. Għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, memri tal-korpi dixxiplinati ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fi *strike*.

22 F'każ li uffiċjal tal-Pulizija jew Forzi Armati li jkun għadu ma għalaqx il-25 sena servizz ikorri gravi u li jispiċċa ma jistax jaħdem aktar jew imut waqt il-qadi ta' dmirijietu, il-familja, is-sieħeb, is-sieħba jew id-dipendenti tiegħu/tagħha, jieħdu l-pensjoni dovuta daqslikieku għamlu 25 servizz.

23 Nimmiraw li nneħħu anomaliji oħra li jeżistu li fil-pensjonijiet u l-benefiċċji għall-membri tal-korpi dixxiplinati.

24 Nevalwaw il-possibilità li tkun introdotta protezzjoni ta' assigurazzjoni lill-membri tal-korpi dixxiplinati kollha.

## NIDDEFENDU LILL-VITTMI U PERSUNI VULNERABBLI

25 Ninkoraġġixxu lill-Kunsilli Lokali jidħlu bi sħab mal-forzi tal-ordni fi proġetti kontra l-kriminalità u li jżidu s-sigurtà taċ-ċittadini.

26 Nippjanaw, flimkien mal-Kunsilli Lokali, l-installazzjoni ta' kameras ta' sigurtà (CCTV) mhux bħala mezz ta' multi iżda bħala deterrent għal kriminalità u serq, speċjalment fuq anzjani u persuni vulnerabbli. Dawn l-installazzjonijiet jiġu magħżula bil-għaqal u fir-rispett sħiħ lejn il-protezzjoni tal-privatezza tal-persuni.

27 Inżidu l-impenn kontra d-droga u favur il-vittmi ta' dan il-vizzju. Għal dan il-għan intejbu l-istrutturi tal-pajjiż favur aktar prevenzjoni, aktar edukazzjoni u aktar għarfien kif ukoll billi nassiguraw li anki l-istrutturi legali jkunu jirriflettu dan.

## VJOLENZA DOMESTIKA

28 Naraw li l-liġi kontra l-Vjolenza Domestika tassigura l-mezzi biex il-vittmi u t-tfal jiġu protetti immedjatament.

29 Insaħħu, intejbu u nwessgħu l-programmi ta' rijabilitazzjoni tal-aggressuri.

30 Biex verament inżommu jdejna fuq il-polz tas-soċjetà jinħoloq programm apposta fejn tinżamm statistika dwar vjolenza domestika b'mod komprensiv bil-kollaborazzjoni tal-professjonisti u l-istrutturi li jaħdmu f'dan il-qasam.





## SIGURTÀ F'ZONI TA' DIVERTIMENT

31 Nirregolaw il-kunċett ta' zoni ta' divertiment b'ħinijiet u regolamenti speċifiċi.

32 Naraw li l-forzi tal-ordni jkunu mħarrġa aħjar fl-immaniġġjar ta' dawn iz-zoni ta' divertiment.

33 Indaħħlu regolamenti aktar stretti fuq persuni li jaħdmu ta' *security guards* u *bouncers* f'postijiet tad-divertiment sabiex naċċertaw aktar sigurtà, professjonalità u etika.

34 Indaħħlu servizz ta' *Youth Help* f'dawn iz-zoni sabiex jgħinu lil persuni li jsibu ruħhom f'diffikultajiet f'mumenti vulnerabbli.

## IMMIGRAZZJONI

35 Inħarrġu skwadra speċjalizzata għas-sorveljanza tal-kosta (*Border Patrol Squad*) b'kordinament bejn il-Forzi Armati u Pulizija biex niffaċċjaw aħjar il-fenomenu tal-immigrazzjoni irregolari.  Din l-iskwadra tkun waħda attrezzata u mħarrġa sewwa sabiex tiffaċċja aħjar u b'sensittività il-fenomenu uman tal-immigrazzjoni irregolari. L-iskwadra tkun magħmula minn uffiċjali li jagħżlu huma stess li jkunu parti minnha filwaqt li jingħataw inċentivi u ċans ta' żvilupp ta' karriera.

36 Insaħħu l-ħidma biex il-kunċett ta' solidarjetà jitħaddem verament fil-prattika f'qafas Ewropew u lil hinn minnu.

37 Insaħħu rwol tal-Kummissjarju għar-Refuġjati sabiex ikun aktar effettiv fil-qadi tal-funzjonijiet.

# 17

# GVERN EFFIĊJENTI EQREB TAĊ-ĊITTADIN

- Inżidu l-effiċjenza fl-operat tal-Gvern
- Kull liġi diskussa tkun ippubblikata *online* biex kulħadd jista' jsemma' leħnu
- Tnaqqis fl-ispiża ta' ħatriet fuq bordijiet
- Parlament eqreb taċ-ċittadin u aktar kontabbli permezz ta' diversi inizjattivi





“Il-mira tagħna ser tkun dik
li nkunu Gvern miftuħ għalik.
Gvern aktar qribek.”

# 17

1 Inżidu u ntejbu l-effiċjenza fl-operat tas-Servizz Pubbliku, partikolarment permezz ta' tnaqqis fil-burokrazija.

2 Inwaqqfu funzjoni tal-*Quality Assurance* sabiex naraw li s-sistemi kollha fl-operat tal-Gvern ikunu ta' kwalità għaċ-ċittadini.

3 Nimmodernizzaw il-funzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku biex nagħmluha aktar attwali għar-realtajiet tal-lum il-ġurnata u tiżdied it-trasparenza.

4 Ninkoraġġixxu mill-ġdid il-formazzjoni ta' aktar koperattivi tal-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku, għaliex dan il-mudell jagħmel sens finanzjarju għall-ħaddiema u *taxpayers*, kif ukoll jagħmel sens għall-motivazzjoni tal-ħaddiema.

5 Nistabbilixxu Kunsill li jiġbor fih lil kull min imexxi kumpaniji tal-Gvern u l-Kapijiet taċ-Ċivil, bl-objettiv ewlieni jkun il-ħolqien ta' aktar komunikazzjoni, aktar sinerġiji u ideat għat-tnaqqis tal-burokrazija.

6 Nikkonsolidaw kemm nistgħu n-numru ta' bordijiet li fihom isiru ħatriet direttament mill-Gvern, bil-mira tagħna tkun li nnaqqsu l-ispiża relatata.

## GVERN B'BIBIEN MIFTUĦA GĦALIK (*OPEN GOVERNMENT*)

7 Naddottaw il-kunċett ta' *open government*, proċess li permezz tiegħu mhux biss insaħħu t-trasparenza u l-kontabbiltà iżda nixprunaw aktar is-sehem taċ-ċittadin billi nagħtu l-possibilità lil kulħadd jagħti l-opinjoni tiegħu, jipparteċipa u jinfluwenza direttament id-deċiżjonijiet u għażliet tal-Gvern. F'dan il-kuntest, insaħħu u ntejbu l-aċċess għall-informazzjoni għaċ-ċittadin primarjament permezz ta' mezzi *on-line* li joffru aktar trasparenza.

8 Nużaw *social networks* biex permezz tagħhom ċittadini jkunu jistgħu jippromwovu l-ideat tagħhom għal *policies* u inizjattivi ġodda min-naħa tal-Gvern, filwaqt li naċċertaw li ntejbu l-konsultazzjoni li għandha tkun aktar wiesgħa u effettiva.

9 Nagħtu l-opportunità li kulħadd isemma' leħnu fuq kull abbozz ta' liġi propost billi minbarra li jiġi ppubblikat *online*, tingħata opportunità biex isiru kummenti, suġġerimenti u mistoqsijiet *online*. Dan il-*feedback* jiġi użat biex fejn ikun il-każ jiġu proposti emendi mill-Gvern stess għal dawn l-abbozzi.

10 Jinbeda proġett pilota biex it-*taxpayers* u l-konsumaturi jingħataw id-dritt li jeleġġu rappreżentant dirett tagħhom f'bordijiet ta' entitajiet pubbliċi. Nimmiraw li dawn l-elezzjonijiet isiru b'mod elettroniku u permezz tal-internet.

11 Nippubblikaw *online* l-objettivi u t-*targets* tal-ministeri.

12 Inlaqqgħu l-Kabinett f'lokalitajiet differenti b'mod regolari biex insiru aktar konxji tar-realtajiet ta' bliet u rħula partikolari.

13 Nagħmlu laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika mal-membri tal-Gvern kull sitt (6) xhur.

14 Insaħħu l-uffiċċju tal-Ombudsman b'aktar riżorsi u għodda biex intejbu l-operat ta' din l-istituzzjoni importanti.

## PARLAMENT QRIB IĊ-ĊITTADIN

15 Insaħħu d-dritt li ċittadin jagħmel petizzjoni lill-Parlament, anki permezz ta' mezzi *online*. Dawn il-petizzjonijiet ikunu mgħarbula minn Kumitat tal-Petizzjonijiet, li jiddiskutihom, u meta meħtieġ anki jipproponihom fuq l-aġenda tal-Kamra.

16 Inbiddlu r-regoli tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi sabiex Ministri li jkunu direttament responsabbli ta' entitajiet jew kwistjonijiet li jkunu għall-iskrutinju tal-Kumitat, iċedu posthom għal dawk il-laqgħat.

17 Nintroduċu Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji biex iħares lejn il-politika tal-Gvern, dak li qed jiġri madwarna u li quddiemu jiġi mistieden jagħti l-ħsibijiet tiegħu b'mod regolari l-Gvernatur tal-Bank Ċentrali. B'hekk, mingħajr indħil fl-amministrazzjoni tal-Bank Ċentrali, tiżdied il-kontabbiltà interistituzzjonali.

18 Nintroduċu Kumitat Parlamentari għall-Ambjent u Ppjanar li jagħmel skrutinju tad-deċiżjonijiet tal-ippjanar u ambjent fuq il-mudell tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi.

19 Nagħmlu *hearings* Parlamentari għal persuni li jkunu nominati biex imexxu l-funzjonijiet regolatorji u regolaturi, bħall-Awtorità Maltija tar-Riżorsi, l-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni u oħrajn.

20 Nagħtu dritt lill-Parlament isejjaħ quddiemu lir-Regolaturi ta' oqsma differenti biex dawn jispjegaw id-deċiżjonijiet tagħhom fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, u b'hekk tiġi msaħħa l-protezzjoni tal-konsumaturi.

21 Ninkorporaw il-MEUSAC bħala entità li taqa' taħt il-Parlament, b'mod ukoll li jkun hemm aktar riżorsi kemm biex il-Kamra tal-Rappreżentanti tgħarbel id-direttivi u r-regolamenti Ewropej, kif ukoll biex il-*feedback* tas-soċjetà ċivili jiġi nkorporat aħjar fil-pożizzjonijiet tal-Gvern Malti.

22 Nibdew inxandru s-seduti Parlamentari viżivament permezz tal-internet u mhux biss il-laqgħat fil-kumitati parlamentari.





18

# DEMOKRAZIJA U TRASPARENZA

- Ministri u Segretarji Parlamentari fi Gvern Ġdid ma jiħdux il-€500 fil-ġimgħa żieda
- Indaħħlu l-*Whistleblower Act*
- Liġi għall-Finanzjament tal-Partiti
- Kumissarju Parlamentari għall-*Istandards*
- Inneħħu l-preskrizzjoni għall-politiċi dwar reati relatati mal-korruzzjoni
- Riforma fix-Xandir Pubbliku
- Konvenzjoni Kostituzzjonali li twassal għat-twelid tat-Tieni Repubblika





“Nemmnu f’politika u politiċi ta’ responsabilità u kontabbiltà.”

# 18

## DEMOKRAZIJA U TRASPARENZA

Nemmnu f'politika u politiċi ta' responsabilità u kontabbiltà. Politiċi li jirrispondu għall-għemilhom u li jaraw li għemilhom ikun trasparenti.

### POLITIKA NADIFA

1 Inneħħu l-liġi tal-preskrizzjoni għall-politiċi dwar reati relatati mal-korruzzjoni.

2 Indaħħlu l-*Whistleblower Act*. Din tkun tipproteġi lil dawk kollha, inklużi uffiċjali pubbliċi u kumpaniji, li jista' jkollhom informazzjoni ġdida u fondata dwar każ jew każijiet biex jersqu 'l quddiem mingħajr biża' ħalli l-informazzjoni tiġi investigata fl-interess tal-poplu Malti.

3 Insaħħu jdejn l-Awditur Ġenerali billi nagħtuh aktar poteri biex jinvestiga, speċjalment fil-każ ta' persuni li ma jkunux iridu jikkollaboraw. L-Awditur Ġenerali jkun jista' juża dawn il-poteri biex, jekk ikun il-każ, jerġa' jiftaħ każijiet passati fejn ma sabx għajnuna minn xhieda kruċjali.

4 Indaħħlu Liġi tal-Finanzjament tal-Partiti. L-għan ikun li jiġi assigurat li flus li jkunu ġejjin direttament jew indirettament minn korruzzjoni, ma jiffinanzjawx Partiti u/jew politiċi individwali. Permezz ta' din il-liġi nimmiraw ukoll li nżidu t-trasparenza tal-Partiti u l-politiċi billi dawn ikunu mitluba jagħtu rendikont lill-pubbliku xieraq tal-istat finanzjarju tagħhom.

### NIĠĠIELDU L-KORRUZZJONI

5 Inħarrxu l-pieni għal reati marbuta mal-korruzzjoni. Il-liġi tkun tinkludi wkoll il-konfiska tal-beni u assi ta' min jinstab ħati.

6 Kull kumpanija internazzjonali li tkun trid tidħol għal kuntratti jew *tenders* Governattivi trid tiddikjara jekk tkunx ġiet *blacklisted* jew instabet ħatja ta' korruzzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali, bħal Bank Dinji, l-Unjoni Ewropea u l-Bank għall-Investiment Ewropew, jew minn ġurisdizzjoni ta' pajjiż ieħor.

7 Intejbu l-Kodiċi ta' Etika għaċ-*Chairpersons* ta' awtoritajiet u entitajiet pubbliċi sabiex jiġu identifikati u evitati kunflitti ta' interess.

## INNAQQSU L-ISPIŻA TAL-POLITIĊI

8 Gvern Ġdid ma jagħtix iż-żieda skandaluża ta' €500 fil-ġimgħa lill-Prim Ministru u l-Ministri. Il-paga tal-Prim Ministru, Ministri u Segretarji Parlamentari tinżamm għal dik li kienet fil-bidu tal-leġislatura li għaddiet, qabel ma saret iż-żieda bil-moħbi.

9 Bħala t-tieni pass, nikkummissjonaw lill-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali u l-Kummissarju Elettorali Ewlieni biex b'mod indipendenti joħorġu b'mekkaniżmu u livelli ta' remunerazzjoni tal-President, Prim Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni, Ministri, Segretarji Parlamentari, Membri Parlamentari u *Political Office Holders* relatati. Dan il-mekkaniżmu għandu jistipula ċar meta għandha tidħol din ir-rakkomandazzjoni. Id-direzzjoni ta' Gvern Ġdid tkun li l-politiċi ma jieħdu l-ebda żieda matul din il-leġislatura.

## MEMBRI PARLAMENTARI AKTAR KONTABBLI LEJN IL-POPLU

10 Nippubblikaw b'mod ċar *online* ir-rekord ta' attendenza tal-Membri Parlamentari għas-seduti tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

11 Il-Membri Parlamentari jitħallsu biss għas-seduti li jattendu, ħlief meta jkunu skużati għal xogħol Parlamentari, mard u kwistjonijiet maġġuri.

12 Indaħħlu Kummissarju Parlamentari għall-*Istandards,* maħtur mill-Kamra tar-Rappreżentanti, li b'mod indipendenti jissorvelja l-imġiba tal-Membri Parlamentari, inklużi l-Membri tal-Kabinett, jara li x-xogħol u l-interessi finanzjarji kollha tagħhom ikunu dikjarati, jinvestiga kif jidhirlu xieraq, jirrapporta lill-*Ispeaker* u jippubblika r-rapporti tiegħu.

## TIĠDID KOSTITUZZJONALI

13 Inlaqqgħu Konvenzjoni Kostituzzjonali b'rappreżentanza mill-oqsma differenti politiċi u soċjali bil-ħsieb li naġġornaw il-Kostituzzjoni u l-istrutturi demokratiċi, inkluż ir-regoli u l-mod kif jopera l-Parlament, bil-għan ikun li nsaħħu d-demokrazija, innaqqsu l-partitokrazija u nwelldu t-Tieni Repubblika.

14 Inżommu u nħaddmu b'mod attiv in-newtralità bħala kunċett fundamentali fil-Kostituzzjoni tagħna, filwaqt li nġeddu l-mod ta' kif tinsab miktuba biex tirrifletti aħjar r-realtijiet tad-dinja tal-lum.

## GĦAQDA NAZZJONALI

15 Nagħmlu ħilitna kollha biex inkomplu nxettlu spirtu akbar ta' sens tal-istat, rispett lejn dak li jagħmilna nazzjon wieħed, u sentiment kbir li pajjiżna, Malta, hija verament tagħna lkoll.

16 Naraw li bħala pajjiż infakkru b'dinjità u rispett anniversarji ta' avvenimenti ewlenin, fosthom:

**31 ta' Marzu 2014**
35 sena mill-kisba tal-Ħelsien 1979

**1 ta' Mejju 2014**
10 snin Sħubija fl-Unjoni Ewropea 2004

**7 ta' Ġunju 2014**
95 sena mis-Sette Giugno 1919

**21 ta' Settembru 2014**
50 sena Indipendenti 1964

**13 ta' Diċembru 2014**
40 sena Repubblika 1974

**8 ta' Settembru 2015**
450 sena mill-Assedju l-Kbir 1565 u
70 sena mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija 1945

**28 ta' Marzu 2016**
450 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Belt Valletta

**15 ta' April 2017**
75 sena mill-għoti tal-George Cross 1942

**15 ta' Awwissu 2017**
75 sena mill-Konvoj ta' Sta Marija 1942

Dawn l-avvenimenti, flimkien mal-ewwel Presidenza Maltija tal-Unjoni Ewropea fl-2017, u l-programm għall-Belt Valletta bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018, għandhom ikunu sforz ta' Għaqda Nazzjonali, jagħtu sens ta' kburija u jsaħħu l-identità Maltija.

## XANDIR PUBBLIKU U *MEDIA*

17 Inwettqu riforma fil-*Public Broadcasting Services* biex nassiguraw li jaqdi aħjar il-funzjoni ta' xandar pubbliku b'anqas indħil politiku, filwaqt li nassiguraw xandir ta' kwalità u ekwu li jixraq lill-poplu kollu.

18 Nirriformaw il-Liġi tal-Istampa b'tali mod li nagħtu aktar libertà lill-ġurnalisti li jkunu qed jinvestigaw fatti, filwaqt li jkun hemm dritt u protezzjoni adegwata għaċ-ċittadin.

19 Niftħu konsultazzjoni mal-Istitut tal-Ġurnalisti, ix-xandara u dawk kollha interessati biex nagħmlu riforma fil-mod kif taħdem l-Awtorità tax-Xandir kif ukoll, f'każ ta' qbil, jinħatar Kummissarju għall-Etika Ġurnalistika fi ħdan l-uffiċċju tal-Ombudsman.

# 19

# GVERN REĠJONALI U LOKALI



- Inbaxxu l-età tal-vot għal dawk li għalqu s-16-il sena
- Kunsilli Lokali favur il-familji u n-negozji u kontra l-burokrazija
- Persuni minn fost il-pubbliku rappreżentati fuq bord tal-għażla tal-kuntratti
- Intejbu l-ispazji pubbliċi



“Il-Kunsilli Lokali
għandhom ikunu fuq in-naħa
tal-familji u tan-negozji mhux
fuq in-naħa tal-burokrazija.”

# 19

## DRITT LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ JIVVUTAW TA' 16-IL SENA

1 Nagħtu d-dritt lil żgħażagħ ta' 16-il sena jivvutaw fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi (*Hamlets*). Dan biex ninkoraġġixxu aktar parteċipazzjoni miż-żgħażagħ fil-livell lokali u fil-qasam politiku. Dan ikun l-ewwel pass, li jkun segwit minn analiżi li twassal għall-pass naturali li jmiss.

## FUQ IN-NAĦA TAL-FAMILJI, KONTRA L-BUROKRAZIJA

2 Il-Kunsilli Lokali għandhom ikunu fuq in-naħa tal-familji u tan-negozji mhux fuq in-naħa tal-burokrazija li xxekkel l-effiċjenza, l-intrapriża u s-sens komun.

3 Naħdmu biex il-kunċett ta' devoluzzjoni jitħaddem bis-serjetà biex b'hekk il-Kunsilli Lokali jieħdu aktar awtonomija u responsabilità fid-deċiżjonijiet.

4 Naraw li l-funzjoni tal-Kumitati Amministrattivi (*Hamlets*) tkun aktar effettiva u mingħajr duplikazzjoni biex lokalitajiet fil-periferija ma jibqgħux iħossuhom mitluqa.

## KUNSILLI TRASPARENTI

5 Nagħtu prijorità lit-trasparenza fit-tmexxija tal-Kunsilli Lokali.

6 Inniedu proġett pilota biex persuni fost il-pubbliku jkunu rappreżentati f'bordijiet tal-għażla ta' kuntratti maġġuri.

7 Il-laqgħat tal-kunsill ikunu *streamed live online*.

8 Kull Kunsill Lokali jkollu jtella' għad-diskussjoni kull petizzjoni li titressaq quddiemu.

9 Inwaqqfu s-sit tal-internet fejn wieħed ikun jista' jirrapporta direttament u b'aktar faċilità nuqqasijiet fil-lokalità tiegħu.

## NIRRIFORMAW IS-SISTEMA TAL-GWARDJANI LOKALI

10 Inwettqu riforma pożittiva tas-sistema tal-Gwardjani Lokali fejn wara konsultazzjoni wiesgħa, naslu għal sistema fejn il-gwardjan lokali jkun ta' aktar għajnuna għaċ-ċittadin.

## FAĊILITAJIET GĦALL-FAMILJA

11 Intejbu l-ispazji pubbliċi eżistenti u nidentifikaw oħrajn ġodda, filwaqt li ngħammruhom għall-bżonnijiet tal-familji.

12 B'konsultazzjoni, nużaw l-iskejjel statali u faċilitajiet tagħhom bħala ċentri tal-komunità, bis-sigurtà u l-miżuri kollha meħtieġa, speċjalment filgħaxijiet u matul ix-xhur tas-sajf.

## KUNSILLI SOĊJALI

13 Nagħtu funzjoni aktar soċjali lill-Kunsilli Lokali.

14 Ninċentivaw lill-Kunsilli Lokali biex jinvestu reġjonalment u anki lokalment mas-settur privat f'*childcare centres* b'rati aċċessibbli għall-familji.

15 B'kordinament mal-aġenziji konċernati, indaħħlu network ta' *social workers* li jaħdmu mal-Kunsilli Lokali sabiex jgħinu fl-identifikazzjoni u soluzzjoni bikrija ta' problemi, anki fil-qafas tal-proġett pilota dwar *Family Clinics*.

16 Il-Kunsilli Lokali jgħinu biex isir *outreach* għal servizzi fuq l-anzjani, fost l-oħrajn anki permezz ta' żjarat fid-djar biex jiġi assigurat li qed jgħixu f'ambjent sigur u diċenti.

17 Nippromwovu laqgħat regolari bejn l-awtoritajiet tal-iskejjel, Kunsilli Lokali, *social workers*, awtoritajiet tal-Knisja u Pulizija biex nipprevjenu u nikkumbattu l-abbużi, *bullying* u faqar, speċjalment fuq it-tfal u persuni vulnerabbli.

18 Flimkien mal-Kunsilli Lokali jkunu żviluppati aħjar is-servizzi soċjali ta' *outreach* kontra l-faqar fil-komunità.

## SIGURTÀ FIL-KOMUNITÀ

19 Nippjanaw, flimkien mal-Kunsilli Lokali, l-installazzjoni ta' kameras ta' sigurtà (CCTV) mhux bħala mezz ta' multi iżda bħala deterrent għall-kriminalità u s-serq, speċjalment fuq anzjani u persuni vulnerabbli. Dawn l-installazzjonijiet jiġu magħżula bil-għaqal u b'rispett sħiħ lejn il-protezzjoni tal-privatezza tal-persuni.

20 Naraw li jkun hemm aktar sinerġija bejn il-Kunsilli Lokali u l-Forzi tal-Ordni biex il-komunità tiġi protetta mill-kriminalità.

## KUNSILLI AMBJENTALI

21 Il-Kunsilli Lokali jingħataw miri għal aktar effiċjenza fil-konsum tal-enerġija fil-lokal tagħhom li jekk jintlaħqu jkunu jsarrfu f'aktar inċentivi u proġetti fil-komunità.

22 Ninkoraġġixxu lill-Kunsilli Lokali biex jużaw sistemi ta' illuminazzjoni ta' postijiet pubbliċi li jużaw anqas enerġija.

23 Ninkoraġġixxu skemi ta' enerġija nadifa u mġedda mmexxija mill-komunità, fejn il-persuni li jgħixu fil-lokalità jibbenefikaw direttament mill-enerġija prodotta.

24 Nagħtu aktar *ownership* u riżorsi lill-Kunsilli Lokali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-immaniġġjar tal-iskart.

## KUNSILLI KULTURALI

25 Ninkoraġġixxu lill-Kunsilli Lokali biex jagħtu spazju u promozzjoni lil artisti mill-komunità tagħhom.

26 Ninċentivaw lill-Kunsilli Lokali biex jorganizzaw u jappoġġjaw aktar attivitajiet kulturali.

## KUNSILLI SPORTIVI

27 Il-Kunsill Lokali jagħti aktar importanza lill-attivitajiet sportivi u ta' attività fiżika, li jkunu mmirati l-aktar lejn tfal sabiex nippromwovu s-saħħa u *healthy lifestyle*.

## KONSULTAZZJONI EFFETTIVA

28 Naraw li l-Kunsilli Lokali jiġu infurmati u kkonsultati b'mod adegwat meta jkun se jsir proġett maġġuri li jħalli impatt fuq il-komunità.

29 Din il-proposta tmur flimkien mal-fatt li se nagħtu lill-Kunsilli Lokali konċernati vot f'każijiet ta' ppjanar ta' proġetti maġġuri fil-lokalità tagħhom.

30 Nagħtu l-fakultà lill-Kunsill Lokali li jkun jista' jagħmel kawża u jidher għaċ-ċittadini tal-lokal fi kwistjonijiet ta' importanza għall-komunità.

20

# MALTA MALTIJA, EWROPEA, MEDITERRANJA

- Naħdmu biex Malta ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea
- Ħidma immedjata għall-Presidenza EU 2017
- Insaħħu u ntejbu r-relazzjonijiet ta’ pajjiżna anki lil hinn mill-Unjoni Ewropea
- Ambaxxati Maltin vetrina għal pajjiżna





“Il-Presidenza
tal-Unjoni Ewropea fl-2017
għandha tkun mument ta’
għaqda nazzjonali.”

# 20

## MALTA FL-UNJONI EWROPEA

1 Nimpenjaw ruħna li pajjiżna nagħtuh rwol aktar attiv u b'saħħtu fl-Unjoni Ewropea biex leħen Malta jinstema' aktar u naħdmu biex l-Ewropa jkollha dimensjoni mhux biss ekonomika, iżda wkoll waħda aktar soċjali u ambjentali.

2 Insaħħu l-effiċjenza u t-trasparenza fil-mod ta' kif jiġu użati l-fondi li pajjiżna jirċievi mill-Unjoni Ewropea.

3 Nirreżistu attentati biex ikun hemm armonizzazzjoni tat-tassazzjoni mill-Unjoni Ewropea. Il-politika fiskali għandha tibqa' l-kompetenza ta' kull stat membru sovran.

4 Naħdmu biex nikkonvinċu lill-Unjoni Ewropea tirrevedi r-regolament Dublin II li jmur kontra l-interessi ta' pajjiżna, kontra l-interessi Ewropej u konta l-interessi tal-vittmi tal-immigrazzjoni irregolari.

5 Jinħatar politiku responsabbli għall-Affarijiet Ewropej, li jiffoka fuq il-politika Ewropea.

## PRESIDENZA EU 2017

6 Il-Presidenza tal-Unjoni Ewropea fl-2017 għandha tkun mument ta' għaqda nazzjonali. Għandu jkun mument li fih nuru lill-Ewropa, lid-dinja, bħalma għamilna drabi oħra, li minkejja ċ-ċokon tagħna Malta verament tista' tkun ma' ta' quddiem nett, issemma' leħinha, tiggwida, u tkattar ir-rispett. Irridu li tkun okkażjoni fejn insaħħu l-valuri Maltin, Mediterranji u Ewropej tagħna. Fuq kollox, iżda, irridu li dan ikun mument ta' għaqda nazzjonali, għax fl-aħħar mill-aħħar nemmnu li din verament għandha tkun esperjenza pożittiva għal kulħadd.

7 Għalhekk, Gvern Ġdid jibda minnufih bit-tħejjija għall-ewwel Presidenza Maltija tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Din hija sfida organizzattiva kbira u rridu nibdew naħdmu minn issa sabiex inkunu preparati bl-aħjar mod possibbli għal dan l-avveniment.

8 Nifthu immedjatament proċess ta' konsultazzjoni sabiex b'mod *bipartisan* nistabbilixxu l-prijoritajiet tal-Presidenza Maltija tal-Unjoni Ewropea fl-2017.

9 Nallokaw immedjatament fondi apposta kemm għall-ippjanar kif ukoll għat-taħriġ tal-istaff bħala preparamenti kontinwi għal dan l-avveniment importanti.

## MALTA F'MEDITERRAN ĠDID

10 Malta terġa' tibda tieħu rwol ewlieni u attiv fil-Mediterran Ġdid li qed jiżviluppa u fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari permezz ta' rwol attiv biex tinstab soluzzjoni paċifika għall-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina u għall-iżvilupp demokratiku tal-Afrika ta' Fuq.

11 Nieħdu rwol aktar attiv mhux biss mal-Gvernijiet ta' pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq iżda wkoll mas-soċjetà ċivili u ngħinu fl-iżvilupp tagħha.

12 Nippromwovu l-aspett edukattiv u ta' riċerka permezz tas-sehem ta' Malta fl-Unjoni tal-Mediterran.

13 Naraw b'determinazzjoni li fil-kuntest tar-regolamenti Ewropej jitħaffef u jkun iffaċilitat il-proċess tal-ħruġ ta' *visas* speċjalment għaċ-ċittadini Libjani.

## MALTA FID-DINJA

14 L-impenn tagħna huwa li l-politika barranija tagħna tkun iffukata mhux biss fuq l-Ewropa, iżda tagħti l-importanza mistħoqqa lir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-kumplament tad-dinja.

15 L-impenn u l-ħidma favur il-paċi, partikolarment f'reġjuni qrib tagħna bħal fil-Mediterran u l-Lvant Nofsani, ikunu fil-qalba tal-politika barranija ta' Gvern Ġdid.

16 Infittxu li jkollna relazzjonijiet eqreb u aktar produttivi mal-imsieħba ewlenin tagħna barra l-Unjoni Ewropea, fosthom iċ-Ċina, l-Istati Uniti, il-Libja, l-Awstralja, ir-Russja, it-Turkija, il-pajjiżi tal-Golf u tal-Lvant Nofsani, l-Indja u l-Brażil.

17 Naraw li Malta ttejjeb il-preżenza tagħha fl-Asja u l-Amerika Latina, li għandhom potenzjal kbir kemm għall-preżent kif ukoll għall-futur.

18 Nibdew nutilizzaw aktar il-qafas li joffri l-*Commonwealth* biex nippromwovu lil Malta bħala sieħba ideali fl-Ewropa u fil-Mediterran għal dawk il-pajjiżi f'kontinenti oħra.

19 Naraw li Malta tieħu rwol aktar attiv fl-għajnuna internazzjonali tal-iżvilupp *(international development aid)*.

## L-AMBAXXATI VETRINA GĦAL PAJJIŻNA

20 Insaħħu l-element kummerċjali u dak ta' attrazzjoni tal-investiment fl-ambaxxati u rappreżentanzi Maltin barra minn xtutna.

21 Naraw li ambaxxati Maltin f'pajjiżi magħżula jkollhom fl-istaff tagħhom persuni li jiffukaw aktar fuq attrazzjoni ta' investiment.

22 Nagħmlu mill-ambaxxati Maltin vetrina għall-artisti u għat-talent Malti u Għawdxi.

## MALTIN LI JGĦIXU BARRA

23 Naġġornaw il-liġi elettorali biex il-Maltin li jgħixu barra u li huma eliġibbli għall-vot ikunu jistgħu jivvutaw f'dawk il-pajjiżi mingħajr ma jiġu Malta biex jagħmlu dan.

24 Nużaw għall-ġid ta' pajjiżna l-kapaċitajiet kbar u l-kuntatti li għenu lil diversi Maltin li jgħixu barra minn Malta jiddistingwu ruħhom u jagħmlu suċċess.

25 Inniedu proġett iffukat fuq informazzjoni, assistenza u organizzazzjoni sabiex jinkoraġġixxi żjarat minn anzjani Maltin u Għawdxin mill-komunitajiet barra minn Malta biex jiġu f'pajjiżna biex jaqtgħu xewqithom u tgħinhom jegħlbu s-solitudni. Dan isir mingħajr piż fuq it-*taxpayers*.

26 Inniedu proġett biex il-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jkunu jafu aktar dwar l-istorja tal-immigrazzjoni ta' Maltin u Għawdxin lejn pajjiżi oħra mill-aspetti demografiċi, soċjali, ekonomiċi u anki politiċi.

27 Nassiguraw li jkun hemm aktar konsultazzjoni mal-komunitajiet Maltin barra, u li jitwettqu l-proġetti mfassla mill-Konvenzjoni tal-Maltin ta' Barra, fil-qafas tal-kunsill maħtur biex jirrappreżenta lil dawn il-komunitajiet.

Dan il-manifest elettorali
huwa *roadmap* ċara
ta' fejn irridu naslu flimkien.

Gvern Ġdid ikollu politiku
responsabbli biex jassigura
li dak li ġie mwiegħed f'dan
il-manifest, jitwettaq.

Pajjiżna jixraqlu bidla għall-aħjar.

**Malta tagħna lkoll.**



Partit Laburista

Ċentru Nazzjonali Laburista,
Triq Mile End,
il-Ħamrun HMR1717, Malta

**T** 00356 21 249 900
**E** info@josephmuscat.com

www.josephmuscat.com

Malta
tagħna lkoll

Partit Laburista

josephmuscat.com

